

Kummissjoni Ewropea

**Dokument ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-PRTR
(Reġistru tar-Rilaxx u t-Trasferiment ta' l-Inkwinanti)
Ewropew**

31 ta' Mejju 2006

Werrej

Taqsiriet.....	1
Introduzzjoni.....	3
Kif għandha tintuża/tinqara l-gwida?	5
Parti 1: Gwida.....	8
1.1 Faċilitajiet	8
Min għandu jirraporta?	8
1.1.1 Faċilitajiet, attivitajiet u valuri limitu tal-kapaċità li r-Regolament E-PRTR japplika għalihom.....	8
1.1.2 Attivitajiet ta' l-Anness I	9
1.1.3 Relazzjoni mad-Direttiva IPPC.....	11
1.1.4 Inkwinanti, valuri limitu għar-rilaxx u trasferiment 'il barra mis-sit.....	12
X' għandu jiġi rapportat u kif	15
1.1.5 Ġestjoni tad-data	20
1.1.6 L-identifikazzjoni tal-faċilità	21
1.1.7 Il-kodifikazzjoni ta' l-attivitajiet u l-identifikazzjoni ta' l-attività ewlenija ta' l-Anness I.....	24
1.1.8 Rilaxx fl-arja, fl-ilma u fl-art	25
1.1.9 It-trasferiment 'il barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma skartat.....	31
1.1.10 Trasferimenti ta' l-iskart 'il barra mis-sit	32
1.1.11 Kejl/kalkolu/stima tar-rilaxx u tat-trasferimenti 'l barra mis-sit.....	35
1.1.12 Assigurazzjoni ta' kwalità.....	50
1.2 Stati Membri	52
1.2.1 Identifikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' faċilitajiet li għalihom japplika r-Regolament E-PRTR.....	52
1.2.2 Indikazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti għal talbiet mill-pubbliku.....	53
1.2.3 Valutazzjoni tal-kwalità.....	55
1.2.4 Kunfidenzjalità ta' informazzjoni.....	57
1.2.5 Informazzjoni addizzjonali	61
1.2.6 Għoti ta' data; ġestjoni u trasferiment	61
1.2.7 Skeda.....	62
1.2.8 Tkabbir ta' l-għarfien.....	63
1.2.9 Penali.....	64
1.3 Il-Kummissjoni Ewropea	65
1.3.1 Id-Disinn u l-Istruttura ta' l-E-PRTR.....	65
1.3.2 Ġestjoni tad-data mill-Kummissjoni/ŻEE	66
1.3.3 Aċċess għat-tagħrif	66
1.3.4 Parteċipazzjoni pubblika.....	67
1.3.5 Tkabbir ta' l-għarfien.....	67
1.3.6 Koordinazzjoni ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-valutazzjoni tal-kwalità....	68
1.3.7 Rilaxx minn sorsi mxerrda.....	69
1.3.8 Reviżjoni ta' l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri	70
1.3.9 Informazzjoni addizzjonali	70
1.3.10 Skeda.....	70
1.3.11 Proċedura tal-kumitat.....	71

1.3.12 Emendi għall-Annessi	72
Glossarju	73
Parti II: Appendiċi	74
Appendiċi 1: Regolament dwar il-ħolqien ta' PRTR EWROPEW	74
Appendiċi 2: Tqabbil ta' l-attivitajiet ta' l-IPPC u l-E-PRTR.....	90
Appendiċi 3: Lista ta' metodi ta' kejl approvati internazzjonalment għal inkwinanti ta' l-arja u ta' l-ilma	105
Appendiċi 4: Sottu-lista speċifika ta' settur indikattiv ta' inkwinanti ta' l-arja	115
Appendiċi 5: Sottu-lista speċifika ta' settur indikattiv ta' inkwinanti ta' l-ilma	126
Appendiċi 6: Eżempji għall-irrapportar ta' rilaxx u trasferimenti barra mis-sit.....	139
Appendiċi 7: Referenzi	153

Taqsiriet

CEN	Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni
CORINAIR	Inventarju Bażiku ta' l-Emissjonijiet fl-Arja
DIN	Istitut Ġermaniż għall-Istandardizzazzjoni, assoċjazzjoni rreġistrata
EEA	L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent
EMAS	Skema għall-Ġestjoni u l-Awditjar Ambjentali
EMEP	Progaramm Kooperattiv għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tat-trasferiment fuq distanzi twal fl-Ewropa ta' l-inkwinanti ta' l-arja
EPER	Reġistru Ewropew ta' l-inkwinanti
E-PRTR	Reġistru Ewropew tar-Rilaxx u t-Trasferiment ta' l-inkwinanti
FAQ	Mistoqsijiet li jsiru ta' spiss
DG	Dokument ta' Gwida
IMPEL	Netwerk Ewropew għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Leġiżlazzjoni Ambjentali
IPCC	Bord Intergovernattiv dwar il-Bdil fil-Klima
IPPC	Prevenzjoni u Kontroll Integrati tat-Tniġġiż
ISO 14001	L-Istandard Internazzjonali għas-Sistemi tal-Ġestjoni ta' l-Ambjent – Rekwiżiti flimkien ma' gwida għall-użu, 2004
SM	Stat Membru
Kodiċi NACE	Kodiċi skond ir-Regolament 29/2002/KE tad-19 ta' Diċembru 2001 tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3037/90 tal-Kunsill dwar il-klassifika statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea

UN-ECE	Il-Kummissjoni Ekonomika tal-Ġnus Magħquda għall-Ewropa
US EPA	L-Aġenzija għall-Florsien ta' l-Ambjent (U.S.A.)
VDI	L-Assoċjazzjoni ta' l-Inġiniera Ġermaniżi
VOC	Sustanzi Organiċi Volatili.

Introduzzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istabiliment ta' Regjistru Ewropew tar-Rilaxx u t-Trasferiment ta' l-inkwinanti u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE¹ (ir-Regolament E-PRTR) kien ġie adottat fit-18 ta' Jannar 2006.

Dan id-dokument jipprovdi gwida dwar id-diversi proċessi ta' rapportar kif stabbiliti fir-Regolament E-PRTR.

Il-PRTR Ewropew (E-PRTR) għandu jimplimenta, fil-livell ta' l-UE, il-Protokoll ENECE li kien ġie ffirmat mill-Komunità Ewropea u t-23 Stat Membru f'Mejju ta' l-2003 fi Kiev u li huwa Protokoll tal-Konvenzjoni ta' Aarhus². L-E-PRTR għandu jieħu post ir-Regjistru Ewropew ta' l-Emissjonijiet li Jniġġżu (EPER³) skond liema Regjistru kien isir ir-rapportar tad-data għas-snin 2001 u 2004⁴.

Ir-Regolament E-PRTR għandu l-għan li jtejjeb l-aċċess tal-pubbliku għal tagħrif ambjentali permezz tal-ħolqien ta' E-PRTR koerenti u integrat, biex b'hekk finalment jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġiż, għall-provvista ta' data għal min jagħmel il-politika u għall-faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet ambjentali.

Ir-Regolament jistabbilixxi regjistru integrat tar-rilaxx u t-trasferiment ta' l-inkwinanti fuq livell Komunitarju f'forma ta' dejtabejż elettroniku aċċessibbli għall-pubbliku u jistabbilixxi r-regoli għall-operat tagħha, sabiex jimplimenta l-Protokoll UN-ECE dwar ir-Reġistri tar-Rilaxx u t-Trasferiment ta' l-inkwinanti u jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet ambjentali, kif ukoll biex jagħti kontribut fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġiż ta' l-ambjent.

Dan id-dokument ta' gwida ma jindirizzax il-kwistjonijiet relatati mal-ħolqien jew l-implimentazzjoni ta' obbligi li jirrigwardaw il-PRTRs nazzjonali skond il-Protokoll UN-ECE.

Artiklu 1

Suġġett

“Dan ir-Regolament jistabbilixxi regjistru integrat tar-rilaxx u t-trasferiment ta' l-inkwinanti fuq livell Komunitarju (minn hawn ‘il quddiem ‘il-PRTR Ewropew’) f'forma ta' dejtabejż elettronika aċċessibbli għall-pubbliku u jistabbilixxi r-regoli għall-operat tagħha, sabiex jimplimenta l-Protokoll UNECE dwar ir-Reġistri tar-Rilaxx u t-Trasferiment ta' l-inkwinanti (minn hawn ‘il quddiem ‘il-Protokoll’) u jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet ambjentali, kif ukoll biex jagħti kontribut fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġiż ta' l-ambjent.”

Kaxxa Nru 1: Regolament E-PRTR, Artiklu 1 (suġġett)

Skond il-punt 4 tar-Regolament E-PRTR, PRTR integrat u koerenti għandu jipprovdi, lill-

¹ It-test sħiħ tar-Regolament jinsab fl-Appendiċi 1 ta' dan id-Dokument ta' Gwida.

² Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Infommazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, Aarhus 1998.

³ ĠU L 192, 28.7.2000, p.36; Sit fuq l-internetInternet ta' l-EPER: www.eper.ec.europa.eu.

⁴ Bħala alternattiva, it-tagħrif seta' jiġi rapportat, skond l-EPER, għas-snin 2000 jew 2002 minflok l-2001.

pubbliku, lill-industrija, lix-xjentisti, lill-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni, lill-awtoritajiet lokali, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet, dejtabejż sod għal tqabbil u deċiżjonijiet futuri fi kwistjonijiet ambjentali.

Ir-Regolament E-PRTR jinkludi tagħrif speċifiku dwar ir-rilaxx ta' inkwinanti fl-arja, fl-ilma u fl-art u fuq it-trasferiment 'il barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma skartat. Din id-data għandha tiġi rapportata mill-operaturi ta' faċilitajiet li jwettqu attivitajiet speċifiċi. Barra minn hekk, l-E-PRTR jinkludi data dwar ir-rilaxx minn sorsi mferrxa, per eż. traffiku fuq it-toroq u tisħin domestiku, meta tali tagħrif ikun disponibbli.

Kif għandha tintuża/tinqara l-gwida?

L-Artiklu 14 tar-Regolament E-PRTR jipprovdi li l-Kummissjoni Ewropea għandha tfejji dokument ta' gwida li jappoġġja l-implimentazzjoni ta' l-E-PRTR malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn erba' xhur qabel il-bidu ta' l-ewwel sena ta' rapportar fl-2007 (jiġifieri l-1 ta' Settembru 2006). Dan id-Dokument ta' Gwida huwa maħsub sabiex jappoġġja l-implimentazzjoni ta' l-E-PRTR billi jindirizza, b'mod partikolari:

- il-proċeduri ta' rapportar;
- id-data li għandha tiġi rapportata;
- l-assigurazzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalità;
- il-kunfidenzjalità;
- id-determinazzjoni tar-rilaxx, metodi analitiċi u l-metodoloġiji tat-teħid tal-kampjuni;
- indikazzjoni tal-kumpaniji prinċipali; u
- il-kodifikazzjoni ta' l-attivitajiet.

(ara l-Kaxxa Nru 2: Regolament E-PRTR, Artiklu 14 (Dokument ta' Gwida))

<i>Artiklu 14</i> <i>Dokument ta' Gwida</i>
<i>(1) Il-Kummissjon għandha tipprepara dokument ta' gwida li jappoġġja l-implimentazzjoni ta' l-E-PRTR malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn erba' xhur qabel il-bidu ta' l-ewwel sena ta' rapportar u b'konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artiklu 19(1).</i>
<i>(2) Dan id-dokument ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-PRTR Ewropew għandu jindirizza, b'mod partikolari, dan li ġej:</i>
<i>(a) il-proċeduri ta' rapportar;</i>
<i>(b) id- data li għandha tiġi rapportata;</i>
<i>(c) l-assigurazzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalità;</i>
<i>(d) indikazzjoni tat-tip ta' data miżmuma u r-raġunijiet għaliex tkun inżammet fil-każ ta' data kunfidenzjali;</i>
<i>(e) referenza għall-metodi tad-determinazzjoni tar-rilaxx, metodi analitiċi u l-metodoloġiji tat-teħid tal-kampjuni approvati internazzjonalment;</i>
<i>(f) indikazzjoni tal-kumpaniji prinċipali;</i>
<i>(g) il-kodifikazzjoni ta' l-attivitajiet skond l-Anness I ta' dan ir-Regolament u skond id-Direttiva 96/61/KE.</i>

Kaxxa Nru 2: Regolament E-PRTR, Artiklu 14 (Dokument ta' Gwida)

Skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, l-operaturi tal-faċilitajiet li r-Regolament japplika għalihom għandhom jirrapportaw data speċifika lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn ikunu bbażati. L-awtoritajiet kompetenti imbagħad jittrażmettu dik id- data lill-Kummissjoni Ewropea li, sussegwentament, assistita mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA),

għandha l-obbligu li tagħmel it-tagħrif aċċessibbli għall-pubbliku fuq dejtabejż elettroniku.

Dan id-dokument jipprovdi gwida dwar id-diversi proċessi ta' rapportar kif stabbiliti fir-Regolament E-PRTR. Il-partijiet 1.1 (Faċilitajiet), 1.2 (Stati Membri) u 1.3 (Kummissjoni Ewropea) jirreferu għall-obbligi speċifiċi u ħtiġiet dwar tagħrif ta' dawk li għandhom interess fil-proċess tar-rapportar ⁵. Tagħrif ta' appoġġ huwa pprovdut fl-appendiċi. L-enfasi ewlenija tad-dokument ta' gwida huwa fuq it-tarf t'isfel tal-katina ta' tagħrif, fejn it-tagħrif jiġi ġenerat mill-operaturi tal-faċilitajiet, u fejn il-kwalità tat-tagħrif tiġi valutata mill-awtoritajiet kompetenti.

Il-figura 1 turi l-korrelazzjoni bejn il-fluss tad- data u l-istruttura ta' dan id-Dokument ta' Gwida u tindika l-artikli relatati fir-Regolament E-PRTR.




Figura 1: Il-fluss tad- data fil-PRTR Ewropew; l-istruttura tad-Dokument ta' Gwida E-PRTR u l-artikli relatati fir-Regolament E-PRTR.

⁵ Dawn huma, b'mod partikolari, l-operaturi tal-faċilitajiet li għalihom japplika r-Regolament: l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri; il-Kummissjoni Ewropea; u ż-ŻEE.

Dan id-dokument għandu jkun disponibbli f'10 lingwi⁶ fuq is-sit fuq l-internet (www.prtr.ec.europa.eu) flimkien ma' tagħrif relevanti ieħor bħall-mistoqsijiet li jsiru ta' spiss; tagħrif tal-proċess ta' verifika PRTR; u *links* ma' għaqdiet internazzjonali u siti fuq l-internet nazzjonali tal-PRTR.

B'konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artiklu 19(1) tar-Regolament E-PRTR, il-Kummissjoni għandha tirrevedi u, meta jkun hemm il-ħtieġa, temenda dan id-dokument ta' gwida.

⁶ Hemm il-ħsieb li d-dokument ikun disponibbli fil-lingwi li ġejjin: Iċ-Ċek, Il-Ġermaniż, Il-Grieg, I-Ungeriż, Il-Franċiż, it-Taljan, il-Pollakk, il-Portugiż u l-Ispanjol.

Parti 1: Gwida

1.1 Faċilitajiet

Skond l-Artiklu 2(4) tar-Regolament E-PRTR, “faċilità” tfisser “*impjant wieħed jew aktar fuq l-istess sit li jiġu operati mill-istess persuna fiżika jew ġuridika*”.⁷ 'L-istess sit' tfisser l-istess post u hija kwistjoni ta' valutazzjoni għal kull faċilità. Sit ma jsirx żewġ siti sempliċiment għax żewġ biċċiet art ikunu separati minn barriera fiżika bħal triq, ferrovija jew xmara.

Min għandu jirrapporta?

1.1.1 Faċilitajiet, attivitajiet u valuri limitu tal-kapaċità li r-Regolament E-PRTR japplika għalihom

Skond l-Artiklu 5 tar-Regolament E-PRTR (ara l-Kaxxa Nru 3), l-operaturi tal-faċilitajiet li jidhru għal xi waħda jew aktar mill-attivitajiet speċifikati fl-Anness I tar-Regolament E-PRTR huma obbligati li jirrapportaw tagħrif speċifiku jekk jinqabżu l-limiti ta' kapaċità applikabbli, Anness I tar-Regolament E-PRTR, u l-limitu ta' rilaxx, Kolonna 1a, b u ċ tat-tabella li tidher fl-Anness II tar-Regolament E-PRTR, u/jew il-limiti ta' kapaċità applikabbli u l-limitu ta' trasferiment 'il barra mis-sit ta' l-inkwinanti fl-ilma skartat, Kolonna 1b tat-tabella li tidher fl-Anness II tar-Regolament E-PRTR jew, fil-każ ta' l-iskart, 2 tunnellati ta' skart perikoluż jew 2 000 tunnellata ta' skart mhux perikoluż.

⁷ It-tifsiriet tat-termini “il-pubbliku”, “awtorità kompetenti”, “impjant”, “faċilità”, “sit”, “operatur”, “sena ta' rapportar”, “sustanza”, “inkwinant”, “rilaxx”, trasferiment 'il barra mis-sit”, “sorsi mxerrda”, “skart”, “skart perikoluż”, “ilma mormi”, “rimi” u “rkupru” huma elenkati fl-Appendiċi 1 (ara l-Artiklu 2 tar-Regolament E-PRTR).

Artiklu 5: Rapportar mill-Operaturi

I. L-operatur ta' kull faċilità li tidħol għal xi waħda jew aktar mill-attivitàjiet speċifikati fl-Anness I 'il fuq mil-limiti ta' kapaċità applikabbli speċifikati hemm għandu jirrapporta l-ammonti ta' kull sena lill-awtorità kompetenti, flimkien ma' indikazzjoni dwar jekk it-tagħrif huwiex ibbażat fuq kejl, kalkolu jew stima, ta' dan li ġej:

- (a) ir-rilaxx fl-arja, fl-ilma u fl-art ta' kull inkwinant speċifikat fl-Anness II li, fir-rigward tagħha, jinqabeż il-valur limitu applikabbli speċifikat fl-Anness II;*
- (b) it-trasferiment 'il barra mis-sit ta' skart perikoluż f'ammont aktar minn 2 tunnellati fis-sena jew ta' skart mhux perikoluż f'ammont ta' aktar minn 2 000 tunnellata fis-sena, kull operazzjoni ta' rkupru jew rimi bl-eċċezzjoni ta' l-operazzjonijiet ta' rimi tat-trattament fl-art u l-injezzjoni fil-fond imsemmija fl-Artiklu 6, b'indikazzjoni bl-ittri "R" jew "D" rispettivament, dwar jekk l-iskart huwiex maħsub għall-irkupru jew għar-rimi u, fil-każ ta' muvimenti ta' skart perikoluż li jaqsmu l-konfini, l-isem u l-indirizz ta' min iwettaq l-irkupru jew min jarmi l-iskart u s-sit attwali ta' l-irkupru jew ir-rimi;*
- (c) it-trasferiment 'il barra mis-sit ta' xi inkwinant speċifikat fl-Anness II fl-ilma skartat maħsub għat-trattament ta' l-ilma skartat li għalih il-valur limitu speċifikat fil-kolonna 1b ta' l-Anness II ikun inqabeż.*

...

Ir-rilaxx imsemmi fl-Anness II rapportat skond il-paragrafu I(a) għandu jinkludi r-rilaxx kollu mis-sorsi kollha inklużi fl-Anness I fis-sit tal-faċilità.

2. It-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi tagħrif dwar ir-rilaxxi u t-trasferiment ili li jirriżultaw bħala ammonti totali għall-attivitàjiet kollha maħsuba, aċċidentali, ta' rutina u mhux ta' rutina.

Meta jgħaddu dan it-tagħrif, l-operaturi għandhom jispeċifikaw, meta tkun disponibbli, id-data li tirrigwarda r-rilaxx aċċidentali.

...

Kaxxa Nru 3: Regolament E-PRTR, Artiklu 5 (silta: Il-faċilitajiet ikkonċernati)

1.1.2 Attivitajiet ta' l-Anness I

L-Anness I tar-Regolament E-PRTR jelenka 65 attività. L-Anness I jippermetti lill-operaturi li jistabbilixxu jekk humiex effettwati mill-obbligi ta' rapportar assoċjati.

L-attivitàjiet huma mqassma f'9 setturi ta' attività:

1. l-enerġija;
2. il-produzzjoni u l-ipproċessar tal-metall;
3. l-industrija tal-minerali;
4. l-industrija tal-kimika;
5. il-ġestjoni ta' l-iskart u l-ilma skartat;
6. il-produzzjoni u l-ipproċessar tal-karta u l-injam;
7. il-produzzjoni intensiva ta' animali ħajjin u l-akwakultura;
8. il-prodotti mill-animali u l-ħaxix mis-settur ta' l-ikel u x-xorb; u

9. attivitajiet oħrajn.

L-Anness I tar-Regolament E-PRTR jinkludu tabella li:

- tispeċifika numru ta' kodiċi għal kull attività (I-1 kolonna);
- tipprovdi deskrizzjoni fil-qosor ta' attivitajiet speċifiċi (it-2 kolonna); u
- tistipula valur limitu għal x'uħud minn dawn "l-attivitajiet ta' l-Anness I" (it-3 kolonna).

Ir-rapportar huwa meħtieġ jekk l-valur limitu tal-kapaċità u l-valur limitu tar-rilaxx jew it-trasferiment 'il barra mis-sit ta' l-inkwinanti fl-ilma skartat jew fl-iskart jinqabżu. Jekk il-valuri jilħqu, iżda ma jaqabżux, il-valur limiti, ir-rapportar ma jkunx meħtieġ. Jekk ma jkun speċifikat l-ebda valur limitu ta' kapaċità, il-faċilitajiet kollha ta' l-attività rilevanti huma suġġetti għar-rapportar jekk jinqabeż xi valur limitu tar-rilaxx. Jekk jinqabżu biss il-valuri limitu tal-kapaċità iżda l-valuri limitu tar-rilaxx jew tat-trasferiment 'il barra mis-sit ma jinqabżux, ir-rapportar ma jkunx meħtieġ.

Jekk xi operatur iwettaq diversi attivitajiet li jaqgħu taħt l-istess attività ta' l-Anness I fl-istess faċilità fl-istess sit, il-kapaċitajiet ta' tali attivitajiet (per eż. il-volum tat-trattament tat-tankijiet) għandhom jingħaddu flimkien. Il-kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' attivitajiet individwali għandhom jiġu aggregati fil-livell ta' l-attivitajiet ta' l-Anness I. It-total ta' l-attivitajiet imbagħad jitqabbel mal-valur limitu ta' kapaċità għall-Attività speċifika ta' l-Anness I kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament E-PRTR.

Jekk xi operatur ikollu xi dubju dwar jekk l-attivitajiet li jwettaq humiex soġġetti għall-Anness I jew le, għandu jagħmel kuntatt ma' l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru.

1.1.3 Relazzjoni mad-Direttiva IPPC

Ir-Regolament E-PRTR jipprovdi għall-implimentazzjoni, fil-livell tal-Komunità, tal-Protokoll PRTR ta' l-UN-ECE. B'mod ġenerali, il-Protokoll jinkludi l-attivitajiet stipulati fl-Anness I tad-Direttiva IPPC (li hija identika ma' l-Anness A3 tad-Deċiżjoni EPER). Madankollu, il-Protokoll u l-Anness I tar-Regolament E-PRTR jinkludi diversi emendi u attivitajiet addizzjonali meta mqabbel ma' l-Anness I tad-Direttiva IPPC.

L-emendi huma kif ġej:

- xi attivitajiet mhux koperti mid-Direttiva IPPC huma koperti mir-Regolament E-PRTR (“attivitajiet ġodda”), li huma:
 - 1(e) Impjanti għall-ipproċessar tal-faħam (*rolling*) b'kapaċità ta' tunnellata fis-siegħa;
 - 1(f) Impjanti għall-manifattura tal-prodotti mill-faħam u fjuwil solidu li ma jdaħħanx;
 - 3(a) Minjieri sotterranji u attivitajiet relatati;
 - 3(b) Minjieri miftuħin fil-wiċċ u xogħol ta' barrieri meta s-superfiċje taż-żona effettivament inkluża fl-operazzjonijiet ta' estrazzjoni tilħaq il-25 ettaru;
 - 5(f) Impjanti għall-ipproċessar ta' l-ilma skartat fl-ibliet b'kapaċità ekwivalenti ma' popolazzjoni ta' 100 000.
 - 5(g) Impjanti għall-ipproċessar ta' l-ilma skartat mill-industrija mħaddma b'mod indipendenti li jservu xi waħda jew aktar mill-attivitajiet ta' l-Anness I tar-Regolament E-PRTR b'kapaċità ta' 10 000 m³ kull jum;
 - 6(b) Impjanti industrijali għall-produzzjoni ...u **prodotti oħra ewlenin mill-injam** (bħal *chipboard*, *fibreboard* u *plywood*) b'kapaċità ta' produzzjoni ta' 20 tunnellata kull jum;
 - 6(c) Impjanti industrijali għall-priservazzjoni ta' l-injam u l-prodotti ta' l-injam bl-użu tal-kemikali b'kapaċità ta' produzzjoni ta' 50 m³ kull jum;
 - 7(b) Akwakultura intensiva b'kapaċità ta' produzzjoni ta' 1 000 tunnellata ta' ħut jew frott tal-baħar bil-qoxra fis-sena;
 - 9(e) Impjanti għall-bini tal-vapuri u ż-żebgħa jew it-tneħħija taż-żebgħa mill-vapuri li jieħdu vapuri b'tul ta' 100 metru.
 - Billi ħafna operatori tal-faċilitajiet huma diġà familjari mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva IPPC, tqabbil tad-differenzi bejn id-Direttiva IPPC u r-Regolament E-PRTR huwa ta' għajjnuna għall-faċilitazzjoni tal-faċilitajiet addizzjonali rilevanti..

Tabella 21: Tqabbil ta' l-attivitajiet ta' l-Anness I ta' l-IPPC ma' l-attivitajiet ta' l-Anness I ta' l-E-PRTR

- fl-Appendiċi 2 juri fid-dettal il-bidliet fir-rigward ta' l-attivitajiet industrijali skond iż-żewġ dispożizzjonijiet;
- l-allokazzjoni ta' kodiċijiet ġodda għall-attivitajiet⁸; u
- l-aġġustamenti u/jew il-kjarifiki tat-test għal diversi attivitajiet.

L-Appendiċi 6 tad-Dokument ta' Gwida jagħti eżempju li juru kif il-faċilitajiet jistgħu jiġu identifikati.

Diversi FAQs taħt id-Direttiva IPPC għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit fuq l-internet ta' l-IPPC⁹.

1.1.4 Inkwinanti, valuri limitu għar-rilaxx u trasferiment 'il barra mis-sit

Jekk xi attività speċifikata fl-Anness I tar-Regolament E-PRTR titwettaq u l-valur limitu tal-kapaċità għaliha jinqabeż, hemm l-obbligu li jiġu rapportati r-rilaxx u t-trasferimenti 'il barra mis-sit; bil-kundizzjoni addizzjonali li ċerti valuri limitu għar-rilaxx jew ċerti valuri limitu għat-trasferiment 'il barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma skartat ma'nsub għall-ipproċessar ta' l-ilma skartat jew il-valuri limitu għall-iskart iridu jinqabżu wkoll. Għar-rilaxx ta' l-inkwinanti fl-arja, fl-ilma u fl-art u għat-trasferimenti 'il barra mis-sit fl-ilma skartat, il-valuri limitu korrispondenti huma speċifikati għal kull inkwinant fl-Anness II tar-Regolament E-PRTR (ara l-Appendiċi 1)¹⁰.

Fil-każ tat-trasferimenti 'il barra mis-sit, il-valuri limitu huma 2 tunnelli fis-sena fil-każ ta' l-iskart perikoluż¹¹ u 2 000 tunnelli fis-sena fil-każ ta' l-iskart mhux perikoluż (ara l-Kaxxa Nru 3: Regolament E-PRTR, Artiklu 5 (silta: il-faċilitajiet ikkonċernati)).¹²

L-Anness II tar-Regolament E-PRTR jelenka l-91 inkwinant li huma rilevanti għar-rapportar

⁸ Il-kodiċi IPPC tikkonsisti f'żewġ figuri. Il-kodiċi E-PRTR hija magħmula minn figura waħda u ittra. Per eżempju, il-kodiċi ta' l-attività IPP 1.3 ("Fran tal-kokk" fl-intestatura "industriji ta' l-enerġija") jikkorrispondi mal-kodiċi ġdida E-PRTR 1(d) ("Fran tal-kokk" fl-intestatura "industriji ta' l-enerġija"). Għal aktar dettalji, ara l-Appendiċi 2 ta' din il-gwida.

⁹ <http://www.europa.eu.int/comm/environment/ippc>

¹⁰ Għal aktar dettalji dwar ir-rapportar tar-rilaxx fl-arja, fl-ilma u fl-art ara l-kapitlu 1.1.8. Għal aktar dettalji dwar ir-rapportar ta' trasferimenti 'il barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma mormi ara l-kapitlu 1.1.9.

¹¹ Il-piż rilevanti huwa l-piż nett (normali) ta' l-iskart

¹² Għal aktar dettalji dwar ir-rapportar tat-trasferimenti ta' l-iskart 'il barra mis-sit ara l-kapitlu 1,1,10..

skond I-E-PRTR. L-inkwinanti huma speċifikati permezz ta' numru konsekuttiv, in-numru CAS, meta jkun disponibbli, u l-isem ta' l-inkwinant.

L-Anness II tar-Regolament E-PRTR jinkludi l-50 inkwinant li huma rilevanti għar-rapportar skond id-Deċiżjoni EPER. Il-valur limitu għall-inkwinant Nru 47 (PCDD u PCDF), **madankollu, tnaqqas b'fattur ta' 10** u, sabiex tkun żgurata l-konsistenza ma' l-obbligi tar-rapportar ta' rilaxx ieħor, l-inkwinant idrokarburi poliċikliċi aromatiċi (PAH) inqasam fi tliet inkwinanti separati:

- 72 (idrokarburi poliċikliċi aromatiċi inklużi il-*benzo(a)pyrene*, il-*benzo(a)fluoranthene*, il-*benzo(k)fluoranthene* u l-*indeno(1,2,3-cd)pyrene*);
- 88 (*fluoranthene*); u
- 91 (*benzo(g,h,i)perylene*).

In-noti tal-qiegħ ta' l-Anness II tar-Regolament E-PRTR jipprovdu aktar speċifikazzjonijiet għall-inkwinanti individwali. Per eżempju hemm speċifikat li l-inkwinant Nru 4 (idrofluworokarburi jew HFCs) għandu jiġi rapportat bħala l-massa totali ta' HFC23, HFC32, HFC41, HFC4310mee, HFC125, HFC134, HFC134a, HFC152a, HFC143, HFC143a, HFC227ea, HFC236fa, HFC245ca, HFC365mfc. Eżempju ieħor huwa l-inkwinant Nru 47 (PCDD u PCDF) li għandu jiġi indikat bħala l-Teq. Is-sit fuq l-internet ta' l-E-PRTR¹³ għandu jipprovdi deskrizzjoni ta' l-inkwinanti rilevanti kollha.

L-Anness II tar-Regolament E-PRTR jispeċifika wkoll, għal kull inkwinant, valur limitu annwali għar-rilaxx f'kull midjum rilevanti (l-arja, l-ilma, l-art). Il-valuri limitu għar-rilaxx fl-ilma japplikaw ukoll fir-rigward tat-trasferiment 'il barra mis-sit ta' l-inkwinanti fl-ilma skartat maħsub għall-ipproċessar. Meta ma jingħata l-ebda valur limitu, il-parametri u l-midjum ikkonċernati ma jwasslu għall-ebda obbligu ta' rapportar.

Ir-rilaxx ta' inkwinanti li jidhru f'diversi kategoriji (ta' inkwinanti) għandu jiġi rapportat għal kull waħda minn dawn il-kategoriji jekk jinqabżu l-valuri limitu. Billi, per eżempju, l-*1,2-dichloroethane* huwa NMVOC, ir-rilaxx ta' l-inkwinant Nru 34 (*1,2-dichloroethane*) huwa inkluż ukoll ma' l-inkwinant Nru 7 (NMVOC). Fil-każ tat-*tributyltin* u t-*triphenyltin* (komposti ta' l-organotin), ir-rilaxx ta' l-inkwinant Nru 74 (it-*trybutyltin* u l-komposti tiegħu) u n-Nru 75 (it-*triphenyltin* u l-komposti tagħha) huma wkoll inklużi ma' l-inkwinant Nru 69 (il-komposti ta' l-organotin bħala Sn totali).

¹³ www.prtr.ec.europa.eu

X'għandu jiġi rapportat u kif

Ir-rilaxx u t-trasferiment 'il barra mis-sit rapportati għandhom ikunu t-totali tar-rilaxx u t-trasferimenti 'l barra mis-sit li jirriżultaw minn kull **attività maħsuba, aċċidentali, ta' rutina u mhux ta' rutina** fis-sit tal-faċilità.

- Ir-rilaxx **aċċidentali** huwa kull rilaxx li mhux maħsub, ta' rutina jew mhux ta' rutina u li jirriżulta minn żviluppi mhux kontrollati matul l-operazzjoni ta' attivitajiet ta' l-Anness I fis-sit tal-faċilità.
- L-attivitajiet **mhux ta' rutina** huma attivitajiet straordinarji li jitwettqu matul operazzjonijiet ikkontrollati ta' l-Anness I u li jistgħu jwasslu għal żieda fir-rilaxx ta' l-inkwinanti; per eżempju t-twaqqif u t-tħaddim mill-ġdid ta' xi proċess qabel u wara l-manutenzjoni.

Ir-rilaxx fl-arja, fl-ilma u fl-art għandu jinkludi r-rilaxx kollu mis-sorsi kollha inklużi fl-Anness I tar-Regolament E-PRTR fis-sit tal-faċilità, għalkemm hemm kunsiderazzjonijiet speċjali għar-rilaxx fl-art, kif deskritt fl-Artiklu 1.1.8.3. Dan jinkludi wkoll ir-rilaxx **bħala telf u diffus mill-faċilitajiet** kif indirizzat fil-BREF¹⁴ ta' monitoraġġ ta' l-IPPC.

Jekk it-total tar-rilaxx f'midjum wieħed (l-arja, l-ilma jew l-art) ta' xi inkwinant mill-attivitajiet kollha ta' l-Anness I f'xi faċilità jaqbeż il-valuri limitu tar-rilaxx korrispondenti għal dak il-midjum, ir-rilaxx irid jiġi rapportat.

Għandhom jiġu kkunsidrati l-inkwinanti kollha ta' l-Anness I li huma rilevanti għall-proċessi operati f'dik il-faċilità u li jistgħu, għalhekk, jinstabu fir-rilaxx u t-trasferimenti 'l barra mis-sit ta' l-ilma skartat tal-faċilità. Din il-kunsiderazzjoni m'għandix tkun limitata għal dawk l-inkwinanti li huma elenkati fil-permess tal-faċilità.

Attività hija normalment relatata ma' spettru tipiku ta' rilaxx ta' inkwinanti. L-Appendiċi 4 u 5 (**sottoelenku indikattiv ta' l-inkwinanti speċifiċi għas-settur**) ta' dan id-dokument ta' gwida jinkludi żewġ tabelli li jipprovdu lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti eżempju ta' l-inkwinanti li jistgħu jiġu rilaxxati matul xi attività speċifika rilevanti ma' l-E-PRTR.

Iż-żewġ tabelli huma indikazzjoni biss u m'għandhomx jiġu interpretati bħala xi elenku standard tal-parametri ta' xi sottosetturi speċifiċi. Sabiex jiġi deċiż liema parametri huma rilevanti għal kull impjant speċifiku, għandha ssir referenza għall-Appendiċi 4 u 5 flimkien ma' tagħrif inkluż fil-Valutazzjonijiet ta' l-Impatt Ambjentali (EIAs), l-applikazzjonijiet għall-permessi, ir-rapporti ta' l-ispezzjoni tas-sit, id-dokumenti dwar kif jimxu l-proċessi, il-bilanċi tal-materjali, tagħrif dwar operazzjonijiet simili x'imkien ieħor, valutazzjonijiet fil-qasam ta' l-inġinerija, letteratura ppubblikata u riveduta minn persuni bi kwalifiki simili u r-riżultati ta' eżerċizzji ta' kejl preċedenti. Bħala riżultat, jista' jkun li, għal ċerta attività, ikunu jridu jiġu

¹⁴ <http://eippcb.jrc.es/pages/FAbout.htm> ara, b'mod partikolari, il-Kapitlu 3 tad-dokument imsejjaħ "Sistema ta' Monitoraġġ" (BREF 07.03.)

kkunsidrati inqas jew, possibilment, aktar, inkwinanti.

Meta xi faċilità li twestaq attività rilevanti għall-E-PRTR tirrilaxxa inkwinanti addizzjonali (aktar mill-valur limitu rilevanti) mhux speċifikati għal dik l-attività fit-tabelli, iżda inklużi fl-Anness II tar-Regolament E-PRTR, l-inkwinanti jridu jiġu rapportati. It-tabelli ma jeħilsux lill-operatur mir-responsabbiltà li jirrapporta r-rilaxx ta' dawn l-inkwinanti skond l-Artiklu 5 tar-Regolament E-PRTR.

Ir-rapportar mill-operatur ta' xi faċilità, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ikun jinkludi inqas inkwinanti milli huwa elenkat fl-Appendiċi 4 jew 5. Fil-prattika, l-inkwinanti ta' l-Anness II li huma rilevanti għall-finijiet tar-rapportar jiġu deċiżi għal kull faċilità, każ b'każ. Kampanji estensivi tal-monitoraġġ tar-rilaxx għandhom jiġu evitati. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, testijiet tal-plawsibilità jkunu biżżejjed biex jiġi determinat jekk ċertu inkwinant ikunx ġie rilaxxat f'ammont akbar mill-valur limitu; f'każ ta' dubju, kejl rappreżentattiv għandu mnejn jirriżulta f'aktar ċertezza dwar ir-rapportar komplet.

L-ammont diġa preżenti ta' xi inkwinant fl-ilma għandu jitqies. Per eżempju, jekk xi ilma jinġabar fis-sit tal-faċilità minn xi xmara, għadira jew baħar viċin, sabiex jintuża f'xi proċess jew bħala ilma tat-tekst, u wara jiġi rilaxxat mis-sit tal-faċilità fl-istess xmara, għadira jew baħar, ir-"rilaxx" ikkawżat mill-ammont diġà preżenti ta' dak l-inkwinant jista' jtnaqqas mit-total tar-rilaxx tal-faċilità. Il-kejl ta' l-inkwinanti fl-ilma miġbur u fl-ilma rilaxxat irid isir b'tali mod li jiżgura li jkun rappreżentattiv tal-kundizzjonijiet li jseħħu matul il-perjodu ta' rapportar. Jekk iż-żieda fl-ammont ta' xi inkwinant tirriżulta mill-użu ta' l-ilma estratt mill-art jew mill-ilma tax-xorb, mgħandiex titnaqqas billi żżid l-ammont ta' inkwinant fix-xmara, l-għadira jew il-baħar.

Jekk il-konċentrazzjonijiet fir-rilaxx ikunu **inqas mil-limiti tad-determinazzjoni (kwantifikazzjoni)** dan mhux dejjem jippermetti l-konklużjoni li l-valuri limitu ma jkunux inqabżu. Per eżempju: f'volumi kbar ta' ilma skartat jew arja ta' l-egżost iġġenerati mill-faċilitajiet, l-inkwinanti jistgħu jkunu "dilwiti" taħt il-livell tad-determinazzjoni, għalkemm il-valur limitu annwali jkun inqabeż. Proċeduri li jistgħu jintużaw għad-determinazzjoni tar-rilaxx f'tali każijiet jinkludu kejl aktar viċin tas-sors (per eż. kejl fi flussi parzjali qabel jidhru f'impjant tat-trattament ċentrali) u/jew stima tar-rilaxx, jiġifieri fuq il-bażi tar-rati ta' l-eliminazzjoni ta' l-inkwinanti fl-impjant tat-trattament ċentrali.

Jekk xi faċilità twestaq kemm Attivitajiet ta' l-Anness I kif ukoll **Attivitajiet mhux ta' l-Anness I**, huwa meqjus konsistenti mar-Regolament li r-rilaxx u t-trasferimenti 'l barra mis-sit ta' l-attivitajiet mhux ta' l-Anness I jiġu esklużi mid-data rapportata. Meta ma jkunx possibbli li l-kontribut ta' l-Attivitajiet mhux ta' l-Anness I jiġi separat u kwantifikat, per eż. meta ma jkun hemm l-ebda post minn fejn jittieħdu kampjuni ta' l-attivitajiet mhux ta' l-Anness I (fil-każ ta' sistemi tad-dranaġġ intriċċati ħafna), jista' jkun aktar prattiku u effettiv f'termini ta' spejjeż, li l-attivitajiet mhux ta' l-Anness I jiġu rapportati flimkien ma' l-attivitajiet ta' l-Anness I.

Ir-rilaxx u t-trasferiment 'il barra mis-sit li joriġinaw minn miżuri ta' rimedju (per eżempju id-dekontaminazzjoni ta' ħamrija jew ilma mniġġża) fis-sit tal-faċilità għandhom jiġu rapportati jekk il-kontaminazzjoni oriġinali tkun relatata ma xi attività ta' l-anness I li tkun għada titwettag.

Ir-rilaxx u t-trasferimenti 'l barra mis-sit ta' ilma skartat għandhom jiġu rapportati f'termini tal-kwantitajiet ta' inkwinanti rilaxxati bħala kg/sena. It-trasferimenti 'l barra mis-sit ta' l-iskart għandhom jiġu rapportati f'termini tal-kwantitajiet ta' l-iskart bħala tunnelli/sena. Barra minn hekk, tagħrif dwar il-metodu użat għall-ksib tat-tagħrif fil-każ tar-rapportar ta' l-inkwinanti, it-tip ta' l-iskart (perikoluż, mhux perikoluż) u t-trattament ta' l-iskart ippjanat (rkupru, rimi) iridu jiġu rapportati. Fil-każ tat-trasferiment ta' skart perikoluż li jaqsam il-konfini, id-destinazzjoni ta' l-iskart (l-isem u l-indirizz ta' min jirkupra/jarmi u l-indirizz tas-sit attwali ta' l-irkupru/rimi) huma meħtieġa.

L-operaturi huma obbligati li jspecifikaw kull data relatata mar-rilaxx aċċidentali meta tali tagħrif ikun disponibbli jekk it-total tar-rilaxx kollu (maħsub, aċċidentali, ta' rutina, mhux ta' rutina) jaqbeż il-valuri limitu rispettivi. Il-valutazzjoni hija partikolarment rilevanti meta jsir ir-rapportar dwar ir-rilaxx, għaliex id-data dwar tali rilaxx ma tkunx neċessarjament disponibbli immedjatament għall-operatur.

Il-kwantità tar-rilaxx aċċidentali għandha tiġi inkluża fil-kwantità totali tar-rilaxx (per eżempju: rilaxx aċċidentali = 1 kg/sena: rilaxx maħsub, ta' rutina u mhux ta' rutina = 10 kg/sens; → →rilaxx totali = 11 kg/sena).

Normalment huwa possibbli li r-rilaxx aċċidentali jiġi kwantifikat. Il-kwantifikazzjoni tista', per eżempju, tkun possibbli fuq il-bażi tad-determinazzjoni tal-kwantitajiet residwi fil-pajpijiet jew fit-tankijiet jew billi jiġi kkunsidrat it-tul tal-ħin tar-rilaxx aċċidentali u billi dan jiġi relatat mar-rati stmati tal-fluss. F'każijiet partikolari jista', madankollu, ikun impossibbli li tinkiseb data bbażata fuq stimi għall-inkwinanti rilevanti kollha b'mod partikolari meta jkun hemm involut rilaxx aċċidentali fl-arja.

Il-Figura 2: Ħarsa ġenerali lejn ir-rekwiżiti dwar ir-rapportar għall-faċilitajiet skond ir-Regolament E-PRTR tagħti ħarsa ġenerali lejn ir-rekwiżiti dwar ir-rapportar għall-faċilitajiet skond ir-Regolament E-PRTR.

Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu dispożizzjonijiet addizzjonali u jintegraw ir-rapportar ma' mekkaniżmi ta' rapportar oħrajn. L-operaturi tal-faċilitajiet, għalhekk, iridu jikkunsidraw kull dispożizzjoni nazzjonali li tista' tkun fis-seħħ.

Regolament E-PRTR, Punt 21:

Sabiex ikun hemm inqas duplikazzjoni fir-rapportar, is-sistemi tar-reġistrazzjoni tar-rilaxx u t-trasferiment jistgħu, skond il-Protokoll, jiġu integrati safejn ikun prattiku ma' sorsi ta' tagħrif eżistenti bħal mekkaniżmi ta' rapportar relatati ma' liċenzji jew permessi ta' l-operazzjoni. Skond il-Protokoll, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jeffettwaw id-dritt ta' l-Istat Membru li jżomm jew jintroduċi reġistru tar-rilaxx jew it-trasferiment ta' l-inkwinanti aktar estensiv jew aċċessibbli għall-pubbliku milli mitlub mill-Protokoll.

Kaxxa Nru 4: Regolament E-PRTR, Punt 21:




Figura 2: Ħarsa ġenerali lejn ir-rekwiżiti dwar ir-rapportar għall-faċilitajiet skond ir-Regolament E-PRTR

Rilaxx		Kwantità ¹	M/C/E ³	Metodu użat ⁴		
	fl-arja	kg/sena ²	X	X		
	fl-ilma	kg/sena ²	X	X		
	fl-art	kg/sena ²	X	X		
Trasferiment 'il barra mis-sit ta':		Kwantità ¹	M/C/E ³	Metodu użat ⁴	I-isem u l-indirizz ta' min jirkupra/jarmi	L-indirizz tas-sit attwali ta' l-irkupra/rimi li jirċievi l-iskart
Inkwinanti fl-ilma skartat ⁵		kg/sena ²	X	x		
Skart mhux perikoluż	għar-rimi (D)	t/sena	x	x		
	għall-irkupra (R)	t/sena	x	x		
Skart Perikoluż	għar-rimi (D)	t/sena	x	x		
	għall-irkupra (R)	t/sena	x	x		
Skart perikoluż jaqşam il-konfini	għall-irkupra (R)	t/sena	x	x	x	x
	għar-rimi (D)	t/sena	x	x	x	x

- ¹) Il-kwantitajiet huma t-totali tar-rilaxx li jirriżultaw minn kull attività maħsuba, aċċidentali, ta' rutina u mhux ta' rutina fis-sit tal-faċilità jew minn trasferimenti 'l barra mis-sit.
- ²) Il-kwantità totali ta' kull inkwinant li taqbeż il-valur limitu speċifikat fl-Anness II; b'żieda ma' dan, kull data relatata mar-rilaxx aċċidentali trid tiġi rrapportata meta tkun disponibbli.
- ³) Għandu jiġi indikat jekk it-tagħrif rrapportat ikun ibbażat fuq il-kejl (M), kalkolu (C) jew stima (E). Ara l-Kapitlu 1.1.11 ta' din il-gwida.
- ⁴) Meta d-data titkejjel jew tiġi kkalkulata, il-metodu tal-kejl u/jew il-metodu tal-kalkolu għandhom jiġu indikati. Għal qsim aktar dettaljat ta' din il-kolonna ara l-Kapitlu 1.1.11.5 ta' din il-gwida.
- ⁵) Ir-trasferiment 'il barra mis-sit ta' kull inkwinant maħsub għat-treatment ta' l-ilma li jaqbeż il-valur limitu speċifikat fl-Anness II.

Tabella 1: Speċifikazzjonijiet għar-rekwiżiti dwar ir-rapportar tar-rilaxx u t-trasferimenti 'l barra mis-sit.

1.1.5 Ġestjoni tad-data

L-operaturi tal-faċilitajiet iridu jirrapportaw it-tagħrif kollu meħtieġ lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

Qabel ma jippreżenta d-data lill-awtorità kompetenti rilevanti, l-operatur għandu jara li t-tagħrif ikun ta' kwalità xierqa billi jiżgura li jkun komplet, konsistenti u kredibbli.¹⁵

Jekk xi operatur ta' xi faċilità jkollu raġunijiet ġustifikabbli biex xi tagħrif speċifiku dwar ir-rilaxx jew it-trasferimenti 'l barra mis-sit jinżamm kunfidenzjali, għandu jinforma lill-awtorità kompetenti. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżommu d-data kunfidenzjali. F'tali każijiet, l-Istat Membru jrid, meta jgħaddi t-tagħrif lill-Kummissjoni u lill-EEA, jindika, b'mod separat għal kull faċilità li titlob il-kunfidenzjalità, it-tip ta' tagħrif li jkun inżamm u r-raġuni għaliex ikun inżamm.¹⁶

Ir-Regolament E-PRTR ma jstipulax termini ta' żmien għar-rapportar mill-faċilitajiet lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, hija r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri li jaddottaw tali termini ta' żmien fil-livell nazzjonali. Dawn it-termini ta' żmien għandhom jippermettu li jkun hemm rapportar fil-ħin lill-Kummissjoni.¹⁷

L-operaturi huma obbligati li jżommu rekords tad-data li minnha jkun inkiseb it-tagħrif rapportat u deskrijzjoni tal-metodoloġija użata għall-ġbir tat-tagħrif għal perjodu ta' ħames snin.

*Artiklu 5
Rapportar mill-Operaturi*

5. *L-operatur ta' kull faċilità kkonċernata għandu jżomm għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru r-rekords tad- data li minnha jkun inkiseb it-tagħrif rapportat għal perjodu ta' ħames snin li jibda jgħodd mit-tmiem tas-sena ta' rapportar ikkonċernata. Dawn ir-rekords għandhom jiddeskrivu wkoll il-metodoloġija użata għall-ġbir tad-data.*

Kaxxa Nru 5: Regolament E-PRTR, Artiklu 5(5) (żamma tar-rekords mill-operaturi)

¹⁵ Ara l-Kapitlu 1.1.12 dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità.

¹⁶ Għal aktar dettalji dwar il-kunfidenzjalità tat-tagħrif ara l-Kapitlu 1.2.4.

¹⁷ It-termini ta' żmien għar-rapportar mil-livell Nazzjonali għal-livell Komunitarju kif speċifikati fl-Artiklu 7 tar-Regolament E-PRTR huma stipulati fil-Kapitlu 1.2.7.

1.1.6 L-identifikazzjoni tal-faċilità

L-Anness III tar-Regolament E-PRTR jistipula, inter alia, liema tagħrif huwa rilevanti għall-identifikazzjoni ta' kull faċilità li r-Regolament japplika għaliha. Skond l-Artiklu 5(1), dan it-tagħrif irid jiġi komunikat mill-operatur lill-awtorità kompetenti rilevanti sakemm it-tagħrif ma jkunx diġà disponibbli għall-awtorità.

<p>Artiklu 5 Rapportar mill-Operaturi</p>
<p>1. ... L-operatur ta' kull faċilità li tidħol għal xi waħda jew aktar mill-attivitàjiet speċifikati fl-Anness I 'il fuq mil-limiti ta' kapaċità applikabbli speċifikati hemm għandu jikkomunika lill-awtorità kompetenti tagħrif li jidentifika l-faċilità skond l-Anness III sakemm dak it-tagħrif ma jkunx diġà disponibbli għall-awtorità kompetenti. ...</p>

Kaxxa Nru 6: Regolament E-PRTR, Artiklu 5(1) (siltiet relatati mat-tagħrif dwar l-identifikazzjoni tal-faċilità)

L-eżenzjoni mill-obbligu tar-rapportar lill-awtorità kompetenti huwa strettament marbut mat-tagħrif dwar l-identifikazzjoni tal-faċilità skond l-Artiklu 5(1). Jekk dan it-tagħrif ikun diġà disponibbli għall-awtorità jista' jkun raġonevoli li l-operatur jikkunsidra jekk it-tagħrif kollu jkunx diġà disponibbli għall-awtorità inkluż, per eżempju, kull tagħrif testwali rilevanti ieħor (ara hawn taħt). It-tabella li ġejja tagħti ħarsa ġenerali lejn it-tagħrif li huwa obbligatorju għall-identifikazzjoni tal-faċilità. It-tabella tagħti tagħrif addizzjonali dwar x'għandu jiġi rapportat permezz ta' spjegazzjonijiet u eżempji maħsuba sabiex jiffaċilitaw l-għoti tat-tagħrif.

Tagħrif meħtieġ	X'għandu jiġi rapportat?
L-isem tal-kumpanija ewlenija	Kumpanija ewlenija hija kumpanija li tippossjedi jew tikkontrolla l-kumpanija li topera l-faċilità (per eżempju billi jkollha aktar minn 50% tal-kapital azzjonarju jew maġġoranza tal-voti ta' l-azzjonisti jew isocji) ¹⁸ .
L-isem tal-faċilità	L-isem tal-faċilità (operatur jew proprjetarju) <i>Eżempju 1: "Planet AG, plant Nuremberg"</i> <i>Eżempju 2: "Earth Waste Disposal Ltd."</i> <i>Eżempju 3: "Rubish AG, landfill Bin-park"</i>
In-Numru ta' l-identifikazzjoni tal-faċilità	In-numru ta' l-identifikazzjoni tal-faċilità għandu jiġi rapportat mill-Istat Membru skond l-Anness III tar-Regolament PRTR; Ikun ta' għajruna jekk id-dettalji ta' kull bidla fin-numru ta' l-identifikazzjoni ta' xi faċilità jkun inkluż fil-"Kaxxa testwali għal tagħrif testwali ..." (ara hawn taħt).
L-indirizz tat-triq tal-faċilità	<i>Eżempju 1: Planet street 5</i> <i>Eżempju 2: 12 Flower street, Meadow Park</i> <i>Eżempju 3: Disposal street</i>
Belt/raħal	<i>Eżempju 1: Nuremberg</i> <i>Eżempju 2: Londra</i> <i>Eżempju 3: Zaragoza</i>

¹⁸ Ara wkoll id-Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 (ĠU L 193, 18.07.1983, p. 1-17)

Tagħrif meħtieġ	X'għandu jiġi rapportat?
Kodiċi postali	<i>Eżempju 1: D-91034</i> <i>Eżempju 2: T12 3XY</i> <i>Eżempju 3: E-50123</i>
Pajjiż	<i>Eżempju 1: Il-Ġermanja</i> <i>Eżempju 2: Ir-Renju Unit</i> <i>Eżempju 3: Spanja</i>
Koordinati tal-post	Il-koordinati tal-post għandhom jingħataw bħala koordinati tal-lonġitudni u l-litudni ¹⁹ bi preċiżjoni ta' mill-inqas ± 500 metru u b'referenza għaċ-ċentru ġeografiku tal-post tal-faċilità. <i>Eżempju 1: 8.489870, 49.774467</i> <i>Eżempju 2: -2.355611, 53.663908</i> <i>Eżempju 3: 11.498672, 51.882291</i>
Distrett tal-baċin tax-xmara	Indikazzjoni tad-distrett tal-baċin tax-xmara skond l-Artiklu 3(1) tad-Direttiva 2000/60/KE ("Direttiva Qafas dwar l-Ilma") ²⁰ . Il-baċin tax-xmara fejn il-faċilità tirrilaxxa fl-ilma huwa rilevanti għall-finijiet tar-rapportar. Jekk id-distrett tal-baċin tax-xmara ma jkunx magħruf, jista' jintalab mill-awtorità kompetenti maħtura bis-saħħa tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. <i>Eżempju 1: Ix-xmara Pegnitz</i> <i>Eżempju 2: Ix-xmara Thames</i> <i>Eżempju 3: Ix-xmara Ebro</i>
Kodiċi NACE (4 figuri)	Indikazzjoni tal-kodiċi NACE skond ir-Regolament 29/2002/KE tad-19 ta' Diċembru 2001 tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3037/90 tal-Kunsill dwar il-klassifika statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea Reviżjoni tal-kodiċijiet NACE qegħda tiġi diskussa fil-mument u aktarx tidħol fis-seħħ fl-2008. <i>Eżempju 1: 24.10</i> <i>Eżempju 2: 90.02</i> <i>Eżempju 3: 90.00</i>
L-attività ekonomika ewlenija	L-attività kummerċjali ewlenija fi kliem skond il-kodiċi NACE <i>Eżempju 1: Manifattura ta' sustanzi kimiċi bażiċi</i> <i>Eżempju 2: Ġbir u pproċessar ta' skart ieħor</i> <i>Eżempju 3: Dranaġġ u rimi ta' skart, sanità u attivitajiet simili</i>

Tabella 2: Spjegazzjoni relatata mat-tagħrif meħtieġ għall-identifikazzjoni tal-faċilità

¹⁹ Ara l-ISO 6709:1983 (Rappreżentazzjoni standard tal-litudni, il-lonġitudni u l-għoli għall-punti ġeografiċi).

²⁰ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika dwar l-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p.1). Id-Direttiva kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KEE (ĠU L 331, 15.12.2001, p.1).

L-operaturi ta' xi faċilità għandhom l-għażla li jipprovdu tagħrif addizzjonali dwar il-faċilità. M'hemm l-ebda obbligu li dan jiġi rapportat iżda t-tagħrif jista' jkun ta' interess għall-pubbliku u jista' jkun utli għall-awtorità kompetenti biex tivvaluta l-kwalità tad-data. Tabella III tagħti ħarsa ġenerali lejn dan it-tagħrif li jingħata jekk jagħżel hekk l-operatur:

Tagħrif mhux obligatorju
Volum ta' produzzjoni
Numru ta' impjanti
Numru ta' sigħat ta' operazzjoni fis-sena
Numru ta' impjegati
Kaxxa testwali għal tagħrif testwali ²¹ jew is-sit fuq l-internet skond il-faċilità jew il-kumpanija ewlenija

Tabella 3: Tagħrif mhux obligatorju skond l-Anness III tar-Regolament E-PRTR

B'mod partikolari, il-"Kaxxa testwali għal tagħrif testwali ..." tippermetti lill-operaturi individwali u lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri li jipprovdu tagħrif speċifiku dwar il-faċilità li jkunu jixtiequ jwasslu għand il-pubbliku. Tali tagħrif ikun jista' jinkludi, per eżempju:

- *link* ma' xi sit fuq l-internet li turi r-rapport ambjentali jew id-dikjarazzjoni EMAS tal-faċilità jew il-kumpanija ewlenija;
- tagħrif dwar xi bidliet fl-istorja tal-faċilità (għeluq, rilokazzjoni, qsim jew twaħħid tal-faċilitajiet) fl-aħħar 10 snin li jistgħu jirriżultaw ukoll f'bidla fin-numru ta' l-identifikazzjoni tal-faċilità²² sabiex jippermettu tqabbil raġonevoli bejn is-snin ta' rapportar sakemm tali tagħrif ma jkunx diġà disponibbli għall-awtorità kompetenti.
- spjegazzjoni tal-bidliet fir-rilaxx u t-trasferimenti rapportati;
- tagħrif dwar it-tip ta' fjuwil użat fl-Impjanti tal-Kombustjoni Kbar;
- indirizz elettroniku għal mistoqsijiet mill-pubbliku direttament lill-faċilità;
- tagħrif dwar attivitajiet mhux ta' l-Anness I li jkunu ġew inklużi fir-rapportar;
- il-kundizzjonijiet tal-permess.

M'għandux isir użu ħażin mil-*links* mas-siti fuq l-internet tal-faċilitajiet jew il-kumpaniji ewlenin tagħhom għal skopijiet ta' reklamar iżda għandhom jintużaw biss bħala *link* diretta ma' tagħrif ambjentali.

²¹ It-tagħrif testwali għandu jingħata jew fl-ilsien ta' l-istat jew, bħala għażla, bl-Ingliż.

²² Ara wkoll il-Kapitlu 1.2 ta' dan il-gwida.

1.1.7 Il-kodifikazzjoni ta' l-attivitajiet u l-identifikazzjoni ta' l-attività ewlenija ta' l-Anness I

Il-kodifikazzjoni ta' l-attivitajiet.

B'żieda mat-tagħrif meħtieġ għall-identifikazzjoni tal-faċilità, l-attivitajiet kollha ta' l-Anness I li jitwettqu f'xi faċilità jridu jiġu elenkati skond is-sistema ta' kodifikazzjoni msemmija fl-Anness I u, (jekk ikun disponibbli), il-kodiċi IPPC²³. Skond l-Anness I tar-Regolament E-PRTR, il-kodiċi E-PRTR hija magħmula minn numru mill-1 sad-9 u ittra mill-a sal-g. Fil-każ ta' xi attivitajiet, hemm aktar qsim mill-(i) sa' l-(xi). M'hemmx il-ħtieġa li dan il-qsim ulterjuri jiġi rapportat.

Eżempju: L-attività ekonomika ewlenija li titwettaq f'ċerta faċilità hija t-trattament tas-superfiċje tal-materjali tal-plastik permezz ta' proċess kemikali. Il-volum tat-tankijiet tat-trattament huwa ta' 200 m³. Fl-istess faċilità, ċerti prodotti jinżebgħu bl-użu ta' solventi organiċi. Għal din l-attività addizzjonali, il-kapaċità tal-konsum tas-solventi hija ta' 250 tunnellata fis-sena.

Tagħrif dwar l-Attivitajiet ta' l-Anness I għandu jiġi rapportat skond l-Anness III tar-Regolament E-PRTR, jiġifieri fil-forma li ġejja:

Attivitajiet ta' l-Anness I	Kodiċi E-PRTR	Kodiċi IPPC ²⁴	L-isem ta' l-attività skond ir-Regolament E-PRTR (dikjarazzjoni mhux obligatorja)
1**	2.(f)	2.6	Impjanti għat-trattament tas-superfiċje tal-metalli u tal-materjali tal-plastik bl-użu ta' proċess elettrolitiku jew kemikali fejn il-volum tat-tankijiet tat-trattament huwa ta' 30 m ³
2	9.(c)	6.7.	Impjanti għat-trattament tas-superfiċje ta' sustanzi, oġġetti jew prodotti bl-użu ta' solvents organiċi, b'mod partikolari l-irfinar, l-istampar, il-kisi, l-eliminazzjoni tal-grass, it-trattament kontra l-ilma, twebbis tal-karti jew tessuti (<i>sizing</i>), żebgħa, tindif jew impregnazzjoni b'kapaċità ta' konsum ta' 150 kg fis-siegħa jew 200 tunnellata fis-sena
N

Tabella 4: L-istruttura tar-rapportar ta' l-attivitajiet kollha ta' l-Anness I ta' xi faċilità (bl-eżempji)
 * In-numru konsekuttiv ta' l-attivitajiet ta' l-Anness I
 ** L-attività Nru 1 għandha tkun l-Attività ewlenija ta' l-Anness I

Attivitajiet li mhumiex ta' l-Anness I m'hemmx il-ħtieġa li jiġu rapportati.²⁵

²³ It-tabella 21 fl-Appendiċi II ta' din il-gwida tinkludi tqabbil ta' l-attivitajiet ta' l-Anness I ta' l-IPPC ma' l-attivitajiet ta' l-Anness I ta' l-E-PRTR u tipprovdi l-kodiċijiet IPC disponibbli.

²⁴ Il-kodiċi IPPC hija magħmula minn numru b'żewġ figuri skond l-Anness I tad-Direttiva IPPC.

²⁵ Ara l-Kapitlu "X'għandu jiġi rapportat u minn min?"

L-identifikazzjoni ta' l-attività ewlenija

Ir-rilaxx u trasferimenti 'l barra mis-sit kollha għandhom jiġu attribwiti għall-attività ewlenija ta' l-Anness I.

Ta' spiss, l-attività ewlenija ta' l-Anness I tkun simili ma' l-attività ekonomika ewlenija tal-faċilità. Meta l-attività ekonomika ewlenija ma tkunx rappreżentattiva tal-proċess li jitwettaq fil-faċilità, l-attività ewlenija ta' l-Anness I tkun tista' tiġi assoċjata ma' l-attività l-aktar li tniġġeż tal-faċilità. Ir-rilaxx u trasferimenti 'l barra mis-sit kollha għandhom jiġu attribwiti, f'aggregazzjonijiet ulterjuri tad-data, għall-attività ewlenija ta' l-Anness I indikata mill-operatur.

1.1.8 Rilaxx fl-arja, fl-ilma u fl-art

L-operaturi għandhom jirrapportaw ir-rilaxx fl-arja, fl-ilma u fl-art ta' kwalunkwe inkwinant speċifikat fl-Anness II tar-Regolament li, fir-rigward tagħha, jinqabeż il-valur limitu applikabbli speċifikat fl-Anness II (ara Kaxxa Nru 3: Regolament E-PRTR, Artiklu 5).²⁶

Id-data kollha dwar ir-rilaxx għandha tingħata bħala kg/sena u sa tliet figuri sinifikanti. L-aġġustament sa tliet figuri sinifikanti ma jirreferix għall-inċertezza statistika jew xjentifika, iżda jirrifletti biss l-eżattezza tad-data rapportata kif indikat fl-eżempji li ġejjin.

Riżultat oriġinali tad-determinazzjoni tar-rilaxx	Riżultat li għandu jiġi komunikat (sa tliet fuguri sinifikanti)
0.0123456 kg/sena	0.0123 kg/sena
1.54789 kg/sena	1.55 kg/sena
7 071.567 kg/sena	7 070 kg/sena
123.45 kg/sena	123 kg/sena
10 009 kg/sena	10 000 kg/sena

Tabella 5: Eżempji ta' l-aġġustament sa tliet figuri sinifikanti

Għar-rapportar, il-valur oriġinali mkejjeġ, ikkalkulat jew stmat huwa rilevanti. L-inkwinant irid jiġi rapportat anki jekk il-valur ta' l-inkwinant ikun daqs il-valur limitu wara l-aġġustament sa tliet figuri sinifikanti.

Eżempju: Il-valur limitu għall-*halons* huwa ta' kilogramma/sena għar-rilaxx fl-arja. Il-valur determinat huwa ta' 1.003 kg/sena aġġustat sa tliet figuri sinifikanti li jiġi 1.00 kg. Anki jekk il-valur aġġustat ma jaqbiżx il-valur limitu, l-inkwinant xorta waħda jrid jiġi rapportat għax il-valur oriġinali jaqbeż il-valur limitu.

Id-data dwar ir-rilaxx rapportat għandha tinkludi referenza (M, C, E) għall-metodoloġija użata għad-data dwar ir-rilaxx rapportat. Meta d-data titkejjeġ jew tiġi kkalkulata ("M" jew "C"), il-metodu tal-kejl u/jew il-metodu tal-kalkolu għandhom jiġu indikati (ara l-kaxxa 8).²⁷

²⁶ Għal aktar tagħrif ara l-ispjegazzjonijiet fil-Kapitlu 1.1.4.

²⁷ Għal aktar dettalji dwar kif għandu jiġi rrapportat il-metodu ta' kejl/kalkolu ara l-Kapitlu 1.1.11.5.

1.1.8.1 Rilaxx fl-arja

Skond il-kolonna 1a tat-tabella ta' l-Anness II tar-Regolament E-PRTR, total ta' 60 inkwinant huma speċifikati bħala inkwinanti rilevanti li jniġġzu l-arja. Ir-rilaxx ta' inkwinanti fl-arja minn faċilità aktar mill-valuri limitu tal-kolonna 1a, irid jiġi rapportat. Dan japplika fil-każ tas-60 inkwinant ta' l-arja kollha kemm huma.

L-appendiċi 4 ta' din il-gwida jinkludi sottoelenku indikattiv ta' l-inkwinanti ta' l-arja speċifiku għas-settur. L-elenku jindika, għall-attivitajiet kollha ta' l-Anness I, dawk l-inkwinanti ta' l-arja li probabbilment jiġu rilaxxati u jgħin fl-identifikazzjoni ta' l-inkwinanti rilevanti f'xi faċilità partikolari.

L-appendiċi 3 telenka metodoloġiji standardizzati approvati internazzjonalment għall-inkwinanti ta' l-arja u ta' l-ilma.²⁸ Fil-każ ta' data indikata bħala data bbażata fuq il-kejl jew il-kalkolu, il-metodu analitiku u/jew il-metodu tal-kalkolu għandhom jiġu rapportati.²⁹

L-operaturi huma obbligati li jispeċifikaw kull data relatata ma' xi rilaxx aċċidentali meta tali data tkun disponibbli.

Ir-rapportar għandu jsir skond l-Anness III tar-Regolament E-PRTR, per eżempju kif indikat fit-Tabella 6: Rapportar tar-rilaxx fl-arja (data bħala eżempju)

Rilaxx fl-arja					
Inkwinant		Metodu		Kwantità	
Nru A II ³⁰	Isem ³¹	M/C/E ³²	Metodu użat ³³	T (total) ³⁴ (kg/sena)	A (aċċidentali) ³⁵ (kg/sena)
1	Metanu (CH ₄)	C	IPCC	521,000	-
3	Dijossidu karboniku (CO ₂)	M	ISO 12039:2001	413,000,000	-
21	Merkurju	M	EN 13211:2001	17.0	2.00

²⁸ Aktar speċifikazzjonijiet dwar il-kejl, il-kalkolu u l-istima tar-rilaxx jinsabu fil-Kapitlu 0 ta' din il-gwida.

²⁹ Ara l-Kapitlu "1.1.11.5"

³⁰ Nru ta' l-inkwinant skond l-Anness II tar-Regolament E-PRTR

³¹ L-isem ta' l-inkwinant skond l-Anness II tar-Regolament E-PRTR

³² Indikazzjoni jekk it-tagħrif hux ibbażat fuq kejl, kalkolu jew stima

³³ Indikazzjoni tal-metodu użat għall-kejl jew il-kalkolu; ara wkoll il-Kapitlu 1.1.11.5

³⁴ Indikazzjoni tal-kwantità totali ta' l-inkwinant rilaxxata fl-arja mis-sorsi kollha ta' l-attività (inkluż ir-rilaxx aċċidentali u r-rilaxx minn sorsi mxerrda); il-kwantitajiet iridu jiġu indikati bħala kg/sena sa tliet figuri sinifikanti

³⁵ Indikazzjoni tal-kwantità ta' inkwinant rilaxxata aċċidentalment

Tabella 6: Rapportar tar-rilaxx fl-arja (data bħala eżempju)

It-tabella 6 tinkludi eżempji ta' data minn impjant tar-raffinar tal-gass u ż-żejt minerali. Il-faċilità tirrilaxxa, fost sustanzi oħrajn, id-dijossidu karboniku (CO₂), il-metanu (CH₄) u l-merkurju u komposti tiegħu. Il-valuri limitu għar-rilaxx fl-arja inqabżu għat-tliet inkwinanti, li huma 100 miljun kg/sena fil-każ tas-CO₂, 100 000 kg/sena fil-każ tas-CH₄, u 10 kg fil-każ tal-merkurju u l-komposti tiegħu. Ir-rilaxx tas-CO₂ kien ġie ġġenerat taħt kundizzjonijiet ta' operazzjoni normali u mkejjel bil-metodu indikat approvat internazzjonalment. Ir-rilaxx tas-CH₄ ġie kkalkulat skond il-linji gwida ta' l-IPPC³⁶. Ir-rilaxx totali tal-merkurju u l-komposti tiegħu jseħħ taħt kundizzjonijiet normali ta' l-operazzjoni (15.0 kg/sena) u minħabba avveniment aċċidentali (2.00 kg/sena). Dan ta' l-añħar irid jiġi rapportat bħala rilaxx aċċidentali u jrid ukoll jiġi inkluż fir-rilaxx totali (15.0+2.00=17 kg/sena). It-tagħrif huwa bbażat fuq il-kejl tar-rilaxx ta' rutina u stima tar-rilaxx aċċidentali. Billi t-tagħrif dwar is-sehem ewlieni tar-rilaxx tal-merkurju u l-komposti tiegħu (=15 kg) huwa bbażat fuq kejl skond l-EN 13211:2001, il-metodu tad-determinazzjoni tal-merkurju u l-komposti tiegħu għandu jiġi indikat bħala "M" u l-metodu tal-kejl (EN 13211:2001) irid jiġi indikat.

1.1.8.2 Rilaxx fl-ilma

Skond il-kolonna 1b tat-tabella ta' l-Anness II tar-Regolament E-PRTR, total ta' 71 inkwinant huma speċifikati bħala inkwinanti rilevanti li jniġġżu l-ilma. Ir-rilaxx ta' inkwinanti fl-ilma minn faċilità aktar mill-valuri limitu tal-kolonna 1b irid jiġi rapportat. Dan japplika fil-każ tal-71 inkwinant ta' l-arja kollha kemm huma.

L-appendiċi 5 ta' din il-gwida jinkludi sottoelenku indikattiv ta' l-inkwinanti fl-ilma speċifiku għas-settur. L-elenku jindika, għall-attivitajiet kollha ta' l-Anness I, dawk l-inkwinanti ta' l-ilma li jistgħu jiġu rilaxxati u jgħin fl-identifikazzjoni ta' l-inkwinanti rilevanti f'xi faċilità partikolari.

Sabiex tkun possibbli d-determinazzjoni tar-rilaxx fl-ilma, l-Appendiċi 3 telenka metodi standardizzati għall-kejl ta' l-inkwinanti fl-arja u fl-ilma. Fil-każ ta' data indikata bħala tagħrif ibbażat fuq il-kejl jew il-kalkolu, il-metodu analitiku u/jew il-metodu tal-kalkolu għandhom jiġu rapportati.³⁷ L-operaturi huma obbligati li jispeċifikaw kull data relatata ma' xi rilaxx aċċidentali meta tali data tkun disponibbli.

³⁶ Għall-metodi tal-kalkolu, ara l-Kapitlu 1.1.11.2 ta' dan il-gwida.

³⁷ Ara l-Kapitlu 1.1.11.5.

Ir-rapportar għandu jsir skond l-Anness III tar-Regolament E-PRTR, fi kliem ieħor b'mod analogu ma' dak deskritt hawn fuq fir-rigward tar-rilaxx fl-arja.

Rilaxx fl-ilma					
Inkwinant		Metodu		Kwantità	
Nru A II	Isem	M/C/E	Metodu użat	T (total) (kg/sena)	A (aċċidentali) (kg/sena)
63	<i>Brominated diphenylethers</i> (PBDE)	E		25.5	20.0
76	Karbonju Organiku Totali (TOC)	M	EN 1484:1997	304,000	-
N					

Tabella 7: Rapportar tar-rilaxx fl-ilma (data bħala eżempju)

It-tabella 7 tinkludi eżempji tar-rapportar ta' data minn impjant ta' l-ipproċessar minn qabel tal-fibri u t-tessuti. Il-faċilità tirrilaxxa l-Karbonju Organiku Totali (TOC) u l-*brominated diphenylethers* (PBDE) aktar mill-valuri limitu għar-rilaxx fl-ilma taż-żewġ inkwinanti, jiġifieri 50 000 kg/sena ta' TOC u kilogramma fis-sena ta' PBDE. Ir-rilaxx tat-TOC sar taħt kundizzjonijiet ta' operazzjoni normali u ġie mkejje bil-metodu indikat. Il-PBDE ġie rilaxxat bħala riżultat ta' attivitajiet ta' rutina (5.50 kg/sena) u aċċident (20.0 kg/sena). Dan ta' l-aħħar irid jiġi rapportat bħala rilaxx aċċidentali u jrid ukoll jiġi inkluż fir-rilaxx totali (5.50+20.0=25.5 kg/sena). It-tagħrif huwa bbażat fuq il-kalkolu tar-rilaxx ta' rutina u stima tar-rilaxx aċċidentali. Billi t-tagħrif dwar is-sehem ewlieni tar-rilaxx totali tal-PBDE huwa bbażat fuq stima (20.0 kg), il-metodu "E" għandu jiġi indikat bħala l-metodu tad-determinazzjoni tar-rilaxx. Fil-każ ta' "E", m'hemmx obbligu li l-metodu jiġi indikat.

1.1.8.3 Rilaxx fl-art

Ir-rapportar dwar ir-“rilaxx fl-art” japplika biss għal inkwinanti fl-iskart li huwa soġġett għall-operazzjonijiet ta’ rimi “trattament fl-art” jew “injezzjoni fil-fond”³⁸. Jekk l-iskart jiġi pproċessat b’dan il-mod, dan għandu jiġi rapportat biss mill-operatur tal-faċilità minn fejn joriġina l-iskart³⁹.

It-tferrix tal-ħama u d-demel huma operazzjonijiet ta’ rkupru u, għalhekk, ma jiġux rapportati bħala rilaxx fl-art⁴⁰. Ir-rilaxx aċċidentali ta’ l-inkwinanti fil-ħamrija tas-sit tal-faċilità (per eżempju tixrid) mhemmx il-ħtieġa li jiġi rapportat. Ir-rilaxx aċċidentali fl-art huwa possibbli fit-teorija (per eżempju minħabba xi tnixxija mill-pajpijiet ta’ injezzjoni fil-fond) iżda huwa antiċipat li jseħħ f’każijiet rari ħafna.

Id-dispożizzjonijiet ta’ rimi rilevanti skond l-Artiklu 6 (ara l-kaxxa 7) huma l-biċċa l-kbira trattament fl-art ta’ ħama biż-żejt u l-injezzjonijiet fil-fond ta’ soluzzjonijiet salmastri. It-trasferiment ‘il barra mis-sit (per eż, permezz ta’ sistema ta’ pajpijiet) li ta’ spiss jippreċedi r-rilaxx fl-art f’dawk il-każijiet m’hemmx il-ħtieġa li jiġi rapportat (ara Kaxxa Nru 3: Regolament E-PRTR, Artiklu 5 (silta: Il-faċilitajiet ikkonċernati), Artiklu 5 (1) (b)).

*Artiklu 6
Rilaxx fl-art*

L-iskart li huwa soġġett għall-operazzjonijiet ta’ rimi “trattament fl-art” jew “injezzjoni fil-fond”, kif speċifikat fl-Anness II tad-Direttiva 75/442/KEE, għandu jiġi rapportat biss bħala rilaxx fl-art mill-operatur tal-faċilità fejn joriġina l-iskart.

Kaxxa Nru 7: Regolament E-PRTR, Artiklu 6 (Rilaxx fl-Art)

³⁸ It-trattament ta’ l-art (per eż. il-bijodegradazzjoni ta’ l-iskart tal-likwidi jew tal-ħama fil-ħamrija eċċ.) u l-Injezzjoni fil-fond (per eż. l-injezzjoni ta’ skart li jista’ jiġi ppumpjat fi bjar, koppli tal-melħ jew repożitorji naturali, eċċ.) huma l-għażliet ta’ rimi “D2” u “D3” skond id-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta’ Lulju 1975.

³⁹ Aral-Kaxxa Nru 7, Artiklu 6 tar-Regolament E-PRTR.

⁴⁰ Ara l-punt 9 tar-Regolament E-PRTR.

Skond il-kolonna 1c tat-tabella ta' l-Anness II tar-Regolament E-PRTR, total ta' 61 inkwinant huma speċifikati bħala inkwinanti rilevanti li jniġġzu l-art. Ir-rilaxx ta' inkwinanti fl-art aktar mill-valuri limitu tal-kolonna 1c irid jiġi rapportat mill-operatur tal-faċilità minn fejn joriġina l-iskart. Dan japplika fil-każ tal-61 inkwinant kollha li huma rilevanti fil-każ tar-rilaxx fl-art.

Fil-każ ta' data indikata bħala data bbażata fuq il-kejl jew il-kalkolu, il-metodu analitiku u/jew il-metodu tal-kalkolu għandhom jiġu rapportati.⁴¹

Ir-rapportar għandu jsir skond l-Anness III tar-Regolament E-PRTR, b'mod analogu ma' dak deskritt hawn fuq fir-rigward tar-rilaxx fl-arja u fl-ilma.

Rilaxx fl-art					
Inkwinant		Metodu		Kwantità	
Nru A II	Isem	M/C/E	Metodu użat	T (total) (kg/sena)	A (aċċidentali) (kg/sena)
24	Żingu u komposti tiegħu (bħala Zn)	M	EN ISO 11885:1997	125	-
79	Klorur (bħala total ta' Cl)	M	EN ISO 10304-1	2 850 000	-
n					

Tabella 8: Rapportar tar-rilaxx fl-art (data bħala eżempju)

It-Tabella 8: Rapportar tar-rilaxx fl-art (data bħala eżempju)

tinkludi data bħala eżempju tar-rapportar tar-rilaxx fl-art permezz ta' injezzjoni fil-fond (operazzjoni tar-rimi D3). L-iskart likwidu jintrema permezz ta' injezzjoni fil-fond u fih inkwinanti, li huma ż-żingu u l-klorur, aktar mill-valuri limitu tar-rilaxx korrispondenti li huma 100 kg/sena għaż-żingu u 2 miljun kg/sena għall-klorur. Iż-żewġ inkwinanti tkejlu bl-użu ta' metodi approvati internazzjonalment.

⁴¹ Ara l-Kapitlu 1.1.11.5.

1.1.9 It-trasferiment 'il barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma skartat

Trasferiment 'il barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma skartat ifisser il-muviment, lil hinn mill-konfini ta' xi faċilità, ta' inkwinanti f'ilma skartat maħsub għall-ipproċessar ta' l-ilma skartat, inkluż l-ipproċessar ta' l-ilma industrijali. It-trasferiment 'il barra mis-sit jista' jsir permezz ta' katusi tad-dranaġġ jew mezzi oħrajn bħal kontejners jew *bowsers* (bit-triq).

L-operaturi għandhom jirrapportaw it-trasferimenti 'l barra mis-sit ta' kull inkwinant speċifikat fl-Anness II tar-Regolament E-PRTR f'ilma skartat maħsub għall-ipproċessar ta' l-ilma skartat meta l-valur limitu speċifikat fil-kolonna 1b ta' l-Anness II tar-Regolament E-PRTR jinqabeż.⁴²

Ir-rapportar għandu jsir skond l-Anness III tar-Regolament E-PRTR, fi kliem ieħor b'mod analogu ma' dak deskritt hawn fuq fir-rigward tar-rilaxx fl-ilma.

It-trasferiment 'il barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma skartat					
Inkwinant		Metodu		Kwantità	
Nru A II	Isem	M/C/E	Metodu użat	T (total) (kg/sena)	A (aċċidentali) (kg/sena)
12	Nitroġenu totali	M	EN 12260	76,400,000	-
13	Fosfru totali	M	EN ISO 6878:2004	10,900,000	-
n					

Tabella 9: Rapportar tat-trasferimenti 'l barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma skartat (data bħala eżempju)

It-tabella 9 tinkludi eżempji tar-rapportat ta' data minn impjant li jipproċessa u jippriserva l-patata. L-ilma skartat mill-faċilità fih in-nitroġenu u l-fosfru. Il-valuri limitu għar-rilaxx fl-ilma skartat inqabżu għaż-żewġ inkwinanti, li huma 50 000 kg/sena fil-każ tan-nitroġenu u 5 000 kg/sena fil-każ tal-fosfru. Il-valuri taż-żewġ inkwinanti tkejlu bl-użu ta' metodi indikati approvati internazzjonalment.

⁴² Ara l-Kapitlu 1.1.8.2 ta' dan il-gwida.

1.1.10 Trasferimenti ta' l-iskart 'il barra mis-sit

Trasferiment ta' l-iskart 'il barra mis-sit ifisser il-muviment lil hinn mill-konfini ta' faċilità ta' skart maħsub għar-rimi jew għall-irkupru.

L-operaturi għandhom jirrapportaw it-trasferimenti 'l barra mis-sit ta'

- skart perikoluż (SP) ta' aktar minn 2 tunnellati fis-sena
- skart mhux perikoluż (mhux SP) ta' aktar minn 2 000 tunnellata fis-sena

għall-operazzjonijiet kollha ta' rkupru jew rimi (ara Kaxxa Nru (silta: Il-faċilitajiet ikkonċernati)) flief għall-operazzjonijiet ta' rimi tat-trattament fl-art jew l-injezzjoni fil-fond, billi dawn iridu jġu rapportati bħala rilaxx fl-art⁴³.

- 'Skart' ifisser kull sustanza jew oġġett kif definit fl-Artiklu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1974 dwar l-iskart.⁴⁴
- 'Skart perikoluż' ifisser kull sustanza jew oġġett kif definit fl-Artiklu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar l-iskart perikoluż.⁴⁵
- 'Skart mhux perikoluż' ifisser kull skart li mhux 'Skart perikoluż'

Id-data kollha għandha tingħata bħala tunnellati/sena ta' skart umdu (normali) sa tliet figuri sinifikanti.⁴⁶

Fir-rigward tal-valur limitu, l-ammont totali ta' skart trasferit 'il barra mis-sit huwa rilevanti, irrispettivament minn jekk ikunx ġie pproċessat fil-pajjiż jew ikunx ġie ttrasferit f'pajjiż ieħor; jew ikunx intrema jew ikunx ġie rkuprat. Eżempju: Jekk xi faċilità tkun ittrasferiet 1.5 tunnellati ta' skart perikoluż fil-pajjiż stess għall-irkupru u 1.5 tunnellati ta' skart perikoluż għal xi pajjiżi oħrajn għar-rimi, hija obbligata li tirrapporta billi t-total jaqbeż il-valur limitu (2 tunnellati/sena).

L-operatur irid jindika jekk l-iskart ikunx maħsub għall-irkupru ("R") jew għar-rimi ("D"). Jekk l-iskart ikun maħsub għall-ipproċessar ta' l-iskart li jinkludi operazzjonijiet kemm ta' rkupru u kemm ta' rimi (per eżempju l-issortjar), għandha tiġi rapportata l-operazzjoni ta' proċessar (R jew D) li jkun maħsub għaliha aktar minn 50% ta' l-iskart. F'dawk il-każijiet rari meta l-faċilità ma tkunx tista' tiddetermina jekk aktar minn 50% ta' l-iskart ikunx ġie mormi jew irkuprat, għandha tindika l-kodiċi "D".

Fil-każ ta' muvimenti ta' skart perikoluż li jaqsam il-konfini, l-isem u l-indirizz ta' min jirkupra

⁴³ Ara l-Kapitlu 1.1.8.3 ta' din il-gwida.

⁴⁴ ĠU L 194, 25.7.1975, p. 39. Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nr. 1882/2003.

⁴⁵ ĠU L 377, 31.12.1991, p. 20-27.

⁴⁶ Ara l-Kapitlu 1.1.8 ta' din il-gwida.

jew jarmi l-iskart u s-sit attwali ta' l-irkupru jew rimi, jridu jiġu rapportati.

Ir-rapportar għandu jsir skond l-Anness III tar-Regolament E-PRTR. L-operaturi għandhom jindikaw jekk l-ammont ta' skart ikunx tkejjel (per eż. bil-metodu tal-kejl), ikkalkulat (per eż skond il-fatturi ta' l-emissjoni jew ir-rilaxx) jew stmat.

It-Tabella 10 u turi kif id-data dwar it-trasferimenti 'l barra mis-sit ta' l-iskart perikoluż għandha tiġa rapportata. It-tabella 12 turi kif it-trasferimenti 'l barra mis-sit ta' l-iskart mhux perikoluż għandhom jiġu rapportati.

Trasferiment 'il barra mis-sit ta' SP	Kwantità t/sena	Operazzjoni ta' proċessar ta' l-iskart	M/C/E	Metodu użat
fil-pajjiż	5	R	M	użin
	1	D	M	użin

Tabella 10: Rapportar ta' trasferiment 'il barra mis-sit ta' skart perikoluż (SP) fil-pajjiż (data bħala eżempju)

Il-figuri ppreżentati fit-tabella 10 turi eżempji ta' rapportar minn faċilità li tkun ittrasferit 'il barra mis-sit 5 tunnellati ta' skart perikoluż għall-irkupru u tunnellata ta' skart perikoluż għar-rimi fil-pajjiż fis-sena tar-rapportar. Bl-ammont ta' 6 tunnellati, it-trasferiment 'il barra mis-sit ta' l-iskart perikoluż jaqbeż il-valur limitu ta' 2 tunnellati fis-sena u t-trasferimenti fil-pajjiż, għalhekk, għandhom jiġu rapportati kif indikat fl-eżempju.

Trasferiment 'il barra mis-sit ta' SP	Kwantità t/sena	Operazzjoni ta' proċessar ta' l-iskart	M/C/E	Metodu użat	L-isem ta' min jirkupra/jarmi	Indirizz ta' min jirkupra/jarmi	Indirizz tas-sit attwali ta' l-irkupru/rimi
għal pajjiżi oħrajn	15	R	M	użin	Sunshine Components Ltd.	Sun Street, Flowertown south, PP12 8TS, Ir-Renju Unit	Sun Street, Flowertown south, PP12 8TS, Ir-Renju Unit
	4	D	M	użin	BEST Environmental Ltd.	Kings Street, Kingstown, Highlands, AB2 1CD, Ir-Renju Unit	Kingstown Waste to Energy Plant, Kings Street, Kingstown, Highlands, AB2 1CD, Ir-Renju Unit
	30	D	M	użin	BEST Environmental Ltd.	Kings Street, Kingstown, Highlands, AB2 1CD, Ir-Renju Unit	Queens Incineration Plant, Crown Street, Queenstown, EF3 4GH, Ir-Renju Unit

Tabella 11: Rapportar ta' trasferiment 'il barra mis-sit ta' skart perikoluż (SP) f'pajjiżi oħrajn (data bħala eżempju)

(Nota: jekk l-iskart perikoluż jiġi trasferit lejn diversi siti ta' rkupru/rimi, għandhom jiżdiedu linji addizzjonali mat-tabella.)

Il-figuri ppreżentati fit-tabella 11 jagħtu eżempji tar-rapportar mill-istess faċilità li, flimkien mat-trasferiment 'il barra mis-sit ta' skart perikoluż fil-pajjiż (kif indikat fit-tabella 10), ittrasferiet 49 tunnellata ta' skart perikoluż lejn pajjiżi oħrajn, 15-il tunnellata minnhom għall-irkupru u 34 tunnellata għar-rimi (**f'żewġ siti tar-rimi differenti**).

Trasferiment ta' skart mhux perikoluż 'il barra mis-sit .	Kwantità t/sena	Operazzjoni ta' proċessar ta' l-iskart	M/C/E	Metodu użat
Fil-pajjiż jew lejn pajjiżi oħrajn	1 000	R	M	użin
	10 000	D	M	użin

Tabella 12: Rapportar tat-trasferimenti 'il barra mis-sit ta' skart mhux perikoluż (data bħala eżempju)

Il-figuri ppreżentati fit-tabella 12 jagħtu eżempji ta' rapportar minn faċilità li tkun ittrasferiet 'il barra mis-sit 1 000 tunnellati ta' skart mhux perikoluż għall-irkupru u 10 000 tunnellati ta' skart mhux perikoluż għar-rimi fis-sena tar-rapportar. It-trasferiment 'il barra mis-sit ta' l-iskart mhux perikoluż jaqbeż il-valur limitu ta' 2 000 tunnellati fis-sena u t-trasferimenti fil-pajjiż jew lejn pajjiżi oħrajn għandhom jiġu rapportati kif indikat fl-eżempju.

1.1.11 Kejl/kalkolu/stima tar-rilaxx u tat-trasferimenti 'l barra mis-sit

Ir-rapportaġġ għandu jkun ibbażat fuq il-kejl, il-kalkolu jew l-istima tar-rilaxx u tat-trasferimenti 'l barra mis-sit.

Għall-indikazzjoni ta' jekk id-data rapportata dwar ir-rilaxx u t-trasferiment tkunx ibbażata fuq il-kejl, il-kalkolu jew l-istima, hemm il-ħtieġa ta' sistema simplifikata bi tliet klassijiet identifikati b'ittra, li tirreferi għall-metodoloġija użata għad-determinazzjoni tat-tagħrif:

Klassi M: Id-data dwar ir-rilaxx tkun ibbażata fuq il-kejl ("M"). Ikun hemm il-ħtieġa ta' aktar kalkolu sabiex ir-riżultati tal-kejl jiġu konvertiti f'data dwar ir-rilaxx annwali. Għal dawn il-kalkoli huma meħtieġa r-riżultati tad-determinazzjoni tal-flussi. "M" għandha tintuża wkoll meta r-rilaxx annwali jiġi determinat fuq ir-riżultati ta' kejl fuq termini ta' żmien qsar u testijiet momentanji (*spot checks*). "M" tintuża meta r-rilaxx minn xi faċilità jinkiseb mir-riżultati ta' monitoraġġ dirett ta' proċessi speċifiċi fil-faċilità, ibbażat fuq kejl attwali kontinwu u mhux kontinwu tal-konċentrazzjonijiet ta' l-inkwinanti għal xi rotta ta' rilaxx speċifika.

Klassi C: Id-data dwar ir-rilaxx tkun ibbażata fuq il-kalkolu ("C"). "C" tintuża meta r-rilaxx ikun ibbażat fuq kalkolu bl-użu ta' data dwar l-attività (fjuwil użat, rata ta' produzzjoni, eċċ.) u l-fatturi ta' l-emissjoni jew il-bilanċ tal-massa. F'xi każijiet, jistgħu jiġu applikati metodi tal-kalkolu aktar ikkomplikati, bl-użu ta' valuri varjabbli bħat-temperatura, l-irradjazzjoni globali, eċċ.

Klassi E: Id-data dwar ir-rilaxx tkun ibbażata fuq stimi mhux standardizzati ("E"). "E" tintuża meta r-rilaxx jiġi ddeterminat fuq l-añjar stima possibbli jew tbassir espert li m'humix ibbażati fuq referenzi disponibbli b'mod pubbliku jew f'każ ta' l-assenza ta' metodoloġiji rikonoxxuti għall-istima ta' l-emissjonijiet jew linji gwida għall-prattika tajba.

Meta r-rilaxx totali ta' xi inkwinant f'faċilità jiġi ddeterminat permezz ta' aktar minn metodu tad-determinazzjoni wieħed (per eż. M u C), il-metodu tad-determinazzjoni bl-aktar ammont ta' rilaxx għandu jintgħażel għar-rapportar. Eżempju: Ir-rilaxx ta' xi inkwinant minn faċilità PRTR iseħħ minn żewġ ċmieni (ċumnija A u ċumnija B). Ir-rilaxx totali jaqbeż il-valur limitu rilevanti tar-rilaxx. Ir-rilaxx miċ-ċumnija A jitkejjel u jammonta għal 100 kg/sena. Ir-rilaxx miċ-ċumnija B jiġi kkalkulat u jammonta għal 50 kg/sena. Billi l-ogħla ammont ta' rilaxx (100 kg/sena) jkun ġie mkejje, ir-rilaxx totali (150 kg/sena) irid jiġi indikat bħala li huwa bbażat fuq il-kejl (M).

Il-Kapitli 0 sa 1.1.11.4 jipprovdu referenzi għas-sorsi tat-tagħrif dwar il-metodi tad-determinazzjoni tar-rilaxx.

<i>Artiklu 5</i> <i>Rapportar mill-Operaturi</i>
<i>1. ...</i> <i>Fil-każ ta' data indikata bħala data bbażata fuq il-kejl jew il-kalkolu, il-metodu analitiku u/jew il-metodu tal-kalkolu għandhom jiġu rapportati.</i> <i>...</i>
<i>3. L-operatur ta' kull faċilità għandu jiġbor, f' intervalli xierqa, it-tagħrif meħtieġ għad-determinazzjoni ta' liema rilaxxi u trasferimenti 'l barra mis-sit huma soġġetti għar-rekwiżiti dwar ir-rapportar imsemmija fil-paragrafu 1.</i>
<i>4. Waqt it-tnejn tar-rapport, l-operatur ikkonċernat għandu jagħmel użu mill-aħjar tagħrif disponibbli, li jista' jinkludi data mill-monitoraġġ, il-fatturi ta' l-emissjoni, l-ekwazzjonijiet tal-bilanċ tal-massa, monitoraġġ indirett jew kalkoli oħrajn, valutazzjonijiet fl-inġinerija u metodi oħrajn skond l-Artiklu 9(1) skond il-metodoloġiji approvati internazzjonalment, meta dawn ikunu disponibbli.</i>

Kaxxa Nru 8: Regolament E-PRTR, Artiklu 5 (siltiet relatati mal-kejl, il-kalkolu u l-istima)

Ir-rilaxx u t-trasferimenti 'l barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma skartat għandhom jiġu rapportati bħala kwantitajiet ta' inkwinanti rilaxxati bħala kg/sena waqt li l-iskart trasferit 'il barra mis-sit għandu jiġi rrapurtat bħala tunnellati/sena. Il-kwantitajiet annwali għandhom jiġu determinati bi frekwenza u tul ta' ġbir tad-data suffiċjenti matul is-sena biex ikun hemm data raġonevolment rappreżentattiva u komparabbli. Waqt id-determinazzjoni tal-frekwenza, huwa importanti li jkun hemm bilanċ bejn ir-rekwiżiti dwar il-karatteristiċi ta' l-emissjoni, il-periklu għall-ambjent, l-aspetti prattiċi tat-teħid tal-kampjuni u l-ispejjeż. Il-prattika tajba tissuġġerixxi wkoll li jkun hemm tqabbil tal-frekwenza tal-monitoraġġ mat-termini taż-żmien li matulhom jistgħu jseħħu effetti dannużi jew xejriet li jistgħu jkunu dannużi. Għal aktar tagħrif ara d-dokument BREF dwar il-Prinċipji Ġenerali għall-Monitoraġġ⁴⁷.

L-operaturi huma obbligati li jiġbru d-data meħtieġa sabiex jiddeterminaw liema rilaxx u trasferimenti 'l barra mis-sit għandhom jiġu rapportati. Ir-rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-aħjar tagħrif disponibbli li jippermetti assigurazzjoni tal-kwalità xierqa⁴⁸ u li jkun skond il-metodoloġiji approvati internazzjonalment meta tali metodoloġiji jkunu disponibbli.

Sabiex ikun hemm inqas rapportar duplikat (determinazzjoni ta' l-inkwinanti), ir-rapportar skond il-PRTR Ewropew ta' xi faċilità jista' jiġi integrat sa fejn ikun prattiku u fid-dawl tal-komparabbiltà fil-futur tad-data rapportata mal-metodoloġiji tal-kejl, kalkolu jew stima attwali diġà stipulati għall-faċilità kkonċernata mill-awtoritajiet kompetenti.

⁴⁷ Dettalji dwar meta għandu jsir il-monitoraġġ jinsabu fil-Kapitlu 2.5 tal-BREF "Sistema ta' Monitoraġġ" (BREF 07.03.); ara <http://eippcb.jrc.es/pages/FAbout.htm>

⁴⁸ Ara l-Kapitlu 1.1.12 ta' din il-gwida.

L-operatur tal-faċilità jrid jiddeċiedi qabel jiġbor id-data liema metodu tad-determinazzjoni (M, C, jew E) jirriżulta fl-“aħjar data disponibbli” għar-rapportar. Meta d-data tkun imkejla jew ikkalkulata, il-metodu tal-kejl u/jew il-metodu tal-kalkolu għandhom jiġu kkalkulati wkoll (ara l-kaxxa 8)⁴⁹.

L-operaturi għandhom jippreparaw il-ġbir tad-data skond **metodoloġiji approvati internazzjonalment** (ara l-Artiklu 5(4)), meta tali metodoloġiji jkunu disponibbli. Il-metodoloġiji li ġejjin huma meqjusa bħala approvati internazzjonalment:

- L-istandards CEN u ISO bħala metodoloġiji tal-kejl⁵⁰;
- Il-“Linji gwida għall-monitoraġġ u r-rapportar ta’ l-emissjonijiet tal-gass b’effett serra skond l-Iskema għall-Iskambju ta’ l-Emissjonijiet”, il-“Linji gwida IPPC” u l-“Manwal għall-Inventarju ta’ l-Emissjonijiet fl-Atmosfera UN-ECE/EMEP” bħala metodoloġiji tal-kalkolu.

Il-Kapitli li ġejjin jipprovdu referenzi preċiżi għal metodoloġiji approvati internazzjonalment⁵¹.

L-operatur jista’ juża **metodoloġiji “ekwivalenti”** flok metodoloġiji approvati internazzjonalment, anki jekk ikunu disponibbli, jekk xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

1. L-operatur juża xi metodoloġija jew metodoloġiji tal-kejl, kalkolu jew stima diġà stipulati mill-awtorità kompetenti f’xi liċenzja jew permess għall-operazzjoni ta’ dik il-faċilità (l-isem tal-metodu li jrid jiġi rapportat⁵²: PER)
2. Metodoloġija tassattiva nazzjonali jew reġjonali għall-kejl jew il-kalkolu tkun legalment stipulata għall-inkwinant u l-faċilità kkonċernati (l-isem tal-metodu li jrid jiġi rapportat: NRB).
3. L-operatur ikun wera li l-metodoloġija tal-kejl alternattiva użata tkun ekwivalenti ma’ l-istandards tal-kejl CEN/ISO attwali⁵³ (l-isem tal-metodu li jrid jiġi rapportat: ALT).

⁴⁹ Ara l-Kapitlu 1.1.11.5 ta’ din il-gwida.

⁵⁰ L-appendiċi 3 ta’ din il-gwida tinkludi elenku tal-metodi tal-kejl standardizzati għad-determinazzjoni tar-rilaxx ta’ l-inkwinanti ta’ l-arja u ta’ l-ilma.

⁵¹ Ara l-Kapitlu 1.1.11.1 għall-metodi tal-kejl u l-Kapitlu 1.1.11.2 għall-metodi tal-kalkolu.

⁵² Għal dettalji dwar ir-rapportar tal-metodu użat, ara l-Kapitlu 1.1.11.5 ta’ din il-gwida.

⁵³ Per eżempju, skond is-CEN/TS 14793 (Proċedura ta’ validazzjoni intralaboratorji għal metodu alternattiv imqabbell ma’ metodu ta’ referenza).

4. L-operatur jagħmel użu minn metodoloġija ekwivalenti u juri l-ekwivalenza tar-rendiment tagħha permezz ta' Materjali ta' Referenza Ċertifikati (CRMs)⁵⁴ skond l-ISO 17025 u l-Gwida ISO 33 flimkien ma' l-aċċettazzjoni mill-awtorità kompetenti (l-isem tal-metodu li jrid jiġi rapportat: CRM).
5. Il-metodoloġija tkun metodu tal-bilanċ tal-massa (per eż. il-kalkolu tar-rilaxx ta' l-NMVOC fl-arja bħala d-differenza bejn id-data dwar l-*input* fil-proċess u l-inkorporazzjoni fil-prodott) u jkun aċċettat mill-awtorità kompetenti (l-isem tal-metodu li jrid jiġi rapportat: MAB).
6. Il-metodoloġija tkun metodu tal-kalkolu speċifiku għas-settur u mifrux ma' l-Ewropa kollha, żviluppat minn esperti ta' l-industrija, li jkun ġie ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea (env-eper@ec.europa.eu/env-prtr@ec.europa.eu), lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (eper@eea.eu.int) u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti (per eż. l-IPPC: www.ipcc-nggip.iges.or.jp/mail; UN-ECE/EMEP: <http://tfeip-secretariat.org/unece.htm>⁵⁵). Il-metodoloġija tkun tista' tintuża sakemm ma tkunx ġiet imwarrba mill-organizzazzjoni internazzjonali (l-isem tal-metodu li jrid jiġi rapportat: SSC).

Metodoloġiji oħrajn għandhom jintużaw biss jekk ikunu approvati internazzjonalment jew jekk metodoloġiji oħrajn ma jkunux disponibbli (l-isem tal-metodu li jrid jiġi rapportat: OTH).

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jridu jivvalutaw il-kwalità tad-data miġbura mill-operaturi⁵⁶ u jirrapportawha lill-Kummissjoni. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jridu jivvalutaw ukoll il-metodoloġiji użati.

1.1.11.1 Metodi ta' kejl

Id-data dwar ir-rilaxx u t-trasferimenti 'l barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma skartat jista' jkun ibbażat fuq il-kejl. Jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' aktar kalkolu sabiex ir-riżultati tal-kejl jiġu konvertiti f'ammonti annwali.

Fil-każ ta' trasferimenti 'l barra mis-sit ta' l-iskart, id-data annwali normalment tinkiseb billi l-iskart jintiżen.

Elenku ta' metodi tal-kejl approvati internazzjonalment għar-rilaxx fl-arja u fl-ilma/it-trasferiment ta' l-inkwinanti fl-ilma tal-91 inkwinant huwa inkluż fl-Appendiċi 3 ta' din il-Gwida. L-Elenku jkopri l-Istandards CEN u ISO u jipprovdi gwida dwar id-disponibbiltà ta' metodi tal-

⁵⁴ Materjal ta' Referenza Ċertifikat (CRM) huwa materjal jew sustanza akkumpanjata minn ċertifikat, li xi waħda jew aktar mill-valuri karatteristiċi tagħhom hija ċertifikata permezz ta' proċedura li tistabbilixxi t-traċċabilità għal realizazzjoni preċiża ta' l-unità li valur huwa espress fiha, u li għal kull valur iċċertifikat ikun hemm valur ta' inċertezza b'livell ta' affidabilità dikjarat (sors: Gwida ISO 30). Is-CRM disponibbli jinsabu fuq il-bażi tat-tagħrif tal-COMAR (ara <http://www.comar.bam.de/>)

⁵⁵ Dan is-sit fuq l-internet Internet tat-*Task Force* ta' l-UN-ECE dwar l-Inventarji u l-Projezzjonijiet ta' l-Emissjonijiet jipprovdi dettalji biex isir kuntatt ma' l-esperti rilevanti.

⁵⁶ Ara l-Kapitlu 1.2.3 ta' dan il-gwida.

kejl standardizzati għall-inkwinanti ta' l-arja u ta' l-ilma⁵⁷.

1.1.11.2 Metodi ta' kalkolu

Id-data dwar ir-rilaxx u t-trasferimenti tista' jkun ibbażata fuq kalkoli għad-determinazzjoni tar-rilaxx bl-użu ta' metodi tal-kalkolu u fatturi tar-rilaxx, li huma rappreżentattivi ta' ċerti inkwinanti u setturi industrijali.

Il-metodi tal-kalkolu approvati internazzjonalment huma deskritti fis-sorsi ta' tagħrif li ġejjin:

- Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet **Linji gwida għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra skond l-Iskema ta' l-Iskambju ta' l-Emissjonijiet** (l-isem tal-metodu li jrid jiġi rapportat: "ETS"; ara l- Kapitlu 1.1.11.5). Il-linji gwida u l-mistoqsijiet relatati li jsiru ta' spiss jinsabu fis-sit fuq l-internet ta' l-UE dwar l-ambjent⁵⁸. Fil-każ ta' faċilitajiet li jirrapportaw fuq attivitajiet identiċi ma' dawk rapportati skond ir-Regolamenti dwar l-Iskambju ta' l-Emissjonijiet, l-ammonti annwali ta' l-inkwinanti determinati mill-faċilità skond il-Linji Gwida ETS għandhom ikunu identiċi ma' l-ammont ta' inkwinanti rapportat skond ir-Regolament E-PRTR. Meta jkunu biss ċerti proċessi mwettqa fi ħdan attività soġġetta għar-Regolament E-PRTR li jaqgħu taħt ir-Regolamenti dwar l-Iskambju ta' l-Emissjonijiet, l-ammont totali ta' inkwinanti li jirriżultaw mill-attività rapportata skond ir-Regolament E-PRTR għandu jkun daqs id-data rapportata skond l-ETS flimkien mal-kontribut mis-sorsi li jkun baqa'.
- Il-**Linji Gwida IPPC**⁵⁹ jipprovdu metodoloġiji għall-valutazzjoni ta' l-emissjonijiet antropoġeniċi skond is-sors (l-isem tal-metodu li jrid jiġi rapportat "IPCC"; ara l-Kapitlu 1.1.11.5). Il-manwal ta' Referenza (Volum Nru 3) jipprovdi ġabra ta' tagħrif dwar il-metodi għall-valutazzjoni ta' l-emissjonijiet għal firxa aktar wiesgħa ta' **gass b'effett serra** u elenku sħiħ tat-tipi ta' sors ta' kull wieħed. Jipprovdi sommarju ta' firxa ta' metodi li jistgħu jintużaw fil-każ ta' ħafna tipi ta' sors. Jipprovdi wkoll sommarju tal-bażi xjentifika għall-metodi ta' inventarju rakkomandati u jipprovdi referenzi estensivi għall-letteratura teknika.
- Il-**"Manwal għall-Inventarju ta' l-Emissjonijiet ta' l-EMEP/CORINAIR – 2005"**⁶⁰ ta' l-**UN-ECE/EMEP** jipprovdi gwida komprensiva għall-metodoloġiji għal inventarju ta' l-emissjonijiet fl-arja (l-isem tal-metodu li jrid jiġi rapportat "UNECE/EMEP"; ara l- Kapitlu 1.1.11.5). L-għan tiegħu hu li jappoġġja r-rapportar skond il-Konvenzjoni UN-ECE dwar it-Tniġġiż ta' l-Arja li Jaqsam il-Konfini fuq Distanzi Twal u d-Direttiva ta' l-UE dwar il-limiti massimi nazzjonali dwar l-emissjonijiet. Il-Manwal huwa attività konġunta bejn l-UN-ECE/EMEP u l-Aġenzija Ambjentali Ewropea. Il-manwal fih Kapitli għal setturi ta'

⁵⁷ Ara l-Kapitlu 1.1.11.5 ta' din il-gwida.

⁵⁸ Għall-linji gwida ara: http://europa.eu.int/comm/environment/climat/pdf/c2004_130_en.pdf, għall-FAQs ara: http://europa.eu.int/comm/environment/climat/emission/pdf/monitoring_report_faq.pdf

⁵⁹ <http://www.ipcc-nggip.iges.or.jp/public/gl/invs1.htm>

⁶⁰ <http://reports.eea.eu.int/EMEPCORINAIR4/en>

sorsi speċifiċi, fejn hemm miġbura l-fatturi ta' l-emissjoni u l-metodi għall-kalkolu ta' l-emissjonijiet disponibbli kollha. Hemm *Task Force* li żżomm sit fuq l-internet maħsuba għax-xogħol fejn hemm disponibbli l-abbozzi ta' kapitli ġodda u l-emendi tal-kapitli attwali⁶¹.

Fil-każ tat-trasferiment ta' l-iskart 'il barra mis-sit, il-kalkolu tal-kwantità annwali ta' skart jista' jagħmel użu minn fatturi maqbula fuq livell internazzjonali, nazzjonali jew settorjali li, per eżempju, jindikaw l-ammont ta' skart b'relazżjoni mal-materjal; prodott jew l-*input* ta' materja prima.

1.1.11.3 Metodi ta' valutazzjoni

Normalment, l-operaturi jippreferu metodu ta' kejl jew kalkolu. F'dawk il-każijiet relattivament rari fejn ma jkunx hemm metodu ta' kejl jew kalkolu disponibbli, jew (aktar pertinenti) f'każijiet ta' inċidenti, id-data tista' tkun ibbażata fuq valutazzjoni, jiġifieri fuq valutazzjonijiet mhux standardizzati miksuba minn bilanċi tal-massa, l-añjar stima possibbli jew tbassir minn esperti.

1.1.11.4 Tagħrif ieħor dwar il-metodi tad-determinazzjoni tar-rilaxx⁶²

Tagħrif **ieħor** dwar il-metodi tad-determinazzjoni tar-rilaxx⁶³ jinsab fis-sorsi ta' tagħrif li ġejjin:

- Is-sit futur fuq l-internet ta' l-E-PRTR⁶⁴ għandha tipprovdi aktar tagħrif magħżul dwar il-metodi tad-determinazzjoni tar-rilaxx disponibbli.
- Id-dokument ta' l-IPPC "Dokument ta' Referenza dwar il-Prinċipji Ġenerali tal-Monitoraġġ" fih elenku ta' l-istandards u prestandards CEN għad-determinazzjoni tar-rilaxx⁶⁵.
- L-Istitut tal-Ġnus Magħquda għat-Taħriġ u r-Riċerka (UNITAR) jipprovdi appoġġ għad-determinazzjoni tar-rilaxxi. Id-dokument "Valutazzjoni tar-Rilaxx fl-Ambjent għar-Rapportar PRTR mill-Faċilitajiet, Introduzzjoni u Gwida għall-Metodi"⁶⁶ jagħti ħarsa ġenerali lejn il-metodi disponibbli għall-faċilitajiet sabiex jivvalutaw ir-rilaxx tagħhom fl-arja, fl-ilma u fl-art. Id-dokument mhux maħsub biex ikun gwida kompleta iżda jipprova

⁶¹ <http://www.aeat.co.uk/netcen/airqual/TFEI/unece.htm>

⁶² Ir-referenzi għas-siti fuq l-internetInternet jirreferu għall-qagħda kif kienet f'Settembru 2005.

⁶³ Ta' min jinnota li, partikolarment fl-Istati Uniti, it-terminu "valutazzjoni" ta' spiss jinkludi t-tliet metodi ta' determinazzjoni kollha: kejl; kalkolu; u valutazzjoni.

⁶⁴ www.prtr.ec.europa.eu

⁶⁵ <http://eippcb.jrc.es/pages/FAbout.htm> ara, b'mod partikolari, id-dokument "Sistema ta' Monitoraġġ" (BREF 07.03.)

⁶⁶ <http://www.unitar.org/cwm/publications/prtr.htm>

juri kif id-data diġà miġbura mill-faċilitajiet tista' tintuża. Id-dokument "Gwida għall-Faċilitajiet dwar il-Valutazzjoni u r-Rapportar tad-Data PRTR" li jappoġġja d-determinazzjoni tar-rilaxx, jinsab fl-istess sors.

- Is-sit fuq l-internet ta' l-OECD "Ċentru tar-Riżorsi għat-Teknika tal-Valutazzjoni tar-Rilaxx PRTR (RETs)⁶⁷ jipprovdi ċentru għall-manwali ta' gwida/dokumenti dwar it-teknika għall-valutazzjoni tar-rilaxx għar-reġistri ewlenin tar-rilaxx u t-trasferiment ta' l-inkwinanti żviluppati minn pajjiżi membri ta' l-OECD. Il-manwali u d-dokumenti jipprovdu tagħrif deskrittiv dwar is-sorsi tat-tniġġiż u l-inkwinanti li jiġu rilaxxati, kif ukoll tagħrif dwar il-fatturi ta' l-emissjoni, metodi tal-bilanċ tal-massa, kalkoli fl-inġinerija u tagħrif mill-monitoraġġ.
- Id-"Dejtabeġ ta' l-OECD dwar l-Użu u r-Rilaxx ta' Sustanzi Kemikali Industrijali"⁶⁸ hu mañsub sabiejtjipprovdi tagħrif faċilment aċċessibli dwar l-użu u r-rilaxx ta' sustanzi kemikali industrijali għal min iwettaq valutazzjoni ta' l-espożizzjoni/periklu. Ta' interess partikolari huwa t-tagħrif dwar ix-xenarji tar-rilaxx, l-użu u r-rilaxx ta' sustanzi kemikali partikolari u l-użu u r-rilaxx ta' sustanzi kemikali f'kategoriji partikolari ta' użu/industrija.
- L-iżvilupp OECD/IPPC/IEA tal-fażi II tal-metodoloġija "Linji Gwida IGPPC ta' l-1996 dwar L-inventarji Nazzjonali tal-Gass b'Effett Serra" (Linji gwida IPPC) għal sorsi agrikoli ta' N₂O (IPPC, 1997; Mosier et al.; 1998) jinkludi metodoloġiji għall-kalkolu kemm ta' l-emissjonijiet diretti kif ukoll indiretti ta' N₂O relatati mal-produzzjoni agrikola⁶⁹.
- Il-manwali Awstraljani dwar it-teknika tal-valutazzjoni ta' l-emissjonijiet huma disponibbli fuq l-internet⁷⁰.
- L-Uffiċċju ta' l-EPA (Aġenzija għall-Ħarsien ta' l-Ambjent) ta' l-Istati Uniti għall-lppjanar u l-istandards tal-Kwalità ta' l-Arja iżomm sit komprensiv fuq l-internet fejn materjal dwar il-fatturi ta' l-emissjoni u l-metodi tal-valutazzjoni ta' l-emissjoni użati fl-Istati Uniti hu disponibbli u, f'ħafna każijiet jista' jiġi mniżżel⁷¹.
- L-assoċjazzjoni tal-kumpaniji taż-żejt Ewropej ħejjiet rapport li jipprovdi tagħrif dwar "Metodi għall-valutazzjoni ta' l-emissjoni ta' l-inkwinanti ta' l-arja għar-rapportar EPER u PRTR mir-raffineriji"⁷².

⁶⁷ <http://www.oecd.org/env/prtr/rc>

⁶⁸ <http://appli1.oecd.org/ehs/urchem.nsf/>

⁶⁹ http://www.ipcc-nggip.iges.or.jp/public/gp/bgp/4_5_N2O_Agricultural_Soils.pdf

⁷⁰ <http://www.npi.gov.au/handbooks/>

⁷¹ <http://www.epa.gov/ttn/chief/>

⁷² Ara r-Rapport Nru 9/05 fuq <http://www.concawe.org/Content/Default.asp?PageID=31>

Il-letteratura dwar id-determinazzjoni tar-rilaxx fl-ilma hija ħafna aktar limitata milli fil-każ ta' l-arja. Is-sorsi ta' tagħrif li ġejjin huma **relatati speċifikament mad-determinazzjoni tar-rilaxx fl-ilma:**

1. Metodi għall-Valutazzjoni tat-Tniġġiż mill-Ilma skartat Industrijali fil-Baċin tal-Meuse, Tqabbil tal-metodi, studju LIFE ENV/F/205, Awwissu ta' l-1998, *Agence de l'eau*, Pariġi, Franza.⁷³
2. Noti Olandiżi dwar il-Monitoraġġ ta' l-Emissjonijiet fl-Ilma, Istitut għall-Ġestjoni ta' l-Ilma Intern u t-Trattament ta' l-Ilma skartat/RIZA. Frar 2000, RIZA, Lelystad, L-Olanda.⁷⁴
3. Il-Kummissjoni OSPAR għall-Ħarsien ta' l-Ambjent Marittimu ta' l-Atlantiku tal-Grigal varat il-proġett "Proċeduri Armonizzati għall-Kwantifikazzjoni u r-Rapportar ta' Sustanzi Perikolużi (HARP)" li jinkludi metodi għad-determinazzjoni tar-rilaxx.⁷⁵ Fit-taqsim "Monitoraġġ u Valutazzjoni" tal-paġna ewlenija ta' l-OSPAR taħt "deċiżjoni, rakkomandazzjonijiet u ftehimiet oħrajn" taqsim tal-ftehimiet, wieħed jista' jsib linji gwida oħrajn adottati mill-OSPAR għall-kejl u l-istima tas-sustanzi perikolużi u r-rilaxx tagħhom fl-ambjent marittimu⁷⁶.

Is-sorsi ta' tagħrif li ġejjin huma **relatati mad-determinazzjoni tar-rilaxx minn attivitajiet speċifiċi:**

- Attività E-PRTR, settur 5: Ġestjoni ta' l-iskart: **landfills**
Jeżistu mudelli ta' kalkolu differenti għad-determinazzjoni ta' rilaxx imferrex tal-metanu u d-dijossidu karboniku li huma ġeneralment użati fil-livell nazzjonali, per eż. mudelli ta' l-ewwel ordni ta' degradazzjoni bħal:
 - Mudell ta' l-ewwel ordni TNO⁷⁷
 - Mudell Afvalzorg (multifażi)⁷⁸
 - Mudell GasSim (multifażi)⁷⁹

⁷³ Sommarju tad-dokument jinsab fuq http://ruisseau.oieau.fr/life/summ_uk.pdf

⁷⁴ Dettalji dwar id-dokument jinsabu fuq http://eippcb.jrc.es/pages/webquery4_1.cfm?ID=mon&TYPE=tm&N=56

⁷⁵ <http://www.sft.no/english/> ara, b'mod partikolari, il-prototip tad-dokument HARP-HAZ (<http://www.sft.no/publikasjoner/kjemikalier/1789/ta1789.pdf>)

⁷⁶ <http://www.ospar.org/>

⁷⁷ Oonk, J., A. Boom, 1995. Formazzjoni tal-gass fil-*landfills*, irkupru u emissjonijiet. Programma NOVEM, Ġenerazzjoni ta' l-Enerġija mill-Iskart u l-Bijomassa (EWAB), rapport TNO R95-20; Apeldoorn, l-Olanda

⁷⁸ Scharff, H., J. Oonk, A. Hensen (2000) Kwantifikazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-gass mil-*landfills* fl-Olanda – Studju ta' definizzjoni. Programm NOVEM dwar It-Tnaqqia ta' Gass lehor b'Effett Serra (ROB), numru tal-proġett 374399/9020, Utrecht, l-Olanda, <http://www.robklimaat.nl/docs/3743999020.pdf>

- GasSim (landGEM)⁸⁰
- Mudell EPER Franza⁸¹
- LandGem US-EPA⁸²

Dawn il-mudelli m'humiex neċessarjament idonji biex jiġu applikati għal kull *landfill*. Per eżempju, il-mudell LandGem US-EPA jikkalkula r-rilaxx għoli tal-metanu billi jippreżumi li l-iskart depożitat huwa l-biċċa l-kbira organiku. Aktar tagħrif jinsab fid-“Dokument ta' appoġġ għad-determinazzjoni ta' l-emissjonijiet imxerrda tal-metanu mil-*landfills*”⁸³ fil-paġna Gwida EPER fis-sit fuq l-internet ta' l-EPER jew is-sit ta' l-E-PRTR⁸⁴.

- Attività E-PRTR, settur 6: Attivitàjiet oħrajn.

a) Kalkolu tar-rilaxx tan-nitroġenu u l-fosfru mill-**akwakultura** intensiva:

- Il-“Linji gwida għall-ġabra tat-tniġġiż fl-ilma lejn il-Baħar Baltiku (PLC-water)” tal-HELCOM tinkludi wkoll l-kalkolu tar-rilaxx tan-nitroġenu u l-fosfru mill-akwakultura intensiva⁸⁵.
- Il-Konvenzjoni OSPAR għall-ħarsien ta' l-ambjent marittimu ta' l-Atlantiku tal-Grigal: Linja gwida 2: Il-Kwantifikazzjoni u r-Rapportar ta' l-Iskariki/Telf tan-Nitroġenu u l-Fosfru mill-Impjanti ta' l-Akwakultura (Nru ta' referenza: 2004-1); (Sors: OSPAR 00/9/2 Add.2 u OSPAR 00/20/1, Artiklu 9.5a)⁸⁶.
- Il-Kunsill Nordiku ppubblika rapport li jirrigwarda l-BAT fis-settur ta' l-akwakultura. Il-biċċa l-kbira tar-rapport huwa bin-Norveġiż iżda jinkludi sommarju bl-Ingliż u jiddeskrivi (f'paġna 136 ff), bl-Ingliż ukoll, it-tliet metodi għall-kwantifikazzjoni ta' l-iskariki/telf tan-nitroġenu u l-fosfru fl-ilma tal-wiċċ mis-sistemi tal-produzzjoni ta' l-

⁷⁹ Gregory, R.G., G.M. Attenborough, D.C. Hall, C. Deed, 2003. Il-validazzjoni u l-iżvilupp tal-mudell integrat GasSim għall-valutazzjoni tal-periklu mill-gass mil-*landfills*, Proċess ta' Sardinja 2003, Cagliari, l-Italja. Ara wkoll: www.gassim.co.uk

⁸⁰ Is-software u l-manwal ta' referenza jinkisbu minn <http://www.epa.gov/ttn/atw/landfill/landflpg.html>

⁸¹ ADEME, Outil de calcul des émissions dans l'air de CH₄, CO₂, SO_x, NO_x issues des centres de stockage de déchets ménagers et assimilés (version 0), il-manwal ta' referenza jinkiseb minn: https://www.declarationpollution.ecologie.gouv.fr/gerep/download/annexe_guide_tech_emissions_ch4_CO2_SOx_NOx.pdf

⁸² US EPA. (2001) *Landfill* Volum III, http://www.epa.gov/ttn/chief/eiip/techreport/volume03/iii15_apr2001.pdf

⁸³ <http://eper.ec.europa.eu/eper/documents/Supporting Document determination of emissions of landfills.pdf>

⁸⁴ <http://eper.ec.europa.eu/eper/documents/Supporting Document determination of emissions of landfills.pdf>

⁸⁵ http://www.helcom.fi/groups/monas/en_GB/monas_guidelines/

⁸⁶ http://www.ospar.org/documents/dbase/decrecs/agreements/04-02b_HARP_guideline_2_aquaculture_installations.doc

akwakultura⁸⁷.

b) Għall-ewwel ċiklu tar-rapportar mudelli differenti tal-kalkolu ġew applikati fil-livell nazzjonall għad-determinazzjoni tar-rilaxx mill-**agrikoltura**. Aktar tagħrif dwar il-metodoloġiji użati għad-determinazzjoni tar-rilaxx jinsabu fid-”Dokument ta’ appoġġ għad-determinazzjoni ta’ l-emissjonijiet mill-irziezet tal-majjali u t-tjur”⁸⁸ fil-paġna Gwida EPER fis-sit fuq l-internet ta’ l-EPER.

Is-sorsi ta’ tagħrif li ġejjin huma eżempji relatati ma’ rilaxx minn **sorsi bħala telf u sorsi mxerrda fil-livell tal-faċilità**. Dan jinkludi wkoll ir-rilaxxi bħala telf u diffużi mill-faċilitajiet kif indirizzat fil-BREF ta’ monitoraġġ ta’ l-IPPC.

- Fil-qafas tan-netwerk IMPEL, twestaq proġett bil-għan li jirrevedi l-metodi u l-miżuri ta’ valutazzjoni għall-emissjonijiet imxerrda tal-VOCs użati fl-UE u biex jipproponi linji gwida biex jitjiebu l-monitoraġġ, il-liċenzjar u l-ispezzjoni ta’ l-attivitajiet industrijali. Ir-rapport finali fih tagħrif dwar il-metodi għall-valutazzjoni ta’ l-emissjonijiet⁸⁹.
- Is-CEN qiegħed jipprepara standards dwar “Emissjonijiet bħala telf u mxerrda ta’ rilevenza komuni għas-setturi ta’ l-industrija” li jkopru l-“Kejl ta’ emissjonijiet bħala telf ta’ fwar iġġenerati minn tnixxija minn makkinarju u pajpijiet” (abbozz ta’ standard CEN/TC 264 N 862) u “Valutazzjoni tar-rati ta’ l-emissjoni tat-trab bħala telf permess tal-Mudell ta’ Tixrid b’Lura “ (abbozz ta’ standard CEN/TC 264 N 863). Kif indikat fl-aħħar abbozz ta’ standard innifsu, “*Il-Mudell ta’ Tixrid b’Lura ma jippermettix il-kwantifikazzjoni tar-rati ta’ l-emissjoni tat-trab f’figuri assoluti minħabba preċiżjoni mhux determinata skond id-diversi kundizzjonijiet tas-siti, iżda huwa għodda li tippermetti lil kull impjant industrijali li jidentifika sorsi tat-trab li l-aktar jipproduċu emissjonijiet, ...*”.
- Il-Kunsill Ewropew tal-produtturi tal-Vynil ippubblika metodu “L-identifikazzjoni, il-kejl u l-kontroll ta’ l-emissjonijiet bħala telf minn xi tnixxija mit-tagħmir tal-proċess”⁹⁰ għall-valutazzjoni tal-massa totali ta’ l-emissjonijiet bħala telf minn kejl tad-ditekxin ta’ xi tnixxija permezz ta’ strument li jinġarr. Il-metodu fil-preżent huwa użat fis-settur EDC-VMC-OVC u huwa konformi ma’ l-istandard futur CEN/TC 264 N 862.
- Il-Kunsill Ewropew tal-produtturi tal-Vynil ippubblika metodu “Valutazzjoni ta’ l-emissjonijiet fl-arja mill-kontenituri tal-gass”⁹¹ għall-valutazzjoni tar-rilaxx minn sorsi mxerrda mill-kontenituri tal-gass.

⁸⁷ <http://www.norden.org/pub/sk/showpub.asp?pubnr=2005:528>

⁸⁸ <http://eper.ec.europa.eu/eper/documents/Supporting document determination of emissions from pig and poultry farms.pdf>

⁸⁹ <http://europa.eu.int/comm/environment/impel/vocemissions.htm>

⁹⁰ <http://www.ecvm.org/img/db/ECVM-Referencemethod-2004-rev2.pdf>

⁹¹ http://www.ecvm.org/img/db/reference_method_assessm.pdf

- L-*Euro Chlor* li tirrappreżenta l-Industrija *Chlor-Alkali* ppubblikat, fis-Serje għall-*Ħarsien ta' l-Ambjent*, il-“Linji gwida sabiex ikun hemm Bilanċ tal-Merkurju f'Impjant tal-Kloru” (it-3 Edizzjoni minn Ġunji 2000) użat ħafna fl-industrija tal-kloru Ewropea.

Aktar tagħrif utli ħafna jista' jinkiseb mis-**siti nazzjonali fuq l-internet tal-PRTR**. Elenku aġġornat tas-siti fuq l-internet tal-PRTRs nazzjonali jinsab fuq is-sit fuq l-internet tal-PRTR Ewropew.

1.1.11.5 Rapportar tal-metodu użat għall-kejl/kalkolu tar-rilaxx/trasferimenti ‘l barra mis-sit

Meta d-data rapportata tkun ġiet imkejla jew ikkalkulata (“M” jew “C”), il-metodu għandu jġi indikat (ara l-kaxxa 8). Għal dan il-għan, għandhom jintużaw l-indikazzjonijiet li ġejjin (b’żieda ma’ l-indiċi “M” jew “C” li għandhom jidhru skond il-Kapitlu 0):

Metodu użat għad-determinazzjoni tar-rilaxx/trasferimenti ‘l barra mis-sit	Titlu tal-metodu użat
Metodoloġiji tal-kejl⁹²	
Standard tal-kejl approvat internazzjonalment	Titlu fil-qosor ta’ l-istandard rilevanti (per eż., EN 14385:2004)
Metodoloġija tal-kejl diġà stipulata minn awtorità kompetenti f’xi liċenzja jew permess għall-operazzjoni ta’ dik il-faċilità	PER*
Metodoloġija tal-kejl tassattiva nazzjonali jew reġjonali stipulata permezz ta’ Att legali għall-inkwinant jew il-faċilità kkonċernati	NRB*
Metodu tal-Kejl Alternattiv skond l-istandards tal-kejl CEN/ISO attwali	ALT
Metodoloġija tal-kejl li r-rendiment tagħha huwa indikat permezz ta’ materjali ta’ referenza ċertifikati u li tkun aċċettata mill-awtorità kompetenti	CRM
Metodoloġija tal-kejl oħra	OTH*
Metodi ta’ kalkolu	
Metodu tal-kalkolu approvat internazzjonalment ⁹³	Titlu fil-qosor tal-metodu użat: ETS, IPCC, UNECE/EMEP
Metodoloġija tal-kalkolu diġà stipulata minn awtorità kompetenti f’xi liċenzja jew permess għall-operazzjoni ta’ dik il-faċilità	PER*
Metodoloġija tal-kalkolu tassattiva nazzjonali jew reġjonali stipulata permezz ta’ Att legali għall-inkwinant jew il-faċilità kkonċernati	NRB*
Metodu tal-bilanċ tal-massa li huwa aċċettat mill-awtorità kompetenti	MAB*
Metodu tal-kalkolu speċifiku għas-settur użat fl-Ewropa kollha	SSC
Metodoloġija tal-kalkolu oħra	OTH*

Tabellatar-rapportar* B’żieda mat-taqsis ta’ tliet ittri (per eż. NRB) jistgħu jingħataw it-titlu fil-qosor (per eż. VDI 3873) jew deskrizzjoni fil-qosor tal-metodoloġija (ara Tabella 14: Eżempji tar-rapportar tar-rilaxx fl-arja inklużi l-indikazzjonijiet tal-metodu użat).

⁹² Ara l-Kapitli 1.1.11 u 1.1.11.1

⁹³ Ara l-Kapitli 1.1.11 u 1.1.11.2

Tabella 13: Titlu tal-metodu użat għad-determinazzjoni tar-rilaxx/trasferimenti 'l barra mis-sit

Jekk tintuża aktar minn metodoloġija waħda għal xi inkwinant wieħed, il-metodoloġiji kollha użati jistgħu jiġu indikati mill-faċilitajiet. Meta d-data rapportata tkun ibbażata fuq stima (“E”) **mhemmx** obbligu, skond ir-Regolament E-PRTR li jiġi rapportat it-titlu tal-metodu użat.

Ir-rapportar jista’ jinkludi, skond l-Anness III tar-Regolament E-PRTR, id-data li ġejja:

Rilaxx fl-arja						
Inkwinant		Metodu			Kwantità	
Nru fl-Anness II	Isem	M/C/E	Metodu użat		T (total) (kg/sena)	A (aċċidentali) (kg/sena)
			Kodiċi	Titlu jew deskrizzjoni		
1	CH ₄	C	NRB	metodoloġija ta’ kejl tassattiva reġjonali bl-użu tal-kromatografija speċifika tal-gass	125 000	-
3	CO ₂	C	ETS	-	244 000,000	-
14	HCFCs	E	-	-	1.28	1.28
18	Cd	M	EN 14385 :2004	-	12.5	-
72	PAH	M	NRB	VDI 3873	122	-

Tabella 14: Eżempji tar-rapportar tar-rilaxx fl-arja inklużi l-indikazzjonijiet tal-metodu użat

Fl-eżempju muri fit-tabella 14, ir-rilaxx fl-arja ta’ l-inkwinanti indikati jaqbeż il-livelli limitu u għandu jiġi rapportat. L-indikazzjoni tar-rilaxx tal-kadmju u l-PAH hija bbażata fuq il-kejl u dik tas-CO₂⁹⁴ u s-CH₄⁹⁵ fuq il-kalkolu. Ir-rilaxx ta’ l-HCFCs seħħ b’mod aċċidentali u huwa bbażat fuq valutazzjoni. Irid jiġi rapportat bħala rilaxx aċċidentali u jrid ukoll jiġi inkluż fir-rilaxx totali.

⁹⁴ Linji gwida għall-monitoraġġ u r-rapportar ta’ l-emissjonijiet tal-gass b’effett serra skond l-Iskema ta’ l-Iskambju ta’ l-Emissjonijiet; l-isem tal-metodu li jrid jiġi rapportat: “ETS”; ara hawn fuq.

⁹⁵ Mudell nazzjonali GasSim; l-isem tal-metodu li għandu jiġi rapportat “NRB”; ara hawn fuq.

Tabella 15: Eżempju tar-rapportar tat-trasferimenti ta' l-iskart 'il barra mis-sit, inklużi l-indikazzjonijiet tal-metodu użat

tipprovdi eżempju ta' kif "il-metodu użat" għandu jiġi indikat għar-rapportar tat-trasferimenti ta' l-iskart 'il barra mis-sit.

Trasferiment ta' l-iskart 'il barra mis-sit	Kwantità t/sena	Operazzjoni ta' proċessar ta' l-iskart	M/C/E	Metodu użat
Skart perikoluż fil-pajjiż	10.5	R	M	użin
Skart mhux perikoluż	2,500	D	C	PER

Tabella 15: Eżempju tar-rapportar tat-trasferimenti ta' l-iskart 'il barra mis-sit, inklużi l-indikazzjonijiet tal-metodu użat

L-indikazzjoni tal-metodu użat għat-trasferiment 'il barra mis-sit ta' l-iskart perikoluż huwa bbażat fuq l-"użin", dak ta' l-iskart mhux perikoluż fuq il-kalkolu bl-użu ta' metodoloġija stipulata mill-awtorità kompetenti fil-permess ta' l-operazzjoni tal-faċilità (l-isem tal-metodu li għandu jiġi rapportat "PER").

1.1.12 Assigurazzjoni ta' kwalità

L-operaturi huma responsabbli għall-kwalità tat-tagħrif li jirrapportaw.

<p><i>Artiklu 9</i> <i>L-assigurazzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalità;</i></p>
<p>1. <i>L-operatur ta' kull faċilità soġġetta għar-rekwiżiti dwar ir-rapportar stipulati fl-Artiklu 5 għandu jiżgura l-kwalità tat-tagħrif li jirrapportaw.</i></p>
<p>2. <i>L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kwalità tad-data ipprovduta mill-operaturi tal-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari dwar kemm hi kompleta, konsistenti u kredibbli.</i></p>

Kaxxa Nru 9: Regolament E-PRTR, Artiklu 9(1) (Assigurazzjoni tal-kwalità mill-operaturi)

Sabiex tkun żgurata l-kwalità tad-data rapportata, il-faċilitajiet jistgħu jikkunsidraw it-tagħrif ipprovdut fil-BREF⁹⁶ ta' monitoraġġ ta' I-IPPC,

Jekk xi sistema ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità bħall-ISO 9001⁹⁷ jew xi sistema tal-ġestjoni ta' l-ambjent bħall-EMAS⁹⁸ jew l-ISO 14001⁹⁹ jew sistemi nazzjonali simili/analogi jkunu diġa qegħdin jintużaw mill-faċilità, ir-rapportar tad-data E-PRTR jista' jiġi inkluż fil-qafas ta' dik is-sistema biex jgħin biex jiżgura l-oġġla kwalità ta' tagħrif possibbli.

L-operaturi huma obbligati li jużaw "l-añjar data disponibbli" għat-tnejjija tar-rapporti tagħhom. Skond l-Artiklu 9(2) tar-Regolament E-PRTR, id-data rapportata mill-operaturi għandha tkun ta' kwalità għolja fir-rigward tal-kompletezza, il-konsistenza u l-kredibilità (ara l-kaxxa 9.) kif imfisser hawn taħt:

Kompletezza tfisser li d-data rapportata għandha tkopri r-rilaxx u t-trasferiment 'l barra mis-sit ta' l-inkwinanti u l-iskart kollha li jaqbu l-valuri limitu tal-faċilitajiet kollha b'attivitajiet ta' l-Anness 'il fuq mill-valuri limitu. L-għan tal-valuri limitu għar-rapportar huwa li jiġi minimizzat il-piż tar-rapportar, għalkemm ir-rapportar ta' rilaxxi inqas mill-valur limitu huwa permess ukoll. Il-kompletezza tfisser ukoll li kull tagħrif addizzjonali meħtieġ dwar l-identifikazzjoni tal-faċilità u ta' l-attivitajiet ta' l-Anness I jiġi rapportat b'mod sñiħ.

⁹⁶ Ara dokument BREF "Sistema ta' Monitoraġġ" (BREF 07.03): <http://eippcb.jrc.es/pages/FAbout.htm>

⁹⁷ ISO 9001: Sistemi tal-Ġestjoni tal-Kwalità 2000, www.iso.org

⁹⁸ Ir-Regolament (KE) Nr. 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 dwar l-awtorizzazzjoni tal-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjoni fi skema Komunitarja għall-ġestjoni u l-awditjar ambjentali (EMAS).

⁹⁹ ISO 14001: Sistemi tal-Ġestjoni ta' l-Ambjent 2004, www.iso.org

Konsistenza tfisser li id-data tiġi rapportata fuq il-bażi ta' tifsiriet mingħajr ambigwià u konsistenti, l-identifikazzjoni tas-sorsi u metodoloġiji affidabbli għad-determinazzjoni tar-rilaxx fuq numru ta' snin. Ir-rapportar konsistenti mill-faċilitajiet għandu jgħin lill-Istati Membri jwettqu rapportar konsistenti f'formati standard lill-Kummissjoni u liż-ŻEE. Dan għandu jippermetti t-tqabbil tad-data rapportata mad-data dwar ir-rilaxx preċedenti mill-faċilitajiet li jirrapportaw jew ma' tagħrif minn sorsi simili f'pajjiżi oħrajn. F'dan ir-rgward, użu konsistenti f'kull Stat Membru tan-numru ta' l-identifikazzjoni tal-faċilitajiet, inkluża l-indikazzjoni ta' xi bidliet fin-numru ta' l-identifikazzjoni, huwa essenzjali¹⁰⁰.

Kredibilità tirreferi għall-awtentiċità, l-affidabilità, il-komparabbiltà u t-trasparenza tad-data. Fil-kuntest tar-reġistri tar-rilaxx u t-trasferimenti, il-kredibilità hija marbuta mill-qrib mal-konsistenza. Jekk il-metodi u s-sorsi tad-data użati f'xi proġett ta' żvilupp ta' inventarju jitqiesu li huma konsistenti, l-utenti jkollhom grad aċċettabli ta' fiduċja fid-data dwar ir-rilaxx żviluppata minn din it-teknika. Barra minn hekk, huwa importanti li t-tagħrif fl-E-PRTR ikun komparabbli sabiex jippermetti tqabbil oġġettiv u affidabbli tar-rilaxx u tat-trasferiment 'il barra mis-sit mid-diversi faċilitajiet f'xi pajjiż jew f'pajjiżi differenti. Dettalji dwar jekk xi rilaxx jew trasferiment 'il barra mis-sit kienx imkejjel, ikkalkulat jew stmat u l-ispeċifikazzjoni preċiża ta' liema metodoloġija tal-kejl jew tal-kalkolu ntużat għad-determinazzjoni tar-rilaxx jew it-trasferiment 'il barra mis-sit jgħinu sabiex id-data tkun aktar trasparenti u biex tkun żgurata l-kredibilità tad-data.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom id-dmir li jivvalutaw il-kwalità tat-tagħrif ippreżentat mill-operaturi¹⁰¹.

¹⁰⁰ Ara l-Kapitlu 1.1.6 ta' din il-gwida.

¹⁰¹ Ara l-Kapitlu 1.2.3 ta' din il-gwida.

1.2 Stati Membri

1.2.1 Identifikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' faċilitajiet li għalihom japplika r-Regolament E-PRTR

Operaturi ta' faċilitajiet li jwettqu attivitajiet skond l-Anness 1 aktar mil-limiti ta' kapaċità huma obbligati li jirrapportaw lill-awtorità kompetenti rilevanti l-informazzjoni neċessarja biex tkun identifikata l-faċilità jekk kemm-il darba din l-informazzjoni mhix diġà disponibbli lill-awtorità kompetenti (ara Kaxxa 6). B'hekk, Stat Membru għandu jkollu informazzjoni kompleta għad-dispożizzjoni tiegħu rigward il-faċilitajiet li għalihom japplika r-Regolament.

L-Anness I tar-Regolament E-PRTR fih lista ta' 65 attività rilevanti. Għal għadd minn dawn l-attivitajiet skond l-Anness I ngħata valur limitu ta' kapaċità. Huwa meħtieġ ir-rapportar jekk il-limiti ta' kapaċità u rilaxx jew limiti ta' trasferiment 'il barra mis-sit jinqabżu. Jekk ebda kapaċità mhi speċifikata, l-faċilitajiet kollha ta' l-attività rilevanti huma suġġetti għar-rapportar jekk jinqabżu l-valuri tar-rilaxx jew tat-trasferiment 'il barra mis-sit. Attivitajiet KPIT diġà kienu suġġetti għar-rapportar skond l-EPER u huma magħrufa b'mod ġenerali fl-Istati Membri. Differenzi bejn l-attivitajiet koperti taħt id-Direttiva KPIT u r-Regolament E-PRTR huma mfissra fl-Appendiċi 2, Tabella 21.

Jekk operatur iwettaq bosta attivitajiet li jaqgħu taħt l-istess attività skond Anness I fl-istess faċilita fuq l-istess sit, il-kapaċitajiet ta' attivitajiet bħal dawn jingħaddu flimkien (per eż. il-volumi ta' trattament tal-btieti). Il-kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' l-attivitajiet individwali għandhom jingħaqdu fil-livell ta' attività ta' Anness I. Is-somma tal-kapaċitajiet hija mqabbla imbagħad mal-limiti ta' kapaċità għall-attivitajiet speċifiċi ta' Anness I kif imsemmija fl-Anness I tar-Regolament E-PRTR.

Skond l-Anness III għar-Regolament E-PRTR, l-Istati Membri jridu jirrapportaw **numru ta' identifikazzjoni għal kull faċilità** kkonċernata. Bil-għan li jkun żgurat rapportar konsistenti u l-possibilità ta' evalwazzjoni ta' l-iżvilupp ta' rilaxxi u trasferimenti 'il barra mis-sit, in-numru ta' identifikazzjoni għal faċilità speċifika għandu jibqa' mhux mibdul matul iż-żmien. Jekk huwa possibli, in-numru għandu jkun identiku man-numru korrispondenti fl-EPER. Minħabba bidliet f'faċilitajiet bħal għeluq, rilokazzjoni, separazzjoni jew amalgamar ta' faċilitajiet, mhuwiex dejjem possibli li jkun allokat numru ta' identifikazzjoni wieħed għal faċilità speċifika matul iż-żmien. Bidliet bħal dawn f'faċilità għandhom ikunu rapportati mill-operatur lill-awtorità kompetenti li jekk ikun meħtieġ talloka numru ta' identifikazzjoni ġdid. Bidliet fin-numru ta' identifikazzjoni imqabbel ma' l-añħar 10 snin ta' rapportar (anke għal snin ta' rapportar EPER) jistgħu jingħataw fi "Parti tat-test għal informazzjoni testwali..." mill-awtorità kompetenti.

B'mod ġenerali r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin japplikaw fir-rigward ta' kwalunkwe bidla ta' numru ta' identifikazzjoni ta' faċilitajiet:

- 1) Numri ta' identifikazzjoni m'għandhomx jinbidlu kemm-il darba ma jkunx hemm fteigħa importanti f'ħa fna li jsir hekk;
- 2) Fil-każ ta' għeluq ta' faċilità, in-numru ta' identifikazzjoni għandu jinżamm għal faċilità għal mill-inqas 10 snin minn meta d-data tkun aċċessibbli fuq l-Internet għal dan il-perjodu;
- 3) Fil-każ ta' rilokazzjoni ta' faċilità, il-faċilità għandha tirċievi numru ta' identifikazzjoni ġdid;
- 4) Jekk faċilità tibdel biss l-operatur tagħha, l-isem jew il-kumpanija prinċipali, in-numru ta' identifikazzjoni għandu jibqa' l-istess.
- 5) Jekk faċilità tamalga ma' faċilità oħra fl-istess sit, għandu jittieħed in-numru ta' identifikazzjoni tal-faċilità li l-attività ewlenija tagħha hija identika għall-attività ewlenija tal-faċilità l-ġdida;
- 6) Jekk faċilità tinqasam, in-numru ta' identifikazzjoni għandu jibqa' mal-faċilità li tkompli l-attività ewlenija / attività ekonomika.
- 7) Ikun ta' għajnuna jekk, għal kull sena ta' rapportar, il-faċilità tirrapporta fil-parti "Informazzjoni testwali" tar-rapport tal-faċilità kwalunkwe bidliet għall-istorja tal-faċilità għall-aħħar għaxar snin.

1.2.2 Indikazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti għal talbiet mill-pubbliku

Skond l-Artiklu 7(2) moqri flimkien ma' Anness III tar-Regolament E-PRTR, l-Istati Membri għandhom obbligu li jirrapportaw għal kull faċilità id-**dettalji ta' kuntatt ta' l-awtorità kompetenti għal talbiet mill-pubbliku**". Id-dettalji ta' kuntatt li ġejjin huma meħtieġa:

- L-isem ta' l-awtorità kompetenti
- L-indirizz tat-triq
- Il-Belt/raħal
- Nru tat-Telefon
- Nru tal-Feks
- Indirizz elettroniku

Dawn id-dettalji ta' kuntatt iridu jkunu rapportati għal kull faċilità u jidhru fir-rapport tal-faċilità

fuq is-sit fuq l-internet ta' l-E-PRTR.

Jekk Stat Membru hekk jiddeċiedi, l-awtorità kompetenti għal talbiet mill-pubbliku tista' tkun l-istess għall-Istat Membru kollu. Jekk hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda għal faċilità, għal raġunijiet ta' trasparenza, waħda minn dawk għandha tkun iffissata bħala l-awtorità kompetenti għal talbiet mill-pubbliku.

1.2.3 Valutazzjoni tal-kwalità

Awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-kwalità tad-data, jekk l-informazzjoni pprovduta mill-faċilitajiet individwali hijiex sodisfaċenti fir-rigward l-isħuħija, konsistenza u kredibilità¹⁰².

Artiklu 9

Assigurazzjoni u Valutazzjoni ta' Kwalità

...

2. *L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kwalità tad-data pprovduta mill-operaturi tal-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-isħuħija, il-konsistenza u l-kredibilità tagħhom.*

Kaxxa 10: Regolament E-PRTR, Artiklu 9(2) (Valutazzjoni tal-kwalità mill-awtoritajiet kompetenti)

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw id-data pprovduta ma' l-informazzjoni li hija diġà disponibbli, kif hu xieraq. Per eżempju, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jixtiequ li jiċċekkjaw id-data li rċevew ma' dawn li ġejjin:

- informazzjoni li rċevew l-awtoritajiet kompetenti miksuba bħala parti mill-proċeduri ta' l-illieċenzjar jew l-iċċekkjar tal-konformità tal-permessi;
- informazzjoni rċevuta bħala riżultat ta' monitoraġġ mill-faċilitajiet stess li hija rapportata lill-awtoritajiet; u
- informazzjoni relatata mal-parteeċipazzjoni fl-immaniġġjar ambjentali tal-Komunità u l-iskema ta' verifika EMAS jew għall-ISO 14001

L-operaturi ta' faċilità jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-faċilità¹⁰³. Informazzjoni bħal din tista' tkun ukoll ta' użu għall-awtorità kompetenti fil-valutazzjoni tal-kwalità tad-data.

Madankollu, għandu jitqies li jista' jkun hemm restrizzjonijiet f'livell nazzjonali li jimpedixxu lill-Awtoritajiet Kompetenti milli jużaw informazzjoni miksuba għal skop wieħed għal skop differenti, mhux konness mingħajr il-permess tal-persuna li pprovdiet dik l-informazzjoni.

¹⁰² Ara l-kapitolu 1.1.12 ta' din il-gwida.

¹⁰³ Ara l-kapitolu 1.1.6 ta' din il-gwida.

Fil-każ ta' kwalunkwe diskrepanzi, inċertezzi jew dubji fir-rigward ta' l-informazzjoni provduta mill-faċilitajiet, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tista' titlob għal kjarifika mill-faċilità konċernata. Il-faċilità tista' tintalab ukoll li temenda l-informazzjoni fornuta jekk dan ikun xieraq. Dan jinkludi eżami mill-awtoritajiet kompetenti tad-dokumentazzjoni miżmuma mill-operaturi skond l-artiklu 5(5) tar-Regolament E-PRTR, inkluża d-data li minnha inkisbet l-informazzjoni rapportata u d-deskrizzjoni tal-metodoloġija użata fil-ġbir tad-data.

Barra mill-valutazzjoni tad-data mogħtija mill-operaturi l-Istati Membri jridu jassiguraw ruħhom li d-data kollha li trid tkun trażmessa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni hija sħiħa, konsistenti u kredibbli. L-Istati Membri huma appoġġjati mill-Kummissjoni Ewropea, li tipprovdri għodda elettronika ta' validazzjoni biex tkun applikata mill-Istati Membri. L-għodda ta' validazzjoni, li tista' tiġi mniżżla mill-Istati Membri, tinkludi bosta kontrolli elettroniċi tad-data, bil-għan li tiżgura rekwiżiti speċifiċi ta' kwalità għad-data. L-għodda ta' validazzjoni hija applikazzjoni tas-software li tista' ssib faċilment data żbaljata bħal ko-ordinati mhux korretti, ċifri għal kollox mhux korretti, inkwinanti rapportati darbtejn u faċilitajiet bl-ebda rapporti ta' rilaxxi ta' l-għodda ta' validazzjoni se tappoġġja l-kwalità tad-data fornuta u konformità mal-format tad-data mniżżel fl-Anness III tar-Regolament E-PRTR u se tiżgura trasferiment bla xkiel ta' data mill-Istati Membri għall-Kummissjoni.

1.2.4 Kunfidenzjalità ta' informazzjoni

Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kunfidenzjalità huma stipulati fl-Artiklu 11 tar-Regolament E-PRTR b'rabta ma' l-Artiklu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE.

Artiklu 11: Kunfidenzjalità

Meta informazzjoni tinżamm konfidenzjali minn Stat Membru skond l-Artiklu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni (ĠU L 41, 14.2.2003, p.26), l-Istat Membru għandu, fir-rapport tiegħu skond l-Artiklu 7(2) ta' dan ir-Regolament għas-sena tar-rapportar konċernata, jindika separatament, għal kull faċilità li ssostni kunfidenzjalità, it-tip ta' informazzjoni li kienet inżammet u r-raġuni għala kienet inżammet.

Kaxxa 11: Regolament E-PRTR, Artiklu 11 (Kunfidenzjalità)

Artiklu 4: Eċċezzjonijiet

[...]

“2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu sabiex talba għal informazzjoni ambjentali tkun irrifjutata jekk il-kaxxa ta' l-informazzjoni tolqot b' mod ħażin:

- (a) il-kunfidenzjalità tal-proċedimenti ta' awtoritajiet pubbliċi, fejn kunfidenzjalità bħal din, hija pprovduta mil-liġi;
- (b) ir-relazzjonijiet internazzjonali, sigurtà pubblika jew difiża nazzjonali;
- (c) il-kors tal-ġustizzja, l-abbiltà ta' kwalunkwe persuna li tirċievi ġuri ġust, jew l-abbiltà ta' awtorità pubblika li tagħmel inkjest ta' natura kriminali jew dixxiplinarja;
- (d) il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjali jew industrijali fejn kunfidenzjalità bħal din hija pprovduta mil-liġi nazzjonali jew Komunitarja biex tippoteġi l-interess ekonomiku, inkluż l-interess pubbliku fiż-żamma tal-kunfidenzjalità ta' l-istatistika u s-segretezza tat-taxxa;
- (e) id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;
- (f) Il-kunfidenzjalità tad-data personali u/jew fajls fir-rigward ta' persuna naturali fejn dik il-persuna ma tatx il-kunsens għal kaxxa ta' l-informazzjoni lill-pubbliku, fejn kunfidenzjalità bħal din hija pprovduta mil-liġi nazzjonali jew Komunitarja;
- (g) l-interessi jew il-protezzjoni ta' kwalunkwe persuna li fornit l-informazzjoni mitluba fuq bażi volontarja mingħajr ma hija taħt, jew kapaċi li tkun taħt, obbligu legali li tagħmel hekk, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx tat il-kunsens tagħha għar-rilaxx tal-informazzjoni konċernata;
- (h) il-ħarsien ta' l-ambjent li dwaru tirrigwarda l-informazzjoni bħal din, bħal ma huwa l-post ta' speċi rari.

Ir-raġunijiet għar-rifjut imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu interpretati f'mod ristrettiv, waqt li jittieħed kont għall-każ partikolari l-interess pubbliku moqdi mill-kaxxa. F'kull każ partikolari, l-interess pubbliku moqdi mill-kaxxa għandu jkun imkejjel ma' l-interess moqdi mir-rifjut. L-Istati Membri ma jistgħux, bis-saħħa tal-paragrafu 2(a), (d), (f), (g) u (h), jipprovdu sabiex talba tkun rifjutata fejn it-talba tirrigwarda informazzjoni dwar emissjonijiet fl-ambjent.

Fl-ambitu ta' dan il-qasam, u għall-iskopijiet ta' l-applikazzjonijiet tas-sub-paragrafu (f), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment ħieles ta' data (ĠU L281, 23.11.1995, p.31).”

Kaxxa 12: Id-Direttiva 2003/4/KE, Artiklu 4(2) fir-rigward tal-kunfidenzjalità ta' informazzjoni

Id-data kollha li tkun rapportata mill-operaturi skond l-Artiklu 5 tar-Regolament E-PRTR se tidher fl-E-PRTR bl-eċċezzjoni ta' dik id-data li tinżamm kunfidenzjali skond il-lista eżawrijenti ta' raġunijiet stipulata fl-Artiklu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE.

Id-deċiżjoni dwar liema data tinżamm kunfidenzjali tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, possibilment wara indikazzjoni għal dak il-għan mill-operatur. Id-data li l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tikklassifika bħala kunfidenzjali ma tkunx trażmessa lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropeja ma tiċċekkjax il-klassifikazzjoni tad-data trażmessa lilha miill-Istati Membri fejn dik l-informazzjoni ma ġietx ikklassifikata bħala li hija kunfidenzjali. Id-deċiżjonijiet kollha dwar il-kunfidenzjalità huma għalhekk meħuda mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri skond ir-Regolament E-PRTR.

B'mod ġenerali, ir-raġunijiet għall-kunfidenzjalità mniżżla fl-Artiklu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE jista' jkunu invokati biex tinżamm kull tip ta' informazzjoni rapportata mill-operaturi skond l-Artiklu 5 tar-Regolament E-PRTR. Eċċezzjoni tapplika għall-informazzjoni dwar emissjonijiet/rilaxxi¹⁰⁴. Informazzjoni dwar emissjonijiet/rilaxxi jistgħu jinżammu kunfidenzjali biss għar-raġunijiet msemmija fl-Artiklu 4(2)(b), (c) u (e) tad-Direttiva 2003/4/KE. Informazzjoni dwar emissjonijiet/rilaxxi tista', għalhekk, ma tinżammx għar-raġunijiet ta' l-Artiklu 4(2)(a), (d), (f), (g) jew (h) tad-Direttiva 2003/4/KE u lanqas għal kwalunkwe raġunijiet barra dawk stipulati fl-Artiklu 4(2)(b), (c) u (e) tad-Direttiva 2003/4/KE.

L-ebda eċċezzjoni ma tapplika għall-informazzjoni dwar trasferimenti 'il barra mis-sit. F'dan il-każ ir-raġunijiet kollha dwar il-kunfidenzjalità stipulati fl-artiklu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE jistgħu jkunu kkunsidrati. Din il-konsiderazzjoni mhux dejjem tfisser li l-informazzjoni neċessarjament tkun ittrattata b'mod kunfidenzjali. Fil-konsiderazzjoni tal-kunfidenzjalità ta' tip partikulari ta' informazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinterpretaw r-raġunijiet għall-kunfidenzjalità b'mod ristrettiv u għandhom jiżnu l-interess pubbliku moqdi mill-kxif ma' l-interess moqdi mill-kunfidenzjalità.

Fejn l-informazzjoni tinżamm kunfidenzjali, għal kull faċilità li titlob kunfidenzjalità, l-Istat Membru jindika lill-Kummissjoni Ewropea fir-rapport tiegħu skond l-Artiklu 7(2) tar-Regolament E-PRTR għal kull biċċa ta' informazzjoni miżmuma t-tip ta' informazzjoni li kienet miżmuma u r-raġuni li għaliha nżammet.

Fil-prattika, dan ifisser li fil-każ ta' data relatata mar-rilaxxi u trasferimenti 'il barra mis-sit ta' inkwinanti fid-dranaġġ, l-isem biss ta' l-inkwinant għandu għandu jinżamm kunfidenzjali u minflok, għandu jkun sostitwit mill-isem ta' grupp ta' inkwinanti, il-metodu tal-kejl/kalkulazzjoni ma jstax jiġi rapportat u r-raġuni għar-rifjut għandha tkun indikata skond l-artiklu li fuqu sar (per eżempju: "artiklu 4(2)(b)" = relazzjonijiet internazzjonali, sigurtà pubblika jew difiża nazzjonali; ara Kaxxa 12) kif ġej:

¹⁰⁴ It-terminu "emissjonijiet" huwa użat fid-Direttiva 2003/4/KE waqt li t-terminu "rilaxxi" huwa użat fir-Regolament E-PRTR.

Rilaxxi fl-arja						
	Nru ta' l-inkwinant mill-Anness II	Isem ta' l-inkwinant mill-Anness II	M/C/E	Metodu użat	Kwantità kg/sena	Raġuni għal kunfidenzjalità
Data konfidenzjali	-	Metall tqil	M	-	8.45	Artiklu 4(2)(b) tad-Direttiva 2003/4/KE

Tabella 16: Eżempju għall-irraportar ta' data kunfidenzjali

L-ismijiet li ġejjin għal gruppi ta' inkwinanti għandhom jintużaw għas-sostituzzjoni ta' l-inkwinanti individwali bi gruppi ta' inkwinanti

Gruppi ta' inkwinanti	Nru ta' l-inkwinant fl-Anness II tar-Regolament E-PRTR
Gassijiet serra	1, 3, 4, 5, 9, 10
Gassijiet oħra	2, 6, 7, 8, 11, 14, 15, 16, 80, 84, 85
Metalli tqal	17-24
Pestiċidi	25-30, 32, 33, 36-39, 41, 44-46, 51, 59, 67, 74, 75, 77, 89
Sustanzi organiċi klururati	31, 34, 35, 40, 42, 43, 47-50, 52-58, 60, 63, 90
Sustanzi organiċi oħra	61, 62, 64-66, 68-73, 76, 78, 87, 88, 91
Sustanzi inorganiċi	12, 13, 79, 81-83, 86.

Tabella 17: Kategorizzazzjoni ta' inkwinanti E-PRTR fi gruppi ta' inkwinanti

Kull meta data dwar trasferimenti 'il barra mis-sit tinżamm konfidenzjali għandu jkun indikat b'mod ċar liema data hija miżmuma kunfidenzjali (kwantità ta' skart, operazzjoni għat-trattament ta' l-iskart (R/D), M/C/E, l-isem u l-indirizz ta' min se jirkupra/ta' min se jarmi, l-isem u l-indirizz tas-sit attwali ta' irkupru/rimi) u r-raġuni għaliha bl-indikazzjoni tar-raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Tabella 18. Eżempju għar-rapportar ta' data kunfidenzjali għal trasferiment 'il barra mis-sit ta' skart fejn il-kwantità ta' skart mhijiex rapportata skond l-artiklu 4(2)(d) tad-Direttiva 2003/4/KE.

Trasferiment barra mis-sit ta' HW	Kwantità (t/sena)	Operazzjoni ta' trattament ta' skart	M/C/E	Metodu użat	Isem ta' min jirkupra/ta' min jarmi	Indirizz ta' min jirkupra/ta' min jarmi	Indirizz tas-sit attwali ta' rkupru/rimi	Raġuni għal kunfidenzjalità
lejn pajjiżi oħra	-	R	M	użin	Sunshine Components Ltd.	Sun Street, Flowertown south, PP12 8TS, United Kingdom	Sun Street, Flowertown south, PP12 8TS, United Kingdom	Artiklu 4(2)(b) tad-Direttiva 2003/4/KE

Tabella 18: Eżempju ta' rapportar ta' data kunfidenzjali għal trasferiment 'il barra mis-sit ta' skart perikoluż (HW) lejn pajjiżi oħra (data bħala eżempju: kwantità ta' skart mhux rapportat skond l-artiklu 4(2)(d) tad-Direttiva 2003/4/KE)

Fejn data rigward l-identifikazzjoni ta' faċilità tinżamm kunfidenzjali minħabba r-raġuni għar-rifjut, stipulata fl-artiklu 4(2)(f) tad-Direttiva 2003/4/KE (farsien ta' data personali) l-isem u l-indirizz tal-persuna naturali biss li tkun topera l-faċilità għandhom jinżammu kunfidenzjali. F'dan il-każ, l-isem u l-indirizz tal-faċilità ma jingħatax bħala informazzjoni għall-identifikazzjoni tal-faċilità¹⁰⁵. Il-koordinati ġeografiċi tal-faċilità ma għandhomx jibqgħu kunfidenzjali f'dan il-każ, bil-għan li jippermettu lill-pubbliku li jkun jaf ir-rilaxxi industrijali totali u trasferimenti 'il barra mis-sid fil-viċinanzi tagħhom.

It-tabella li ġejja turi eżempju għar-rapportar ta' rilaxx fl-arja, fejn l-isem u l-indirizz tal-faċilità mhuwiex rapportat skond l-artiklu 4(2)(f) tad-Direttiva 2003/4/KE.

Isem	Indirizz	Koordinati ġeografiċi	Nru ta' l-inkwinant	Isem ta' l-inkwinant	M/C /E	Metodu użat	Kwantità (total fi kg/sena)	Kwantità (aċċidentali fi kg/sena)	Raġunijiet għal kunfidenzjalità
-	-	8.665055 48.576678	1	Metanu (CH ₄)	C	IPCC	550,000	-	Artiklu 4(2)(b) tad-Direttiva 2003/4/KE

Tabella 19: Eżempju ta' rapportar ta' data kunfidenzjali għal rilaxx fl-arja (data bħala eżempju; l-isem u l-indirizz tal-faċilità li mhijiex rapportata skond l-artiklu 4(2)(f) tad-Direttiva 2003/4/KE)

¹⁰⁵ Ara l-kapitolu 1.1.6 ta'din il-gwida.

1.2.5 Informazzjoni addizzjonali

Kull tliet snin, l-Istati Membri jridu jirrapportaw l-informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tfejji kwestjonarju bil-għan li tiffaċilita r-rapportar ta' din l-informazzjoni addizzjonali. Abbozz ta' kwestjonarju ikun provdut lill-Istati Membri fi żmien opportun għal adozzjoni fil-Kumitat imsemmi fl-Artiklu 19 qabel l-ewwel obbligu ta' rapportar ta' informazzjoni addizzjonali f'Marzu 2011. L-informazzjoni addizzjonali mogħtija mill-Istati Membri tagħti lill-Kummissjoni Ewropea l-informazzjoni li hija teħtiegħ biex tgħaqqad rapport ta' reviżjoni skond l-artiklu 17 tar-Regolament E-PRTR (ara Kaxxa 13)

<i>Artiklu 16</i>	
<i>Informazzjoni addizzjonali li trid tkun rapportata mill-Istati Membri</i>	
1.	<i>L-Istati Membri għandhom, f' rapport wieħed ibbażat fuq l-informazzjoni mill-aħħar tliet snin ta' rapportar li għandu jingħata kull tliet snin flimkien mad-data provduta skond l-Artiklu 7, jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-prattika u l-miżuri meħuda rigward dan li ġej:</i>
(a)	<i>rekwiżiti skond l-Artiklu 5;</i>
(b)	<i>assigurazzjoni tal-kwalità u valutazzjoni skond l-Artiklu 9;</i>
(c)	<i>aċċess għall-informazzjoni skond l-Artiklu 10(2);</i>
(d)	<i>attivitajiet li joħolqu l-għarfien skond l-Artiklu 15;</i>
(e)	<i>kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni skond l-Artiklu 11;</i>
(f)	<i>penali pprovduti fl-Artiklu 20 u esperjenza fuq l-applikazzjoni tagħhom.</i>
2.	<i>biex ikun iffaċilitat ir-rapportar mill-Istati Membri msemmi fil-paragrafu 1 il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta għal kwestjonarju, li għandha tkun adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artiklu 19(2).</i>

Kaxxa 13: Regolament E-PRTR, Artiklu 16 (Informazzjoni addizzjonali li trid tkun rapportata mill-Istati Membri)

1.2.6 Għoti ta' data; ġestjoni u trasferiment

Il-faċilitajiet huma obbligati li jagħtu rapport lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.¹⁰⁶

Skond l-Anness III għar-Regolament E-PRTR l-Istati Membri għandhom jirrapportaw numru ta' identifikazzjoni għal kull faċilità konċernata u jiddeterminaw id-dettalji ta' kuntatt ta' awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għal talbiet tal-pubbliku għal kull faċilità¹⁰⁷.

¹⁰⁶ Dettalji dwar ir-rekwiżiti ta' l-irrapportar għall-faċilitajiet huma mogħtija fil-kapitoli 1.1.6 sa 1.1.12.

¹⁰⁷ Ara l-kapitolu 1.2.1 ta' din il-gwida.

L-Istati Membri għandhom jitrażmettu lill-Kummissjoni data rigward faċilitajiet speċifiċi. Bħal skond EPER, l-Istati Membri ftehm u li jagħtu d-data nazzjonali magħmula elettronikament liż-ŻEE u b'mod parallel b'CD-ROM lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tagħti għodda ta' validazzjoni xierqa fi żmien opportun lill-Istati Membri sabiex tiffaċilita t-trasferiment tad-data¹⁰⁸.

1.2.7 Skeda

L-iskeda li għandha tkun stabbilita mill-Istati Membri għall-operaturi biex jipprovdu d-data tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti trid tippermetti lill-operaturi żmien suffiċjenti biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jiġbru u jiżguraw il-kwalità tad-data¹⁰⁹ u jridu jħallu żmien suffiċjenti għall-Istati Membri għall-valutazzjoni ta' kwalità¹¹⁰ u l-ġbir ta' l-informazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jiffissaw sa liema data l-operaturi għandhom jirrapportaw id-data lill-awtoritajiet kompetenti. L-Istati Membri infushom għandhom jitrażmettu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni skond skedi speċifiċi kif stipulati fir-Regolament E-PRTR. Il-Kummissjoni għandha tinkorpora l-informazzjoni rapportata mill-Istati Membri skond aktar skedi speċifiċi fl-E-PRTR (ara Kaxxa 14)

<i>Artiklu 7</i>	
<i>Irrapportar mill-Istati Membri</i>	
1.	<i>L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, wara li kkunsidraw ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artiklu, data sa liema l-operaturi għandhom jipprovdu d-data kollha imsemmija fl-Artiklu 5(1) u (2) u l-informazzjoni msemmija fl-Artiklu 5(3), (4) u (5) lill-awtorità kompetenti tagħha.</i>
2.	<i>L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-data kollha msemmija fl-Artiklu 5(1) u (2) lill-Kummissjoni bi trasferiment elettroniku fil-format stipulat fl-Anness III u f'dawn l-iskedenzi li ġejjin:</i>
(a)	<i>għall-ewwel sena ta' rapportar, fi żmien 18-il xahar wara tmiem is-sena ta' rapportar;</i>
(b)	<i>għas-snin ta' rapportar ta' wara, fi żmien 15-il xahar wara tmiem is-sena ta' rapportar.</i>
<i>L-ewwel sena ta' rapportar għandha tkun is-sena 2007.</i>	
3.	<i>Il-Kummissjoni, mgħejjuna mill-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent, għandha tinkorpora l-informazzjoni rapportata mill-Istati Membri fil-PRTR Ewropew fl-iskadenzi li ġejjin:</i>
(a)	<i>għall-ewwel sena ta' rapportar, fi żmien 21-il xahar wara tmiem is-sena ta' rapportar;</i>
(b)	<i>għas-snin ta' rapportar ta' wara, fi żmien 16-il xahar wara tmiem is-sena ta' rapportar.</i>

Kaxxa 14: Regolament E-PRTR, Artiklu 7 (Rapportar mill-Istati Membri)

¹⁰⁸ Ara l-kapitolu 1.2.3 ta' din il-gwida.

¹⁰⁹ Ara l-kapitolu 1.1.12 ta' din il-gwida.

¹¹⁰ Ara l-kapitolu 1.2.3 ta' din il-gwida.

It-Tabella 20 turi l-iskedi għall-ewwel snin ta' rapportar għad-dover ta' rapportar ta' l-Istati Membri u d-dover tal-Kummissjoni Ewropea li tinkorporara l-informazzjoni rapportat fil-PRTR Ewropew skond ir-Regolament E-PRTR.

Sena ta' Rapportar	Rapportar mill-operaturi	Rapportar mill-Istati Membri	Inkorporazzjoni mill-Kummissjoni	Reviżjoni mill-Kummissjoni
2007*	**	30 ta' Ġunju 2009	30 ta' Settembru 2009	31 ta' Ottubru 2011
2008	**	31 ta' Marzu 2010	30 ta' April 2010	
2009	**	31 ta' Marzu 2011	30 ta' April 2011	
2010	**	31 ta' Marzu 2012	30 ta' April 2012	31 ta' Ottubru 2014
2011	**	31 ta' Marzu 2013	30 ta' April 2013	
2012	**	31 ta' Marzu 2014	30 ta' April 2014	

Tabella 20: Deskrizzjoni ġenerali għar-rapportar mill-Istati Membri u l-obbligu tal-Kummissjoni Ewropea li tinkorpora u tirrevedi l-informazzjoni rapportata

*l-ewwel sena ta' rapportar E-PRTR

** biex ikun determinat mill-Istati Membri

Il-Kummissjoni tagħmel sit fuq l-internet bi prova disponibbli għall-Istati Membri qabel l-iskadenza għar-rapportar ta' l-informazzjoni mill-Istat Membri, kif speċifikat fir-Regolament E-PRTR. Is-sit fuq l-internet bi prova jippermetti l-verifika finali ta' l-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni mill-Istati Membri.

1.2.8 Tkabbir ta' l-għarfien

L-Istati Membri għandhom jippromwovu għarfien ta' l-E-PRTR u jgħinu fl-aċċess għall-E-PRTR.

Artiklu 15

Tkabbir ta' l-għarfien

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-għarfien mill-pubbliku tal-PRTR Ewropew u għandhom jiżguraw li tingħata għajnuha biex tkun aċċessjata l-PRTR Ewropew u fil-fehim u l-użu ta' l-informazzjoni li hemm fiha.

Kaxxa 15: Regolament E-PRTR, Artiklu 15 (Tkabbir ta' l-għarfien)

Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa per eż. jipprovdu *links* mis-sit fuq l-internet nazzjonali tal-PRTR għas-sit fuq l-internet ta' l-E-PRTR¹¹¹ jew jinformat f'pubblikazzjonijiet nazzjonali dwar kif tkun aċċessjata l-informazzjoni ta' l-E-PRTR.

1.2.9 Penali

Skond l-Artiklu 20 tar-Regolament E-PRTR, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur, u għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw l-implimentazzjoni tar-Regolament E-PRTR. L-Istati Membri huma obbligati li jinformat lill-Kummissjoni dwar dispożizzjonijiet li jikkorrispondu sena wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament E-PRTR (i.e. 20 ta' Frar 2007) u jridu jinformat ukoll lill-Kummissjoni bla dewmien dwar xi emendi sussegwenti (ara Kaxxa 16).

L-Artiklu 20 Penali

- 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li jkunu implimentati. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.*
- 2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni l-aktar tard sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar xi emenda sussegwenti li tolqothom.*

Kaxxa 16: Regolament E-PRTR, Artiklu 20 (Penali)

¹¹¹ www.prtr.ec.europa.eu

1.3 Il-Kummissjoni Ewropea

1.3.1 Id-Disinn u l-Istruttura ta' l-E-PRTR

Skond l-Artiklu 4 tar-Regolament E-PRTR, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-PRTR Ewropew. Dan isir fis-sit fuq l-internet ta' l-E-PRTR. www.prtr.ec.europa.eu

L-informazzjoni għandha tkun ippreżentata f'forma aggregata u f'forma mhux aggregata u tkun tipprovdi dawn l-għażliet ta' tfitxija li ġejjin:

- faċilità, inkluż il-kumpanija ewlenija tal-faċilità fejn applikabbli, u l-post ġeografiku tagħha, inkluż il-baċin tax-xmara;
- l-attività;
- l-okkorrenza fil-livell ta' l-Istat Membru jew tal-Komunità;
- l-inkwinant jew skart, kif xieraq;
- kwalunkwe mezz ambjentali (l-arja, l-ilma, l-art) li fih jiġi rilaxxat l-inkwinant;
- it-trasferimenti 'il barra mis-sit ta' l-iskart u d-destinazzjoni tiegħu, kif xieraq;
- it-trasferimenti 'il barra mis-sit ta' l-inkwinanti fl-ilma mill-iskart;
- is-sorsi mxerrda;
- is-sid jew l-operatur tal-faċilità.

Għandu jkun ipprovdut aċċess għall-ijnformazzjoni ta' għallinqas l-aħħar 10 snin ta' rapportar. Is-sit fuq l-internet ta' l-E-PRTR għandu jinkludi *links* elettroniċi għal sorsi oħra ta' informazzjoni kif indikati fl-Artiklu 4(3) tar-Regolament E-PRTR (Arar Kaxxa 17).

<i>Artiklu 4</i> <i>Disinn u Struttura</i>
..
3. <i>Il-PRTR Ewropew għandu jinkludi links għal dawn li ġejjin:</i>
(a) <i>il-PRTRs nazzjonali ta' l-Istati Membri;</i>
(b) <i>dejtabejżis rilevanti eżistenti, aċċessibbli għall-pubbliku dwar suġġetti relatati mal-PRTRs, inklużi l-PRTRs nazzjonali</i>
<i>ta' Partijiet oħra għall-Protokoll u, fejn jista' jsir, dawk ta' pajjiżi oħra;</i>
(c) <i>is- sit fuq l-internet tal-faċilitajiet jekk jeżistu u links huma mogħtija voluntarjament mill-faċilitajiet.</i>

Kaxxa 17: Regolament E-PRTR, Artiklu 4(3) (Links fuq is-sit fuq l-internet ta' l-E-PRTR)

1.3.2 Ġestjoni tad-data mill-Kummissjoni/ŻEE

Id-data ta' l-E-PRTR żviluppata mill-Istati Membri għandha tinħażen u tkun ipproċessata mis-sit EEA ReportNet għall-inkorporazzjoni tagħha fis-sit fuq l-internet ta' l-E-RPTR. Id-data kollha ta' l-E-PRTR tista' tkun iddawnlowdjata kollha għal użu aktar mill-pubbliku¹¹². Il-Kummissjoni/ŻEE tipprovdi għodda ta' validazzjoni li tintuża mill-Istati Membri bil-għan li jiżguraw datasett armonizzat għall-ħażna fiż-ŻEE. Għal aspetti speċifiċi u għall- ipproċessar u valutazzjoni dettaljata tad-data, għandhom jitqabbdur konsulenti esterni u ċentri dwar is-suġġett biex jwettqu analiżi u evalwazzjoni profonda tad-data.

1.3.3 Aċċess għat-tagħrif

Is-sit fuq l-Internet ta' l-E-RPTR għandu jkun kontinwament u aċċessibbli malajr u għandu jkun bla ħlas. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinkorpora l-informazzjoni rapportata fis-sit tal-RPTR Ewropew fi żmien prevedibbli¹¹³.

Informazzjoni fuq il-PRTR Ewropew tkun addizzjonalment aċċessibbli b'mezzi elettroniċi oħra bħal ma huwa l-“Europe Direct Information Network”¹¹⁴. Dan huwa servizz li joffri informazzjoni dwar kull xorta ta' servizzi relatati ma' l-UE u jista' jagħti tweġibiet diretti f'kuntatt wiċċ'imb'wiċċ, permezz tat-telefon jew kompjuter jew li jista' jwasslek għal għajn ta' informazzjoni u pariri oħra fil-livell ta' l-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali¹¹⁵.

*Artiklu 10
Aċċess għat-tagħrif*

1. *Il-Kummissjoni, mgħejjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tagħmel l-PRTR Ewropew aċċessibbli għall-pubbliku bla ħlas fuq l-Internet skond l-iskeda stipulata fl-Artiklu 7(3).*
2. *Fejn l-informazzjoni inkluża fil-PRTR Ewropew ma hijiex aċċessibbli b'mod ħafif mill-pubbliku permezz ta' mezz elettroniku dirett, l-Istat Membru konċernat u l-Kummissjoni għandhom jiffaċilitaw l-aċċess elettroniku għall-postijiet tal-PRTR Ewropew li huma aċċessibbli pubblikament.*

Kaxxa 18: Regolament E-PRTR, Artiklu 10 (Aċċess għat-tagħrif)

¹¹² www.prtr.ec.europa.eu

¹¹³ Ara kapitolu 1.2.7, Tabella 20.

¹¹⁴ Ara kapitolu 1.2.8.

¹¹⁵ Il-Europe Direct Information Network hija aċċessibbli pubblikament b'modi differenti:

- b'kuntatt wiċċ'imb'wiċċ f'madwar 400 post madwar l-Ewropa;
- bla ħlas bit-telefon permezz ta' numru tat-telefon bla ħlas għal EUROPE DIRECT disponibbli mill-Istati Membri kollha: 00 800 6 7 8 9 10 11 jew b'numru normali tat-telefon; +32-2-229.96.96 disponibbli mid-dinja kollha;
- bil-kompjuter permezz ta' l-indirizz elettroniku jew sit fuq l-internetInternet: <http://europa.eu.int/europedirect/>

1.3.4 Parteċipazzjoni pubblika

Skond l-Artiklu 12 tar-Regolament PRTR, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi opportunitajiet kmieni u effettivi għall-parteċipazzjoni mill-pubbliku fl-iżvilupp ulterjuri ta' l-E-PRTR.

<p><i>Artiklu 12</i> <i>Parteċipazzjoni pubblika</i></p> <p>1. <i>Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi lill-pubbliku opportunitajiet kmieni u effettivi biex jipparteċipa fl-iżvilupp ulterjuri tal-PRTR Ewropew, inkluż it-tkattir tal-kapaċità u t-tnejja ta' emendi għal dan ir-Regolament.</i></p> <p>2. <i>Il-pubbliku għandu jkollu l-opportunità li jissottometti kull kummenti, informazzjoni, analiżi u opinjonijiet rilevanti fi żmien raġjonevoli.</i></p> <p>3. <i>Il-Kummissjoni għandha tikkonsidra tagħrif bħal dan u għandha tinforma lill-pubbliku dwar ir-riżultat tal-parteċipazzjoni pubblika.</i></p>
--

Kaxxa 19: Regolament E-PRTR, Artiklu 12 (Parteċipazzjoni Pubblika)

Bil-għan li tkun żgurata parteċipazzjoni pubblika xierqa fit-tnejja ta' l-emendi għar-Regolament E-PRTR, dawk interessati rilevanti għandhom ikunu mistiedna għallinqas 6 ġimgħat bil-quddiem biex jieħdu sehem fil-laqgħat li jikkorrispondu tal-Kumitat skond l-Artiklu 19 ta' l-E-PRTR. Is-sehem ta' dawk interessati permezz ta' dan il-Kumitat jista' jkun appoġġjat b'konsultazzjonijiet permezz ta' l-Internet. B'mod partikulari, fil-każ ta' l-emendi għar-Regolament E-PRTR, għandu ikun previst żmien raġjonevoli (għallinqas 6 ġimgħat) għall-kummenti mill-pubbliku

Il-Kummissjoni għandha tqis b'mod xieraq tagħrif bħal dan u għandha tinforma lill-pubbliku dwar ir-riżultat tal-parteċipazzjoni pubblika.

1.3.5 Tkabbir ta' l-għarfien

L-Istati Membri għandhom jippromwovu għarfien ta' l-E-PRTR u jgħinu fl-aċċess għall-E-PRTR. (Ara Kaxxa 15).

Bħal taħt l-EPER, il-Kummissjoni għandha tippromwovi għarfien ta' l-E-PRTR per eżempju, permezz ta' okkażjoni ta' tnedija għall-ewwel rawnd ta' rapportar, materjal ta' reklami, laqgħat ta' diskussjoni, pubblikazzjonijiet, stqarrijiet għall-istampa, tagħrif dwar l-E-PRTR f'fora oħra internazzjonali, eċċ.

Il-Kummissjoni tgħin l-aċċess għall-E-PRTR b'mezzi oħra barra l-Internet f'livell nazzjonali per

eż. permezz tal-"EUROPE DIRECT information network"¹¹⁶.

1.3.6 Koordinazzjoni ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-valutazzjoni tal-kwalità

L-operaturi huma responsabbli għall-assigurazzjoni tal-kwalità f'livell ta' faċilità (ara kapitolu 1.1.12). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kwalità tad-data pprovduta mill-operaturi tal-faċilitajiet b'mod partikolari fir-rigward ta' l-isħuħija, il-konsistenza u l-kredibilità tagħhom (ara kapitolu 1.2.3). Il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà li tikkoordina l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-valutazzjoni tal-kwalità b'konsultazzjoni mal-Kumitat imwaqqaf skond l-artiklu 19 tar-Regolament E-PRTR.

<i>Artiklu 9</i> <i>Assigurazzjoni u Valutazzjoni tal-Kwalità</i>
...
3. <i>Il-Kummissjoni għandha tikkoordina x-xogħol fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-valutazzjoni tal-kwalità b'konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artiklu 19(1).</i>
4. <i>Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet skond il-proċedura msemmija fl-Artiklu 19(2). Dawn il-linji gwida għandhom ikunu skond metodoloġiji approvati internazzjonalment, fejn dawn huma disponibbli, u għandhom ikunu konsistenti mal-leġiżlazzjoni Komunitarja oħra.</i>

Kaxxa 20: Regolament E-PRTR, Artikli 9(3) u 9(4) (relatati mal-koordinazzjoni ta' l-assigurazzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalità mill-Kummissjoni).

Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandhom jagħmlu kontrolli fuq xi aspetti tad-data rapportata; u b'mod partikolari jikkonsidraw l-isħuħija u l-konsistenza tad-data.

Il-Kummissjoni tikkoordina l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-valutazzjoni billi:

- tipprovidi dan id-dokument ta' gwida lil dawk interessati u lill-pubbliku;
- tforni l-għodod ta' validazzjoni xierqa lill-Istati Membri bil-għan li tiffaċilita t-trasferiment tad-data u sabiex tassigura rekwiżiti ta' kwalità speċifiċi¹¹⁷; u
- tirrevedi l-informazzjoni addizzjonali mogħtija kull tliet snin mill-Istati Membri¹¹⁸

Barra dan, skond l-artiklu 9(3) tar-Regolament E-PRTR, il-Kummissjoni għandha, b'koordinazzjoni mal-Kumitat mañtur skond l-Artiklu 19 E-PRTR, tikkoordina l-assigurazzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalità kull meta Stat Membru, min ikun interessat u huwa relevanti, jew il-Kummissjoni nnifisiha, jaraw il-ħtieġa għal azzjoni relatata ma' l-aspetti ta' kwalità.

¹¹⁶ Ara kapitolu 1.3.3

¹¹⁷ Ara kapitolu 1.2.6

¹¹⁸ Ara kapitolu 1.3.8.

Meta jkun hemm diverġenzi kbar bejn l-Istati Membri fil-ġbir u r-rapportar tad-data, il-Kummissjoni jkun iktar jaqblilha li tipproponi u tadotta Linji Gwida għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet skond l-artiklu 9(4)

1.3.7 Rilaxxi minn sorsi mxerrda

Il-Kummissjoni, mgħejjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tinkludi fil-PRTR Ewropew informazzjoni dwar ir-rilaxxi minn sorsi mxerrda fejn informazzjoni bħal din teżisti u diġà kienet rapportata mill-Istati Membri. L-informazzjoni għandha tkun irranġata b'mod xieraq fuq is-sit fuq l-Internet ta' l-E-PRTR. Fejn mhix disponibbli informazzjoni xierqa, il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri biex tibda rrapportar xieraq.

Artiklu 8

Rilaxxi minn sorsi mxerrda

1. *Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tinkludi fil-PRTR Ewropew informazzjoni dwar ir-rilaxxi minn sorsi mxerrda fejn informazzjoni bħal din teżisti u diġà kienet rapportata mill-Istati Membri.*
2. *L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun organizzata b'tali mod li tippermetti lill-utenti li jfittxu għal u jidentifikaw rilaxxi minn sorsi mxerrda skond disaggregazzjoni ġeografika adegwata u għandha tinkludi informazzjoni dwar it-tip tal-metodoloġija użata biex tinkiseb l-informazzjoni.*
3. *Fejn il-Kummissjoni tiddetermina li ma teżistix data dwar rilaxxi minn sorsi mxerrda, hija għandha tiegħu miżuri biex tibda rrapportar dwar rilaxxi ta' inkwinanti rilevanti minn għajn imxerred jew aktar skond il-proċedura msemmija fl-Artiklu 19(2), bl-użu ta' metodoloġiji approvati internazzjonalment fejn huwa xieraq.*

Kaxxa 21: Regolament E-PRTR, Artiklu 8 (Rilaxxi minn sorsi mxerrda)

Il-Kummissjoni għandha teżamina l-attivitajiet u inventarji ta' rrapportar eżistenti relatati ma' rilaxxi minn sorsi mxerrda li kienu diġà jeżistu, per eż. fir-rapportar tal-gass b'effett serra u tiġbor inventarju madwar l-UE ta' rilaxxi minn sorsi mxerrda li kienu diġà rapportati mill-Istati Membri.

Fl-ewwel *test approach* l-inventarju għandu jiffoka fuq id-data eżistenti għal 91 inkwinant tar-Regolament E-PRTR fis-settur tat-traffiku stradali, tat-tbaħħir, ta' l-avjazzjoni, ta' l-agrikoltura, tal-kostruzzjoni, ta' l-użu tas-solventi, tal-kombustjoni domestika tal-fjuwil, tad-distribuzzjoni tal-fjuwil mill-fossili u tal-faċilitajiet industrijali żgħar ("SMEs").

Fejn il-Kummissjoni tiddetermina li ebda data ma teżisti, hija għandha tiegħu l-miżuri biex tibda r-rapportar korrispondenti.

1.3.8 Reviżjoni ta' l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri

Kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tippublika reviżjoni ta' l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u ttiprovdi valutazzjoni ta' l-operat ta' l-E-PRTR lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Artiklu 17

Reviżjoni mill-Kummissjoni

1. *Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skond l-Artiklu 7 u wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tippublika rapport kull tliet snin ibbażat fuq l-informazzjoni mill-aħħar tliet snin ta' rapportar disponibbli, sitt xhur wara l-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni fuq l-Internet.*

2. *Dan ir-rapport għandu jkun sottomess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' valutazzjoni ta' l-operat tal-PRTR Ewropew.*

Kaxxa 22: Regolament E-PRTR, Artiklu 17 (Reviżjoni)

Kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-proċess tar-rapportar kollu ta' l-E-PRTR. Ir-reviżjoni għandha tiffoka fuq l-evalwazzjoni tal-ġbir tad-data u l-proċess tar-rapportar dwar suġġetti bħal, ngħidu aħna, metodi użati għad-determinazzjoni tar-rilaxx, konsistenza, sħuħija u kredibbiltà tad-data, ġestjoni tad-data u puntwalità. Fuq il-bażi ta' din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tirrakkomanda titjib fl-effiċjenza u effettività tar-rapportar skond l-E-PRTR.

Skond in-nota tal-qiegħ (2) fl-Anness I fir-Regolament E-PRTR, il-limiti ta' kapaċità (ta' 10,000 m³ kull jum) għal "impjanti għat-trattament ta' l-ilma skartat industrijali li jkunu mħaddma b'mod indipendenti li jaqdu attività waħda jew aktar ta' dan l-anness" għandu jkun rivedut mill-Kummissjoni, l-aktar sa l-2010 fid-dawl tar-riżultati ta' l-ewwel ċiklu ta' rapportar.

1.3.9 Informazzjoni addizzjonali

Skond l-Artiklu 16(2) tar-Regolament E-PRTR (ara Kaxxa 13), il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta għal kwestjonarju li għandu jħaffef r-rapportar mill-Istati Membri. L-abbozz tal-kwestjonarju għandu jkun ippreżentat lill-Kumitat maħtur skond l-Artiklu 19 ta' l-E-PRTR biex ikun adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artiklu 19(2)¹¹⁹.

1.3.10 Skeda

Il-Kummissjoni hija obbligata li tinkorpora l-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri fil-

¹¹⁹ Ara kapitolu 1.2.5

PRTR Ewropew skond skeda stabbilita fl-artiklu 7 tar-Regolament E-PRTR u biex tirrevedi r-rapportar kull tliet snin (ara Kaxxa 22). It-Tabella 20¹²⁰ turi l-iskedi għall-ewwel sitt snin ta' rapportar biex tinkorpora u tirrevedi l-informazzjoni rapportata fir-rigward ta' l-iskedi ta' rapportar mill-Istati Membri.

1.3.11 Proċedura tal-kumitat

Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn Kumitat. Il-proċedura tal-Kumitat hija stipulata fl-Artiklu 19 tar-Regolament e-PRTR (ara Kaxxa 10: Regolament E-PRTR, Artiklu 19 (Proċedura tal-Kumitat)); moqri flimkien ma' l-artikoli 5, 7 u 8 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE¹²¹.

Artiklu 19

Proċedura tal-Kumitat

1. *Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat").*
2. *Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1994/468/KE għandhom japplikaw, wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 8 tagħha. Il-perjodu pprovdut fl-Artiklu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal tliet xhur.*

Kaxxa 23: Regolament E-PRTR, Artiklu 19 (Proċedura tal-Kumitat)

B'konsultazzjoni mal-Kumitat il-Kummissjoni

- Tikkoordina x-xogħol fuq l-assigurazzjoni ta' kwalità u l-valutazzjoni ta' kwalità skond l-Artiklu 9(3) tar-Regolament E-PRTR (ara Kaxxa 20);
- tabbozza dokument ta' gwida li jappoġġja l-implimentazzjoni tal-PRTR Ewropew skond l-Artiklu 14 (ara Kaxxa 2)

Flimkien mal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha

- tiegħu miżuri biex tibda rapportar dwar rilaxxi ta' inkwinanti rilevanti minn għajn jew għejjun imxerrda skond l-Artiklu 8(3) tar-Regolament E-PRTR (ara Kaxxa 21)
- tadotta linji gwida għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet skond l-Artiklu 9(4) tar-Regolament E-PRTR (Kaxxa 20)
- tadotta kwestjonarju biex tiffaċilita r-rapportar addizzjonali mill-Istati Membri skond l-Artiklu 16(2) (Ara Kaxxa 13)

¹²⁰ Ara kapitolu 1.2.7.

¹²¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.

- tadotta emendi għall-Annessi II u III għar-Regolament E-PRTR li huma neċessarji biex l-annessi jkunu adattati għall-progress xjentifiku jew tekniku; jew bħala riżultat ta' adozzjoni mil-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll PRTR ta' l-UNECE ta' kwalunkwe emenda għall-Annessi għall-Protokoll skond l-Artiklu 18 tar-Regolament E-PRTR (ara Kaxxa 24)

1.3.12 Emendi għall-Annessi

Emendi għall-Annessi II u III għar-Regolament E-PRTR li huma neċessarji biex l-annessi jkunu adattati għall-progress xjentifiku jew tekniku; jew bħala riżultat ta' adozzjoni mil-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll PRTR ta' l-UNECE ta' kwalunkwe emenda għall-Annessi għall-Protokoll għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni u mgħejjuna mill-Kumitat imsemmi fl-Artiklu 19(2) (Ara Kaxxa 24)

Emendi għall-Anness I tar-Regolament E-PRTR kien taħt proċedura ta' ko-deċiżjoni skond l-Artiklu 251 tat-Trattat KE.

*Artiklu 18
Emendi għall-Annessi*

Kwalunkwe emenda neċessarja għal adozzjoni ta':

- (a) Annessi II jew III għal dan ir-Regolament għal progress xjentifiku jew tekniku, jew*
- (b) Anness II u III għal dan ir-Regolament bħala riżultat ta' l-adozzjoni mil-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' kwalunkwe emenda għall-Annessi għall-Protokoll, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artiklu 19(2).*

Kaxxa 24: Regolament E-PRTR, Artiklu 18 (Emendi għall-Annessi)

Glossarju

Jekk jogħġbok innota li bosta termini rilevanti użati fid-Dokument ta' Gwida huma mfissra fl-Artiklu 1 tar-Regolament E-PRTR.

Limiti għad-determinazzjoni

Il-limitu ta' kwantifikazzjoni li huwa mfisser bħala l-konċentrament jew ammont minimu ta' *analyte* li dwaru jitwettqu rekwiżiti speċifiċi għal sett iffissat ta' kriterji ta' kwalità rilevanti

Numru tal-CAS

Il-*Chemical Abstracts Service (CAS) Registry Numbers*¹²² huma identifikaturi universali u preċiżi ta' komposti kimiċi individwali. It-tieni kolonna ta' l-Anness tar-Regolament E-PRTR tindika in-numru CAS ta' kull inkwinant, meta disponibbli.

¹²² Għal aktar informazzjoni dwar il-CAS Registry Number, ara <http://www.cas.org/EO/regsys.html>

Parti II: Appendiċi

Appendiċi 1: Regolament dwar il-ħolqien ta' PRTR EWROPEW

I

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

tat- 18 ta' Jannar 2006

dwar il-ħolqien ta' Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b' mod partikolari l-Artiklu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artiklu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali Komunitarja adottata b'Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] teħtieġ li jkun hemm appoġġ għall-għoti ta' informazzjoni aċċessibli liċ-ċittadini fuq l-istat u t-tendenzi ta' l-ambjent f'dak li għandu x'jaqşam ma' tendenzi soċjali, ekonomiċi u ta' saħħa kif ukoll dwar iż-żieda ġenerali fil-kuxjenza ambjentali.
- (2) Il-Konvenzjoni tal-UN-ECE dwar Aċċess għall-Infurmazzjoni, Parteċipazzjoni Pubblika fit-teħid ta' Deċiżjonijiet u Aċċess għall-Ġustizzja f'Affarijiet Ambjentali (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Aarhus"), iffirmata mill-Komunità Ewropea fil- 25 ta' Ġunju 1998, tirrikonoxxi li ż-żieda ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u t-tixrid ta' tali informazzjoni jagħtu kontribut sabiex iqajmu kuxjenza akbar dwar kwistjonijiet ambjentali, skambju liberu ta' ideat, parteċipazzjoni aktar effikaċi mill-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali u, eventwalment, għal ambjent aħjar..

(3) Reġistri dwar ir-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti (minn hawn 'il quddiem "PRTR") huma mezz ekonomikament vijabli sabiex jitħeġġeġ titjib fl-eżekuzzjoni ambjentali, għall-għoti ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar rilaxx ta' inkwinanti u fuq it-trasferiment ta' inkwinanti u ta' skart barra mis-sit, u għall-użu ta' tendenzi fis-sekwenzi, li juru progress fit-tnaqqis ta' tniġġis, monitoraġġ ta' l-osservanza ta' ċerti ftehim internazzjonali, twaqqif ta' prijoritajiet u valutazzjoni tal-progress miksub permezz ta' politika u programmi Komunitarji jew nazzjonali dwar l-ambjent.

(4) PRTR integrat u koerenti jipprovdi lill-pubbliku, lill-industrija, lix-xjentisti, lill-kumpanni ta' assigurazzjoni, lill-awtoritajiet lokali, lill-organizzazzjonijiet non-governattivi u lill-persuni oħra involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet, database solida bħala referenza għat-tqabbil u għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-ġejjieni dwar affarijiet ambjentali.

(5) Fil- 21 ta' Mejju 2003 il-Komunità Ewropea iffirmit il-Protokoll tal-UN/ECE dwar ir-Reġistri għar-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (minn hawn 'il quddiem "Protokoll"). Id-disposizzjonijiet tal-liġi Komunitarja għandhom ikunu konsistenti ma' dak il-Protokoll bil-ħsieb tal-konklużjoni tiegħu mill-Komunità.

(6) Regjistru Ewropew dwar l-Emissjoni ta' Inkwinanti (minn hawn 'il quddiem "EPER") ġie stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/479/KE [4]. Il-Protokoll huwa mfassal fuq l-istess prinċipji bħal EPER, iżda jmur lill-hinn, billi jinkludi rapportar dwar aktar inkwinanti, aktar attivitajiet, rilaxxi fl-art, rilaxxi minn sorsi diffużi u trasferimenti il-barra mis-sit.

(7) L-għanijiet u s-skopijiet li jridu jitwettqu permezz ta' PRTR Ewropew jistgħu jinkisbu biss jekk id-data hija affidabbli u komparabbli. Armonizzazzjoni adegwata tas-sistema għall-ġbir ta' data u għat-trasferiment tagħha hija għalhekk meħtieġa sabiex tkun aċċertata l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data. Skond il-Protokoll il-PRTR Ewropew għandu jiġi mfassal sabiex ikun hemm l-aktar faċilità possibli għall-aċċess pubbliku permezz ta' l-internet. Rilaxxi u trasferimenti għandhom jkunu identifikati faċilment taħt forom aggregati u mhux aggregati differenti sabiex jinkiseb aċċess massimu ta' informazzjoni fi żmien raġonevoli.

[1] Opinjoni tas- 6 ta' April 2005 (għadha mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas- 6 ta' Lulju 2005 (għadha mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat- 2 ta' Diċembru 2005.

[3] ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.

[4] ĠU L 192, 28.7.2000, p. 36.

- (8) Sabiex jiġi promoss aktar l-għan li jiġi appoġġat il-forniment ta' informazzjoni aċċessibbli liċ-ċittadini dwar l-istat u t-tendenzi ta' l-ambjent kif ukoll dwar it-tqajjim ġenerali ta' kuxjenza ambjentali, il-PRTR Ewropew għandu ikollu konnessjonijiet ma' databases oħra simili fi Stati Membri, Stati mhux Membri u organizzazzjonijiet internazzjonali
- (9) Skond il-Protokoll, il-PRTR Ewropew għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar operazzjonijiet speċifiċi għar-rimi ta' l-iskart, sabiex ikunu rapportati bħala rilaxxi fl-art; operazzjonijiet ta' rkupru bħat-tifrix ta' ħama u ta' demel ma humiex rapportati taħt din il-kategorija.
- (10) Sabiex jinkiseb l-għan tal-PRTR Ewropew li tingħata informazzjoni li tista' toqgħod fuqha lill-pubbliku u sabiex ikun possibbli li jittieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq tagħrif miksub, huwa neċessarju li jingħataw skadenzi raġjonevoli imma stretti għall-għbir ta' data u għal rapportar; dan huwa partikolarment rilevanti għar-rapportar li jsir mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.
- (11) Ir-rapportar dwar rilaxxi minn faċilitajiet industrijali, għalkemm għadu mhuwiex dejjem konsistenti, komplet, u komparabbli, huwa proċedura stabbilita sew f'bosta Stati Membri. Fejn ikun xieraq, ir-rapportar ta' rilaxxi minn sorsi diffużi għandu jittejjeb sabiex ihegġegħ lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet sabiex iqiegħdu f'kuntast aħjar dawk ir-rilaxxi u jagħżlu l-aktar soluzzjoni effikaċi għat-tnaqqis ta' tniġġis.
- (12) Data rapportata minn Stati Membri għandha tkun ta' kwalità għolja b'mod partikolari fir-rigward tal-kompletezza, il-konsistenza u l-kredibilità tagħha. Hija ta' importanza ewlenija li jkunu koordinati l-isforzi futuri ta' l-operaturi u l-Istati Membri sabiex ikun hemm titjib fil-kwalità tad-data rrapportata. Għalhekk il-Kummissjoni ser tibda xogħol, flimkien ma' l-Istati Membri, fuq assigurazzjoni tal-kwalità.
- (13) Skond il-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-pubbliku għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni li jinsab fil-PRTR Ewropew mingħajr ma jiġi spjegat ebda interess, primarjament billi jkun aċċertat li l-PRTR Ewropew jkun aċċessibbli elettronikament b'mod dirett permezz ta' l-Internet.
- (14) Aċċess għall-informazzjoni mill-PRTR Ewropew m'għandux ikun ristrett u eċċezzjonijiet minn tali regola għandhom ikunu possibbli biss jekk jidher b'mod ċar li ġew mogħtija minn leġislazzjoni eżistenti tal-Komunità.
- (15) Skond il-Konvenzjoni ta' Aarhus, parteċipazzjoni pubblika għandha tkun assigurata permezz ta' żviluppi ulterjuri tal-PRTR Ewropew billi jkun hemm opportunitajiet bikrija u effettivi sabiex jiġu preżentati kummenti, informazzjoni, analiżi jew opinjonijiet rilevanti għal proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Applikanti għandhom ikunu jistgħu jffitxu reviżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja ta' l-atti jew ommisjonijiet ta' awtorità pubblika f'dak li għandu x'jaqsam ma' rikjesta.
- (16) Sabiex ikun hemm żieda fl-utilità u l-impatt tal-PRTR Ewropew, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoperaw fl-iżvilupp ta' gwida li tappoġġja l-implementazzjoni tal-PRTR Ewropew, fil-promozzjoni ta' kuxjenza fost il-pubbliku u fil-forniment xieraq u f'waqt ta' assistenza teknika.
- (17) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat- 28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' setgħat ta' implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ⁽¹⁾.
- (18) Minħabba li l-għan ta' l-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri li jittejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali permezz tal-ħolqien ta' database elektroniku integrat, koerenti u mifrux mal-Komunità kollha, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri, minħabba li l-ħtieġa għal data komparabbli fl-Istati Membri kollha jitlob livell għoli ta' armonizzazzjoni, u b'hekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artiklu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità hekk kif stabbilit f' dak l-Artiklu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (19) Sabiex ir-rekwiżiti għar-rapportar jiġu simplifikati u jsiru aktar effiċjenti d-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat- 12 ta' Diċembru 1991 dwar skart perikoluż ⁽²⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l- 24 ta' Settembru 1996 dwar prevenzjoni u kontroll ⁽³⁾ integrati ta' tniġġis għandhom jiġu emendati.
- (20) Il-PRTR Ewropew għandu l-għanijiet, fost affarijiet oħrajn, li jinforma l-pubbliku dwar emissjonijiet ta' inkwinanti importanti dovuti, b'mod partikolari, għal attivitajiet koperti mid-Direttiva 96/61/KE. Għaldaqstant, skond dan ir-Regolament, għandha tingħata informazzjoni lill-pubbliku dwar emissjonijiet minn installazzjonijiet koperti mill-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (21) Sabiex jitnaqqas rapportar doppju, skond il-Protokoll, is-sistemi ta' reġistri għar-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti jistgħu jiġu integrati sa grad prattikabbli ma' sorsi eżistenti ta' informazzjoni bħal mekkaniżmi ta' rapportar taħt liċenzji jew permessi ta' tħaddim. Skond il-Protokoll, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jaffettwaw id-dritt ta' l-Istati Membri li jżommu jew li jintroduċu reġistru għar-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti li jkun iktar estensiv jew iktar aċċessibbli għall-pubbliku minn dak li hu meħtieġ mill-Protokoll,

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

[2] ĠU L 377, 31.12.1991, p. 20. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 94/31/KE (ĠU L 168, 2.7.1994, p. 28).

[3] ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artiklu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi reġistru integrat dwar ir-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti fuq livell Komunitarju (minn hawn 'il quddiem "il-PRTR Ewropew") taħt forma ta' database eletroniku li huwa aċċessibbli mill-pubbliku u li jistabbilixxi regoli għall-funzjoni tiegħu, sabiex issir implementazzjoni tal-Protokoll UN-ECE dwar Reġistri għar-Rilaxx u Trasferiment ta' inkwinanti (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") u sabiex jiffaċilita parteċipazzjoni pubblika fit-tehdid ta' deċizzjonijiet dwar l-ambjent, kif ukoll sabiex jikkontribwixxi għal prevenzjoni u t-tnaqqis ta' tniġġis ta' l-ambjent.

Artiklu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "il-pubbliku" jfisser waħda jew aktar persuna fiżika jew ġuridika, u, skond il-leġislazzjoni nazzjonali jew il-prattika, l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi tagħhom;
- (2) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità jew awtoritajiet nazzjonali, jew kwalunkwe korp jew korpi kompetenti, maħtura mill-Istati Membri;
- (3) "installazzjoni" tfisser unità teknika stazzjonarja fejn attività waħda jew aktar elenkati fl-Anness I jitwettqu, u kwalunkwe attivitajiet oħra li huma direttament assoċjati li għandhom konnessjoni teknika ma' l-attivitajiet imwettqa f'dak is-sit u li jista' jkollhom effett fuq emissjonijiet u tniġġis;
- (4) "faċilità" tfisser installazzjoni waħda jew aktar fuq l-istess sit li huma operati mill-istess persuna fiżika jew ġuridika;
- (5) "sit" tfisser il-post ġeografiku fejn tinsab il-faċilità;
- (6) "operator" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla l-faċilità jew, fejn dan huwa provdut fil-leġislazzjoni nazzjonali, lil min għet delegata setgħa ekonomika deċisiva fuq il-funzjonament tekniku tal-faċilità;
- (7) "sena ta' rapportar" tfisser is-sena kalendarja li fiha jrid isir il-ġbir ta' data dwar rilaxxi ta' inkwinanti u ta' trasferimenti l barra mis-sit;
- (8) "sustanza" tfisser kwalunkwe element kimiku u l-komposti tiegħu, ħliet sustanzi radjuattivi;

- (9) "inkwinant" tfisser sustanza jew grupp ta' sustanzi li jistà jkun ta' periklu għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-proprietajiet tiegħu u l-introduzzjoni tiegħu fl-ambjent;
- (10) "Rilaxx" tfisser kwalunkwe introduzzjoni ta' inkwinanti fl-ambjent bħala riżultat ta' kwalunkwe attività tal-bniedem, kemm jekk deliberata jew aċċidentali, ta' rutina jew mhux ta' rutina, inkluż tixrid, emissjoni, ħruġ, injezzjoni, rimi jew ħatt, jew permezz ta' sistemi ta' dranaġġ mingħajr tisfija finali tad-dranaġġ;
- (11) "trasferiment 'l barra mis-sit" tfisser il-moviment lill-hinn mill-fruntieri ta' faċilità ta' skart destinat għall-irkupru jew għar-rimi u għall-inkwinanti f' ilma ta' dranaġġ destinat għat-tisfija tad-dranaġġ;
- (12) "sorsi diffużi" tfisser il-ħafna sorsi iżgħar jew mifruxa li minnhom jistà jkun hemm rilaxx ta' inkwinanti fl-art, fl-arja jew fl-ilma, li l-impatt magħqud tagħhom fuq dawk il-mezzi jistgħu jkunu sinifikattivi u li għalihom mhux Prattiku li jinġabru rapporti għal kwalunkwe sors individwali;
- (13) "skart" tfisser kwalunkwe sustanza jew oġġett kif definit fl-Artiklu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal- 15 ta' Lulju 1975 dwar skart ⁽¹⁾;
- (14) "skart perikoluż" tfisser kwalunkwe sustanza jew oġġett kif definit fl-Artiklu 1(4) tad-Direttiva 91/689/KEE;
- (15) "ilma ta' dranaġġ" tfisser ilma ta' dranaġġ li ġej minn sorsi urbani, domestiċi jew industrijali, kif definit fl-Artiklu 2 (1), (2) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal- 21 ta' Mejju 1991 dwar it-tisfija ta' l-ilma ta' dranaġġ urban ⁽²⁾, u kwalunkwe ilma użat ieħor li huwa soġġett għar-regolamentazzjoni mill-liġi Komunitarja minħabba s-sustanzi jew oġġetti li fiħ;
- (16) "rimi" tfisser kwalunkwe operazzjoni disposta f' Annes IIA tad-Direttiva 75/442/KEE;
- (17) "irkupru" tfisser kwalunkwe operazzjoni disposta f' Annes IIB tad-Direttiva 75/442/KEE.

Artiklu 3

Kontenut tal-PRTR Ewropew

Il-PRTR Ewropew ser jinkludi informazzjoni dwar:

- (a) rilaxxi ta' inkwinanti imsemmija fl-Artiklu 5(1)(a) li għandhom jiġu rapportati mill-operatori tal-faċilitajiet li qegħdin iwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Anness I;

⁽¹⁾ ĠUL T94, 25.7.1975, p. 39. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

⁽²⁾ ĠUL 135, 30.5.1991, p. 40. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003..

- (b) trasferimenti 'l barra mis-sit ta' skart imsemmi fl-Artiklu 5(1)(b) u ta' inkwinanti f'ilma ta' dranaġġ imsemmi fl-Artiklu 5(1)(ċ), li għandu jiġi rrapurtat mill-operaturi tal-faċilitajiet fejn qed jitwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Anness I;
- (c) rilaxxi ta' inkwinanti minn sorsi diffużi imsemmija fl-Artiklu 8(1), fejn disponibbli.

(c) siti fuq l-internet tal-faċilitajiet jekk dawn jeżistu u jekk il-konnessjonijiet huma mogħtija b'mod volontarju mill-faċilitajiet.

Artiklu 4

Disinn u Struttura

1. Il-Kummissjoni ser tippubblika l-PRTR Ewropew, u b'hekk tippreżenta id-data f'forom kemm aggregati kif ukoll mhux aggregati, sabiex rilaxxi u trasferimenti jistgħu jiġu mfitxija u identifikati permezz ta':

- (a) faċilità, inkluża l-faċilità tal-kumpanija prinċipali fejn japplika, u s-sit ġeografiku tagħha, inkluż il-baċir tax-xmara;
- (b) attività;
- (c) okkorrenza fuq livell ta' l-Istati Membri jew Komunitarju;
- (d) inkwinant jew skart, kif xieraq;
- (e) kull mezz ambjentali (l-arja, l-ilma, l-art) li fih sar ir-rilaxx ta' l-inkwinant;
- (f) trasferimenti 'l barra mis-sit u d-destinazzjoni tagħhom, kif xieraq;
- (g) trasferimenti 'l barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma ta' dranaġġ;
- (h) sorsi diffużi;
- (i) sid jew operatur ta' faċilita'.

2. Il-PRTR Ewropew għandu jkun imfassal sabiex l-aċċess pubbliku jkun l-iktar komdu possibbli sabiex l-informazzjoni, taħt kundizzjonijiet operattivi normali, tkun kontinwament u immedjatament aċċessibbli fl-internet u permezz ta' mezzi elettroniċi oħra. It-fassil tiegħu għandu jieħu in konsiderazzjoni l-possibbiltà l-espansjoni tiegħu fil-ġejjieni u għandu jinkludi kull data li ġiet rapurtata fis-snin preċedenti ta' rapportar, sa mill-inqas l-aħħar għaxar snin preċedenti ta' rapportar.

3. Il-PRTR Ewropew ser jinkludi konnessjonijiet ma':

- (a) Il-PRTR nazzjonali ta' l-Istati Membri;
- (b) databases attwali oħra li huma rilevanti, aċċessibbli mill-pubbliku dwar affarijiet relatati mal-PRTR, li jinkludu PRTR nazzjonali ta' Partijiet oħra tal-Protokoll u, fejn jista' jsir, għal dawk ta' pajjiżi oħra;

Artiklu 5

Rapportar mill-Operaturi

1. L-operatur ta' faċilità li jieħu f'idejha attività waħda jew iktar mill-attivitajiet speċifikati fl-Anness I aktar mil-limiti ta' kapaċità applikabbli kif speċifikati fl-istess Anness għandu jirraporta lill-awtorità kompetenti tiegħu l-ammont annwali, flimkien ma' indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni hijiex imfassla fuq kejl, kalkolu jew stima, ta' dan li ġej:

- (a) rilaxxi fl-arja, fl-ilma, jew fl-art ta' kwalunkwe inkwinant speċifikat fl-Anness II li għalihom il-valur limitu applikabbli speċifikat fl-Anness II ġie maqbuż;
- (b) trasferimenti 'l barra mis-sit ta' skart perikoluż ta' piż ogħla minn żewġ tunnelli fis-sena jew ta' skart mhux perikoluż li l-piż tiegħu hu ogħla minn 2000 tunnelli fis-sena, għal kwalunkwe operazzjonijiet ta' rkupru jew rimi bl-eċċezzjoni ta' l-operazzjonijiet ta' rimi ta' trattament ta' l-art u ta' injezzjoni fil-fond kif imsemmi fl-Artiklu 6, b'indikazzjonijiet bl-ittri "R" jew "D" rispettivament jekk l-iskart huwa destinat għall-irkupru jew għar-rimi u, għal movimenti li jaqsmu l-fruntieri ta' skart perikoluż, l-isem u indirizz ta' min ser jirkupra jew min ser jarmi l-iskart u s-sit effettiv ta' fejn ser isir il-proċess ta' l-irkupru jew tar-rimi;
- (c) trasferimenti 'l barra mis-sit ta' kwalunkwe inkwinant speċifikat fl-Anness II f'ilma tad-dranaġġ li huwa destinat għat-tisfija ta' ilma ta' dranaġġ li għalih il-valur limitu speċifikat fl-Anness II, taħt kolonna 1b ġie maqbuż.

L-operatur ta' kull faċilità li jieħu f'idejha waħda jew iktar mill-attivitajiet speċifikati fl-Anness I 'il fuq mill-valur limitu ta' kapaċità applikabbli speċifikat fl-istess Anness għandu jagħti lill-awtorità kompetenti tiegħu l-informazzjoni li tidentifika l-faċilità skond l-Anness III sakemm tali informazzjoni ma tkunx diġà disponibbli lill-awtorità kompetenti.

Fil-każ ta' data indikata bħala bbażata fuq kejl jew kalkoli l-metodu analitiku u/jew il-metodu ta' kalkolu għandhom jiġu rrapurtati.

Ir-rilaxxi imsemmija fl-Anness II rapportati skond il-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandu jinkludi r-rilaxxi kollha mis-sorsi kollha mdaħħla fl-Anness I fis-sit tal-faċilità.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ser tinkludi informazzjoni dwar rilaxxi u trasferimenti li jirriżultaw bħala total ta' kull attività magħmula deliberatament, aċċidentalment, bħala rutina u mhux bħala rutina.

Meta jipprovdu din l-informazzjoni l-operaturi għandhom jispjefikaw kwalunkwe data li tkun marbuta ma' rilaxxi aċċidentali, meta din tkun disponibbli.

3. L-operatur ta' kull faċilità għandu jiġbor bi frekwenza xierqa l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi determinat liema mir-rilaxxi mill-faċilità u mit-trasferimenti 'il barra mis-sit huma soġġetti għar-reqwiziti ta' rapportar taħt paragrafu 1.

4. Meta jiġi preparat ir-rapport, l-operatur ikkonċernat għandu jagħmel użu mill-aħjar informazzjoni disponibbli, li jista' tinkludi data minn monitoraġġ, fatturi ta' emissjoni, ekwazzjonijiet ta' bilanċ ta' massa, monitoraġġ indirett jew kalkoli oħra, ġudizzji ta' inġinerija u metodi oħra skond l-Artiklu 9(1) u skond metodoloġiji approvati internazzjonalment, fejn dawn huma disponibbli.

5. L-operatur ta' kull faċilità kkonċernata għandu jżomm għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri r-reġistri tad-data li minnha għet l-informazzjoni rapportata għal żmien ta' ħames snin, li jibdeu mit-tmiem tas-sena ta' rapportar ikkonċernata. Dawn ir-reġistri għandhom jispjegaw ukoll il-metodoloġija li għet użata għall-ġbir ta' data.

Artiklu 6

Rilaxxi fl-art

Skart li huwa soġġett għal operazzjonijiet ta' rimi ta' "trattament ta' l-art" jew "injezzjoni fil-fond", kif speċifikat fl-Anness II A tad-Direttiva 75/442/KEE, għandu jiġi rapportat bħala rilaxx fl-art biss mill-operatur tal-faċilità li joħloq l-iskart.

Artiklu 7

Rapportar mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, b'kunsiderazzjoni meħuda għar-reqwiziti imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artiklu, data sa meta l-operaturi ser ikollhom jipprovdu kull data msemmija fl-Artikoli 5(1) u (2) u l-informazzjoni msemmija fl-Artiklu 5(3), (4) u (5) lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-data kollha msemmija fl-Artiklu 5(1) u (2) lill-Kummissjoni permezz ta' trasferiment elettroniku skond il-format mogħti fl-Anness III u skond l-iskadenzi li ġejjin:

- (a) għall-ewwel sena ta' rapportar, sa tmintax-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' rapportar;
- (b) għas-snin kollha ta' rapportar wara dan, sa ħmistax-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' rapportar.

L-ewwel sena ta' rapportar ser tkun is-sena 2007.

3. Il-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tinkorpora l-informazzjoni rapportata mill-Istati Membri fil-PRTR Ewropew skond l-iskadenzi li ġejjin:

- (a) għall-ewwel sena ta' rapportar, sa 21 xahar mit-tmiem tas-sena ta' rapportar;

- (b) għas-snin ta' rapportar wara dan, sa 16-il xahar wara t-tmiem tas-sena ta' rapportar.

Artiklu 8

Rilaxxi minn Sorsi Diffużi

1. Il-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tinkludi fil-PRTR Ewropew informazzjoni dwar rilaxxi minn sorsi diffużi fejn tali informazzjoni teżisti u tkun diġà għet rapportata mill-Istati Membri.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ser tiġi organizzata b'tali mod sabiex l-utenti jkunu jistgħu jfittxu u jidentifikaw ir-rilaxxi ta' inkwinanti minn sorsi diffużi skond des-aggregazzjoni ġeografika adegwata u ser tinkludi informazzjoni dwar it-tip ta' metodoloġija użata sabiex tinkiseb l-informazzjoni.

3. Fejn il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li ma teżisti ebda data dwar rilaxxi minn sorsi diffużi, għandha tiegħu miżuri sabiex jinbda rapportar dwar rilaxxi ta' inkwinanti relevanti minn sors diffuż wieħed jew aktar skond il-proċedura msemmija fl-Artiklu 19(2), bl-użu ta' metodoloġiji approvati internazzjonalment fejn xieraq.

Artiklu

9

Assigurazzjoni ta' Kwalità u Valutazzjoni

1. L-operatur ta' kull faċilità soġġett għar-reqwiziti ta' rapportar imsemmija fl-Artiklu 5 għandu jassigura l-kwalità ta' l-informazzjoni li jirraporta.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kwalità tad-data provduta mill-operaturi tal-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari dwar il-kompletezza, konsistenza u kredibilità tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina xogħol ta' assigurazzjoni ta' kwalità u ta' valutazzjoni ta' kwalità b'konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artiklu 19(1).

4. Il-Kummissjoni tista' taddotta linji gwida għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet skond il-proċedura msemmija fi Artiklu 19(2). Dawn il-linji gwida għandhom ikunu bi qbil ma' metodoloġiji approvati internazzjonalment, fejn xieraq, u għandhom ikunu konsistenti ma' leġislazzjoni Komunitarja oħra.

Artiklu 10

Aċċess għall-informazzjoni

1. Il-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, ser tagħmel il-PRTR Ewropew aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' disseminazzjoni mingħajr ħlas fuq l-Internet skond il-qafas ta' żmien dispot fl-Artiklu 7(3).

2. Fejn l-informazzjoni li tinstab fil-PRTR Ewropew mhix faċilment aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' mezzi elettroniċi diretti, l-Istat Membru konċernat u l-Kummissjoni għandhom jiffaċilitaw l-aċċess elettroniku għall-PRTR Ewropew f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku.

Artiklu 11

Kunfidenzjalità

Kull meta l-informazzjoni tinżamm kunfidenzjali minn Stat Membru skond l-Artiklu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għal informazzjoni ambjentali, l-Istat Membru għandu, fir-rapport tiegħu skond l-Artiklu 7(2) ta' dan ir-Regolament għas-sena ta' rapportar konċernata, jindika separatament għal kull faċilità li titlob kunfidenzjalità liema tip ta' informazzjoni għet miżmuma u r-raġuni għaliex inżammet.

Artiklu 12

Parteċipazzjoni Pubblika

1. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi lill-pubbliku b'opportunitajiet bikrija u effettivi sabiex jieħu sehem fl-iżvilupp ulterjuri tal-PRTR Ewropew, inkluż bini tal-kapaċità u l-preparazzjoni ta' emendi lil dan ir-Regolament.

2. Il-pubbliku ser ikollu l-opportunità li jippreżenta kwalunkwe kumment, informazzjoni, analiżi jew opinjonijiet li huma rilevanti f'qafas ta' żmien raġonevoli.

3. Il-Kummissjoni ser tieħu kont xieraq ta' tali input u ser tinforma lill-pubbliku dwar ir-riżultat tal-parteċipazzjoni pubblika.

Artiklu 13

Aċċess għall-Ġustizzja

Aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet relatati ma' l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali ser jkun żgurat skond l-Artiklu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE u, fejn jikkonċerna l-istituzzjonijiet tal-Komunità, skond l-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (?).

Artiklu 14

Dokument ta' Gwida

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa dokument ta' gwida li jservi ta' appoġġ għall-implementazzjoni tal-PRTR Ewropew mill-iktar fis possibbli imma mhux aktar tard minn erba' xhur qabel il-bidu ta' l-ewwel sena ta' rapportar u f'konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artiklu 19(1).

(+) ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.

(?) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

2. Id-dokument ta' gwida għall-implementazzjoni tal-PRTR Ewropew ser jindirizza b' mod partikolari dettalji dwar dan li ġej:

- (a) proċeduri ta' rapportar;
- (b) id-data li għandha tiġi rapportata;
- (c) assigurazzjoni u valutazzjoni tal-kwalità;
- (d) indikazzjoni tat-tip ta' informazzjoni miżmuma u r-raġuni għaliex għet miżmuma fil-każ ta' data kunfidenzjali;
- (e) referenza għal metodi ta' determinazzjoni u analitiċi dwar rilaxx approvat internazzjonalment, metodoloġiji ta' ġbir ta' kampjuni;
- (f) indikazzjoni tal-kumpanniji prinċipali;
- (g) kodifikazzjoni ta' attivitajiet skond l-Anness I ta' dan ir-Regolament u tad-Direttiva 96/61/KE.

Artiklu 15

Tqajjim ta' Kuxjenza

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jrin jippromwovu kuxjenza pubblika dwar il-PRTR Ewropew u se jrin jassiguraw li tingħata assistenza għall-aċċess għal PRTR Ewropew u sabiex tiftiehem u tintuża l-informazzjoni li hemm fiha.

Artiklu 16

Informazzjoni addizzjonali li trid tiġi rapportata mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom, f'rapport wieħed ibbażat fuq informazzjoni minn l-aħħar tliet snin ta' rapportar li jridu jiġu preżentati kull tliet snin flimkien mad-data provduta skond l-Artiklu 7, jinformat lill-Kummissjoni dwar prattiki u miżuri meħuda dwar dan li ġej:

- (a) rekwiżiti skond l-Artiklu 5;
- (b) assigurazzjoni u valutazzjoni tal-kwalità skond l-Artiklu 9;
- (c) aċċess għall-informazzjoni skond l-Artiklu 10(2);
- (d) attivitajiet li jqajjmu kuxjenza skond l-Artiklu 15;
- (e) kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni skond l-Artiklu 11;
- (f) penali stabbiliti skond l-Artiklu 20 u esperjenzi mill-applikazzjoni tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal kwestjonarju, li għandu jkun adottat skond il-proċedura stipulata fl-Artiklu 19(2) sabiex tiffaċilita r-rapportar mill-Istati Membri imsemmi fil-paragrafu 1.

Artiklu 17

Reviżjoni mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri skond l-Artiklu 7 u wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri għandha tippubblika rapport kull tliet snin ibbażat fuq l-informazzjoni disponibbli mill-aħħar tliet snin ta' rapportar, sitt xhur wara l-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni permezz ta' l-internet.

2. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' valutazzjoni ta' l-operazzjoni tal-PRTR Ewropew.

Artiklu 18

Emendi lill-Annessi

Kwalunkwe emenda meħtieġa għall-adattament ta':

- (a) L-Annessi II jew III ta' dan ir-Regolament mal-progress xjentifiku u tekniku, jew
- (b) L-Annessi II u III ta' dan ir-Regolament bħala riżultat ta' l-adozzjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet mal-Protokoll ta' kwalunkwe emenda lill-Annessi tal-Protokoll,

għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artiklu 19(2).

Artiklu 19

Proċedura ta' Kunitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kunitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 8 tagħha.

Il-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artiklu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

Artiklu 20

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom iwettqu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li dawn jiġu implimentati. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b' dawk id-disposizzjonijiet sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwaha.

Artiklu 21

Emendi għad-Direttivi 91/689/KEE u 96/61/KE

1. L-artiklu 8(3) tad-Direttiva 91/689/KEE ser jiġi mħassar.

2. L-artiklu 15(3) tad-Direttiva 96/61/KE ser jiġi mħassar.

Artiklu 22

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, nhar it- 18 ta' Jannar 2006.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

Għall-Kunsill
Il-President
H. WINKLER
internetInternetinternetinternetInternetint
ernet



ANNEX I

Attivitajiet

Nru	Attività	Valur limitu ta' Kapacià
1.	Is-Settur ta' l-Enerġija	
(a)	Raffineriji ta' żjut minerali u gassijiet	* (1)
(b)	Installazzjonijiet għall-gassifikazzjoni u likwefazzjoni	*
(c)	Power stations termali u installazzjonijiet oħra ta' kombustjoni	Bi dħul enerġetiku ta' sħana ta' 50 megawatt (MW)
(d)	Fran tal-kokk	*
(e)	Mtieħen li jdawru l-faħam	B'kapacià ta' tunnellata fis-siegħa
(f)	Installazzjonijiet għall-manifattura ta' prodotti tal-faħam u fjuwil solidu li ma jdaħħanx	*
2.	Produzzjoni u proċessar ta' metalli	
(a)	Installazzjonijiet ta' metalli mhux maħduma (inklużi metalli mhux maħduma taħt forma ta' sulfidi) għax-xiwi jew taħt forma ta' sħana	*
(b)	Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' haħid jew azzar mhux pur (taħlil primarju jew sekondarju) inkluż l-iffurmar kontinwu	B'kapacià ta' 2,5 tunnellata fis-siegħa
(c)	Installazzjonijiet għall-ipproċessar ta' metalli li għandhom proprjetajiet kimiċi bħal tal-haħid: (i) Mtieħen li jduru fis-sħana (ii) Ferreriji li jaħdmu bil-mazez (iii) Applikazzjoni ta' kisja protettiva bil-metall imdewweb	B'kapacià ta' 20 tunnellata fis-siegħa ta' azzar mhux ipproċessat B'enerġija ta' 50 kilojoule għal kull mazza, fejn l-enerġija kalorifika użata teċċedi 1-20 MW Bi dħul ta' 2 tunnellati fis-siegħa ta' azzar mhux ipproċessat
(d)	Ferreriji ta' metalli li għandhom proprjetajiet kimiċi bħal tal-haħid	B'kapacià produttiva ta' 20 tunnellata fil-ġurnata
(e)	Installazzjonijiet: (i) Għall-produzzjoni ta' metalli mhux ipproċessati li m'għandhomx proprjetajiet bħal tal-haħid minn metall mhux maħdum, koncentratu jew materjali li mhux maħduma sekondarji permezz ta' proċeduri metallurġiċi, kimiċi jew elettrolitiċi (ii) Għat-tidwib, inkluż l-illigar, ta' metalli li m'għandhomx proprjetajiet bħal tal-haħid, inklużi rkuprati (raffinar, ifformar bil-forġa, eċċ.)	* B'kapacià ta' tidwib ta' 4 tunnellati fil-ġurnata għaċ-ċomb u l-kadmium jew 20 tunnellata kull ġurnata għall-metalli l-oħra kollha
(f)	Installazzjonijiet għat-trattament tas-superfiċi ta' metalli u materjali ta' plastik permezz ta' proċess ta' elettroliżi jew kimiku	Fejn il-volum tat-tankijiet fejn isir it-trattament huwa ta' 30 m ³
3.	Industrija Minerali	
(a)	Operazzjonijiet ta' xogħol f' minjieri taħt l-art u operazzjonijiet relatati	*
(b)	Proċess ta' tneħħija tas-saffi tal-wiċċ ta' minjieri u xogħol fil-barriera	Fejn is-superficie ta' l-erja li effettivament qed tiġi mħaffra hija ta' 25 ettaru

(c)	Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' (i) Gagazza tal-konkos f' kalkarjiet rotatorji (ii) Ġir f' kalkarjiet rotatorji (iii) Gagazza tal-konkos jew ġir fi fran oħra	B'kapaċità ta' produzzjoni ta' 500 tunnellata kuljum B'kapaċità ta' produzzjoni ta' 50 tunnellata kuljum B'kapaċità ta' produzzjoni ta' 50 tunnellata kuljum
(d)	Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' asbestos u l- manifattura ta' prodotti bbażati fuq l-asbestos	*

Nru	Attività	Valur Limitu ta' Kapaċità
(e)	Installazzjonijiet għall-manifattura ta' ħġieġ, inkluża fibra tal-ħġieġ	B'kapaċità ta' tidwib ta' 20 tunnellata kuljum
(f)	Installazzjonijiet għat-tidwib ta' sustanzi minerali, inkluża l-produzzjoni ta' fibra tal-ħġieġ	B'kapaċità ta' tidwib ta' 20 tunnellata kuljum
(g)	Installazzjonijiet għall-manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika permezz ta' ħami, b'mod partikolari madum tas-soqfa, briks, briks refrattorji, madum, prodotti tal-ġebel jew porċellana	B'kapaċità ta' produzzjoni ta' 75 tunnellata kuljum, jew b'kapaċità ta' kalkara ta' 4 m ³ u b'densità ta' tagħqid għal kull kalkara ta' 300kg/m ³
4. (a)	<p>Industrija tal-Kimika</p> <p>Installazzjonijiet Kimiċi għall-produzzjoni fuq skala industrijali ta' kimiċi organiċi bażiċi, bħalma huma:</p> <p>(i) idrokarbonijiet sempliċi (linejari jew ċikliċi, saturati jew mhux saturati, alifatiki jew aromatiċi)</p> <p>(ii) idrokarbonijiet li fihom l-ossiġenu bħall-alkoholijiet, aldehidi, ketonijiet, aċidi karboxiliċi, ester, aċetati, eteri, perossidi, epoxi reżini</p> <p>(iii) idrokarbonijiet Sulferużi</p> <p>(iv) idrokarbonijiet Nitroġeniċi bħall-amini, amidi, komposti nitrużi, komposti nitro jew nitrati, nitrili, ċjanati, isoċjanati</p> <p>(v) idrokarbonijiet ħaloġeniċi</p> <p>(vi) Halogenic hydrocarbons</p> <p>(vii) komposti organometalliċi</p> <p>(viii) materjali bażiċi tal-plastik (polimeri, fibri sintetiċi u fibri li huma bbażati fuq iċ-ċelluloża)</p> <p>(ix) lastki sintetiċi</p> <p>(x) kuluranti u pigmenti</p> <p>(xi) aġenti li huma attivi fuq il-wiċċ tagħhom u sustanzi li jnaqqsu s-surface tension</p>	*

(b)	<p>Installazzjonijiet Kimiċi għall-produzzjoni fuq skala industrijali ta' kimiċi inorganiċi bażiċi, bħalma huma:</p> <p>(i) Gassijiet, bħalma huma l-ammonja, kloru jew idrokloru, fluworu jew idrofluworu, ossidi tal-karbon, komposti tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, idroġenu, dijossidu tal-kubrit, karbonil kloridu</p> <p>(ii) Aċidi, bħalma huma l-aċidu kromiku, aċidu idrofluworiku, aċidu fosforiku, aċidu nitriku, aċidu idrokloriku, aċidu sulfuriku, oleum, aċidi sulferuż</p> <p>(iii) Bażi, bħalma huma l-ammonju idrossidu, il-potassju idrossidu, is-sodju idrossidu</p> <p>(iv) Melħ, bħalma huma amonja klorika, potassju klorat, karbonat tal-potassju, karbonat tas-sodju, perborat, nitrat tal-fidda</p> <p>(v) Sustanzi mhux metalliċi, ossidi tal-metall jew komposti inorganiċi oħra bħalma huma l-karbidu tal-kalċju, silicon, karbidu tas-silikon</p>	*
-----	--	---

Nru	Attività	Valur Limitu ta' Kapaċità
(c)	Installazzjonijiet kimiċi għall-produzzjoni fuq skala industrijali ta' fertilizzanti bbażati fuq il-fosfru, nitroġenu jew potassiu (fertilizzanti sempliċi jew komposti)	*
(d)	Installazzjonijiet kimiċi għall-produzzjoni ta' prodotti bażiċi għas-saħħa tal-pjanti u bijoċiċi fuq skala industrijali	*
(e)	Installazzjonijiet li jużaw proċess kimiku jew bijoloġiku għall-produzzjoni fuq skala industrijali ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi	*
(f)	Installazzjonijiet għall-produzzjoni fuq skala industrijali ta' splussivi u prodotti pirotekniċi	*
5.	Maniġġjar ta' skart u ilma ta' dranaġġ	
(a)	Installazzjonijiet għall-irkuprar jew ir-rimi ta' skart perikoluż	Jirċievu 10 tunnelli ta' kuljum
(b)	Installazzjonijiet għall-inkenerizzazzjoni ta' skart mhux perikoluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 4 ta' Diċembru 2000 dwar il-ħruq ta' skart ⁽²⁾	B'kapaċità ta' 3 tunnelli ta' fis-siegħa
(c)	Installazzjonijiet għar-rimi ta' skart mhux perikoluż	B'kapaċità ta' 50 tunnelli ta' kuljum
(d)	<i>Landfills</i> (ħlief <i>landfills</i> ta' skart inertu u <i>landfills</i> li ġew magħluqa definittivament qabel is- 16.7.2001 jew li għalihom il-fażi ta' azzjonijiet wara li nqas meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti skond l-Artiklu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas- 26 ta' April 1999 dwar il-landfill ta' skart ⁽³⁾ tkun skadiet)	Jirċievu 10 tunnelli ta' kuljum jew b'kapaċità ta' 25000 tunnelli ta'
(e)	Installazzjonijiet għar-rimi jew riċiklaġġ ta' karkassi ta' animali jew skart minn animali	B'kapaċità ta' 10 tunnelli ta' kuljum
(f)	Impjanti ta' trattament ta' ilma ta' dranaġġ urban	B'kapaċità ta' 100000 ta' ekwivalenzi mal-popolazzjoni
(g)	Impjanti ta' trattament ta' ilma ta' dranaġġ industrijali li huma operati b'mod indipendenti li jiżvolġu waħda jew aktar mill-attivitajiet imfassla f' dan l-anness	B'kapaċità ta' 10000 m ³ kuljum ⁽⁴⁾
6.	Produzzjoni u proċessar ta' karta u injam	
(a)	Impjanti industrijali għall-produzzjoni ta' polpa minn injam jew minn materjali fibrużi oħra	*
(b)	Impjanti industrijali għall-produzzjoni ta' karti u folja u ta' prodotti ta' injam primarji oħra (bħalma huma ċ-ċipbord, fiberbord, u plajwudd)	B'kapaċità produttiva ta' 20 tunnelli ta' kuljum
(c)	Impjanti industrijali għall-preżervazzjoni ta' l-injam u prodotti ta' l-injam permezz tal-kimika	B'kapaċità produttiva ta' 50 m ³ kuljum
7.	Produzzjoni intensiva ta' bhejjem u akkwakultura	
(a)	Installazzjonijiet għat-trobbija intensiva ta' tajr tad-dar jew ħnieżer	(i) B'40000 post għat-tajr (ii) B'2000 post għall-produzzjoni ta' ħnieżer (b'piż iktar minn 30 kg) (iii) B'750 post għall-ħnieżer
(b)	Akkwakultura intensiva	B'kapaċità produttiva ta' 1000 tunnelli ta' ħut jew frott tal-baħar fis-sena

Nru	Attività	Valur Limitu ta' Kapaċità
8.	Prodotti animali u veġetali mis-settur ta' l-ikel u tax-xorb	
(a)	Biċċeriji	B'kapaċità produttiva ta' karkassi ta' 50 tunnellata kuljum
(b)	Trattament u pproċessar intenzjonat għall-produzzjoni ta' prodotti ta' ikel u xorb minn: (i) Materjali ewlenin minn animali (hliief ħalib) (ii) Materjali ewlenin veġetali	B'kapaċità produttiva ta' prodott aħħari ta' 75 tunnellata kuljum B'kapaċità produttiva ta' prodott aħħari ta' 300 tunnellata kuljum (valur medju fuq medda ta' kwart ta' sena)
(c)	Trattament u pproċessar ta' ħalib	B'kapaċità li jirċievu 200 tunnellata ta' ħalib kuljum (valur medju fuq bażi annwali)
9.	Attivitajiet oħra	
(a)	Impjanti għall-pretrattament (operazzjonijiet bħalma huma l-ħasil, l-ibbliċjar, il-merċerizzazzjoni) jew kolorazzjoni ta' fibri jew tessili	B'kapaċità ta' trattament ta' 10 tunnellati kuljum
(b)	Impjanti għall-kunzatura ta' ġlud	B'kapaċità ta' trattament ta' 12-il tunnellata ta' prodott aħħari kuljum
(c)	Installazzjonijiet għat-trattament tal-wiċċ ta' sustanzi, oġġetti jew prodotti permezz ta' solventi organiċi, b'mod partikolari għat-tilbiż, stampar, kisi, tneħħija ta' grass, trattament waterproofing, alterazzjoni ta' dimensjoni, tpittir, tindif jew impregnazzjoni	B'kapaċità ta' konsum ta' 150 kg fis-siegħa jew 200 tunnellata fis-sena
(d)	Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' karbon (faħam solidu maħruq) jew elletro-grafita permezz ta' inċenerazzjoni jew grafitazzjoni	*
(e)	Installazzjonijiet għall-bini ta', jew għal- tpittir jew tneħħija ta' żebgħa minn bastimenti	B'kapaċità għal bastimenti li huma ta' tul ta' 100 metru

[1] Asterisk (*) jindika li ma huwa applikabli ebda valur limitu ta' kapaċità (kull faċilità hija soġġetta għar-rapportar).

[2] ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91.

[3] ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

[4] Il-valur limitu tal-kapaċità għandu jkun rivedut sa mhux aktar tard mill-2010 fid-dawl tar-riżultati ta' l-ewwel ċiklu ta' rapportar.

ANNEX II

Inkwinanti (*)

Nru	numru SAK	Inkwinant t ⁽¹⁾	Valur limitu ta' rilaxx (kolonna 1)		
			fl-arja (kolonna 1a) kg/sena	fl-ilma (kolonna 1b) kg/sena	fl-art (kolonna 1c) kg/sena
1	74-82-8	Metanu (CH ₄)	100 000	— ⁽²⁾	—
2	630-08-0	Monossidu Karboniku (CO)	500 000	—	—
3	124-38-9	Dijossidu Karboniku (CO ₂)	100 miljun	—	—
4		Idro-fluworokarbonji (HFCs) ⁽³⁾	100	—	—
5	10024-97-2	Nitro-Ossidu (N ₂ O)	10 000	—	—
6	7664-41-7	Ammonja (NH ₃)	10 000	—	—
7		Komposti volatili organiċi mhux metaniċi (NMVOC)	100 000	—	—
8		Ossidi tan-Nitroġenu (NO _x /NO ₂)	100 000	—	—
9		Perfluworokarbonji (PFCs) ⁽⁴⁾	100	—	—
10	2551-62-4	Kubrit hexafluworidu (SF ₆)	50	—	—
11		Ossidi tal-kubrit (SO _x /SO ₂)	150 000	—	—
12		Nitroġenu totali	—	50 000	50 000
13		Fosfru totali	—	5 000	5 000
14		Idroklorofluworokarbonji (HCFCs) ⁽⁵⁾	1	—	—
15		Klorofluworokarbonji (CFCs) ⁽⁶⁾	1	—	—
16		Halonijiet ⁽⁷⁾	1	—	—
17		Arseniku u komposti tiegħu (bħala As) ⁽⁸⁾	20	5	5
18		Kadmju u komposti tiegħu (bħala Cd) ⁽⁸⁾	10	5	5
19		Kromju u komposti tiegħu (bħala Cr) ⁽⁸⁾	100	50	50
20		Kupru u komposti (bħala Cu) ⁽⁸⁾	100	50	50
21		Merkurju u komposti (bħala Hg) ⁽⁸⁾	10	1	1
22		Nikel u komposti (bħala Ni) ⁽⁸⁾	50	20	20
23		Ċomb u komposti (bħala Pb) ⁽⁸⁾	200	20	20
24		Żingu u komposti (bħala Zn) ⁽⁸⁾	200	100	100
25	15972-60-8	Alaklor	—	1	1
26	309-00-2	Aldrin	1	1	1
27	1912-24-9	Atražin	—	1	1
28	57-74-9	Klordanu	1	1	1

(*) Ir-rilaxxi ta' inkwinanti li jaqgħu taħt diversi kategoriji ta' inkwinanti għandhom ikunu rrapportati għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

Nru	numru SAK	Inkwinant t ⁽¹⁾	Valur Limitu ta' rilaxx (kolonna 1)		
			fl-arja (kolonna 1a) kg/sena	fl-ilma (kolonna 1b) kg/sena	fl-art (kolonna 1c) kg/sena
29	143-50-0	Klordekonu	1	1	1
30	470-90-6	Klorfenvinfosu	—	1	1
31	85535-84-8	Kloro-alkani, C ₁₀ -C ₁₃	—	1	1
32	2921-88-2	Klorpirifos	—	1	1
33	50-29-3	DDT	1	1	1
34	107-06-2	1,2- dikloroetanu (EDC)	1 000	10	10
35	75-09-2	Diklorometanu (DCM)	1 000	10	10
36	60-57-1	Dijeldrin	1	1	1
37	330-54-1	Djuron	—	1	1
38	115-29-7	Endosulfan	—	1	1
39	72-20-8	Endrin	1	1	1
40		Komposti organiċi aloġenati (bħala AOX) ⁽⁹⁾	—	1 000	1 000
41	76-44-8	Heptaklor	1	1	1
42	118-74-1	Hexaklorobenzene (HCB)	10	1	1
43	87-68-3	Hexaklorobutadijene (HCBd)	—	1	1
